Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla Estiża)

20 ta' Diċembru 2023*

"Unjoni Ekonomika u Monetarja – Unjoni Bankarja – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti impriżi ta' investiment (SRM) – Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) – Deċiżjoni tas-SRB dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-2021 – Obbligu ta' motivazzjoni – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' proporzjonalità – Marġni ta' evalwazzjoni tas-SRB – Eċċezzjoni ta' illegalità – Marġni ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni – Limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tas-sentenza"

Fil-Kawża T-389/21,

**Landesbank Baden-Württemberg**, stabbilita fi Stuttgart (il-Ġermanja), irrappreżentata minn H. Berger, M. Weber u D. Schoo, avukati,

rikorrenti,

kontra

**Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)**, irrappreżentat minn J. Kerlin, T. Wittenberg u D. Ceran, bħala aġenti, assistiti minn H.-G. Kamann, F. Louis, P. Gey u L. Hesse, avukati,

konvenut,

sostnut minn

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn D. Triantafyllou, A. Nijenhuis u A. Steiblytė, bħala aġenti,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla Estiża),

komposta minn A. Kornezov, President, G. De Baere, D. Petrlík (Relatur), K. Kecsmár u S. Kingston, Imħallfin,

Reġistratur: S. Jund, amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara s-seduta tas-7 ta' Marzu 2023,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Bir-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Landesbank Baden-Württemberg, titlob l-annullament tad-Deċiżjoni SRB/ES/2021/22 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) tal-14 ta' April 2021 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-2021 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata"), sa fejn din tikkonċernaha.

### I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija istituzzjoni ta' kreditu rregolata mid-dritt pubbliku stabbilita fil-Ġermanja. Din hija marbuta mas-sistema ta' protezzjoni istituzzjonali (iktar 'il quddiem is-"SPI") tal-iSparkassen-Finanzgruppe (il-Grupp Finanzjarju tal-Banek, il-Ġermanja).

3 Permezz tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB iffissa, f'konformità mal-Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1), il-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) (iktar 'il quddiem il-"kontribuzzjonijiet *ex ante*"), għas-sena 2021 (iktar 'il quddiem il-"perijodu ta' kontribuzzjoni 2021"), tal-istituzzjonijiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ikkombinati tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 67(4) ta' dan ir-Regolament (iktar 'il quddiem l-"istituzzjonijiet"), inkluż ir-rikorrenti.

4 Permezz ta' avviż għall-ħlas tal-21 ta' April 2021, il-Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (BaFin, l-Awtorità Federali għas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji, il-Ġermanja), fil-kapaċità tagħha bħala l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem l-"ANR"), skont it-tifsira tal-punt 3 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 806/2014, ordnat lir-rikorrenti tħallas il-kontribuzzjoni tagħha *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, kif kienet ġiet stabbilita mis-SRB.

### II. Id-Deċiżjoni kkontestata

5 Id-Deċiżjoni kkontestata tinkludi t-test ewlieni flimkien ma' tliet annessi.

6 It-test ewlieni tad-Deċiżjoni kkontestata jiddeskrivi l-proċess għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, li japplika għall-istituzzjonijiet kollha.

7 B'mod partikolari, fit-Taqsima 5 tal-imsemmija deċiżjoni, is-SRB iddetermina l-livell fil-mira annwali, imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 tad-19 ta' Diċembru 2014 li jispeċifika kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni

tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 15, p. 1), għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021 (iktar 'il quddiem il-"livell fil-mira annwali").

8 Is-SRB spjega li kien stabbilixxa dan il-livell fil-mira annwali għal wieħed minn tmienja ta' 1.35 % tal-ammont medju ta' depożiti koperti, ikkalkolat kull trimestru, tal-istituzzjonijiet kollha fl-2020 (iktar 'il quddiem l-"ammont medju ta' depożiti koperti fl-2020"), kif miksub mid-data rrapportata mill-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44).

9 Fit-Taqsima 6 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB iddeskriva l-metodoloġija li għandha tiġi segwita għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021. F'dan ir-rigward, huwa ppreċiża, fil-premessa 59 tal-imsemmija deċiżjoni, li għal dak il-perijodu, 13.33 % tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* kienu ġew ikkalkolati fuq "bażi nazzjonali", jiġifieri fuq il-bażi ta' data rrapportata minn istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorju tal-Istat Membru parteċipanti kkonċernat (iktar 'il quddiem il-"bażi nazzjonali"), f'konformità mal-Artikolu 103 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190), u f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat 2015/63. Il-kontribuzzjonijiet *ex ante* li jifdal (jiġifieri 86.67 %) ġew ikkalkolati fuq il-"bażi tal-Unjoni Bankarja", jiġifieri fuq il-bażi ta' data rrapportata mill-istituzzjonijiet kollha awtorizzati fit-territorju tal-Istati Membri kollha li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni (SRM) (iktar 'il quddiem il-"bażi tal-Unjoni" u l-"Istati Membri parteċipanti"), f'konformità mal-Artikoli 69 u 70 tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/81.

10 Fl-istess Taqsima 6 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB spjega wkoll li kien hemm, essenzjalment, żewġ kategoriji ta' istituzzjonijiet suġġetti għall-kontribuzzjonijiet *ex ante*. L-ewwel kategorija tinkludi istituzzjonijiet li għandhom iħallsu kontribuzzjoni b'rata fissa fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tagħhom, bħad-daqs tagħhom jew in-natura tal-attivitajiet tagħhom. Il-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* ta' dawn l-istituzzjonijiet huwa rregolat mill-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament Delegat 2015/63.

11 L-istituzzjonijiet fit-tieni kategorija għandhom iħallsu kontribuzzjoni *ex ante* aġġustata għall-profil tar-riskju tagħhom, li s-SRB stabbilixxa abbażi tal-fażijiet prinċipali li ġejjin.

12 Fl-ewwel fażi, is-SRB ikkalkola, f'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014, il-kontribuzzjoni annwali bażika ta' kull istituzzjoni, li hija proporzjonata għall-ammont tal-passiv tal-istituzzjoni kkonċernata, minbarra l-fondi proprji u d-depożiti koperti (iktar 'il quddiem il-"passiv nett"), fir-rigward tal-obbligazzjonijiet netti tal-istituzzjonijiet kollha awtorizzati fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti. F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat 2015/63, is-SRB naqqas ċerti tipi ta' passivi mill-passiv nett tal-istituzzjoni li għandhom jitqiesu fid-determinazzjoni ta' din il-kontribuzzjoni.

13 Fit-tieni fażi tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante*, is-SRB għamel aġġustament għall-kontribuzzjoni annwali bażika skont il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni kkonċernata, f'konformità mal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014. Huwa evalwa dan il-profil tar-riskju abbażi tal-erba' pilastri tar-riskju msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat 2015/63, li huma magħmula minn indikaturi tar-riskju. Sabiex l-istituzzjonijiet jiġu kklassifikati skont il-livell ta' riskju tagħhom, l-ewwel nett, is-SRB stabbilixxa – għal kull indikatur tar-riskju applikat għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021 – bins (settijiet) li fihom l-istituzzjonijiet ġew miġbura fi gruppi, f'konformità mal-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", fil-punt 3, ta' dan ir-regolament delegat. L-istituzzjonijiet li jappartjenu għall-istess bin ġew assenjati valur komuni għall-indikatur tar-riskju partikolari, imsejjaħ "valur diskret". Billi għaqqad il-valuri diskreti għal kull indikatur tar-riskju, is-SRB ikkalkola l-"multiplikatur tal-aġġustament tar-riskju" tal-istituzzjoni kkonċernata (iktar 'il quddiem il-"multiplikatur tal-aġġustament"). Billi mmultiplika l-kontribuzzjoni annwali bażika ta' din l-istituzzjoni bil-multiplikatur tal-aġġustament tagħha, is-SRB kiseb il-"kontribuzzjoni annwali bażika aġġustata skont il-profil tar-riskju" tal-imsemmija istituzzjoni.

14 Imbagħad, is-SRB żied il-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi kollha aġġustati għar-riskju biex jikseb "denominatur komuni" użat għall-kalkolu tas-sehem tal-livell fil-mira annwali li għandha tħallas kull istituzzjoni.

15 Fl-aħħar nett, is-SRB ikkalkola l-kontribuzzjoni *ex ante* ta' kull istituzzjoni billi qassam il-livell fil-mira annwali bejn l-istituzzjonijiet kollha abbażi tal-proporzjon eżistenti bejn il-kontribuzzjoni annwali bażika aġġustata skont il-profil tar-riskju, minn naħa, u d-denominatur komuni, min-naħa l-oħra.

16 L-Anness I tad-Deċiżjoni kkontestata fih skeda individwali għal kull istituzzjoni suġġetta għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, inkluż ir-rikorrenti, li tinkludi r-riżultati tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* ta' kull waħda minn dawn l-istituzzjonijiet (iktar 'il quddiem l-"iskeda individwali"). Kull waħda minn dawn l-iskedi tistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjoni annwali bażika tal-istituzzjoni kkonċernata kif ukoll il-valur tal-multiplikatur tal-aġġustament tagħha, kemm fuq il-bażi tal-Unjoni kif ukoll fuq il-bażi nazzjonali, billi ssemmi, għal kull indikatur tar-riskju, in-numru tal-bin li tkun ġiet assenjata l-imsemmija istituzzjoni. Barra minn hekk, l-iskeda individwali tagħti d-data li tintuża għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-istituzzjonijiet kollha kkonċernati u li s-SRB iddeterminaha billi żied jew għaqqad id-data individwali ta' dawn l-istituzzjonijiet kollha. Fl-aħħar nett, din l-iskeda tinkludi d-data ddikjarata mill-istituzzjoni kkonċernata fil-formola tad-dikjarazzjoni u użata fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha.

17 L-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata jinkludi data statistika relatata mal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għal kull Stat Membru parteċipanti, b'mod sommarju u f'forma aggregata. Dan l-anness jippreċiża, b'mod partikolari, l-ammont globali tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* li għandhom jitħallsu mill-istituzzjonijiet ikkonċernati għal kull wieħed minn dawn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-imsemmi anness jelenka, għal kull indikatur tar-riskju, l-għadd ta' bins, l-għadd ta' istituzzjonijiet li jappartjenu għal kull wieħed mill-bins kif ukoll il-valuri minimi u massimi ta' dawn il-bins. Fil-każ ta' bins relatati mal-bażi nazzjonali, dawn il-valuri, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, jitnaqqsu jew jiżdiedu b'ammont aleatorju, fejn tinżamm id-distribuzzjoni oriġinali tal-istituzzjonijiet.

18 L-Anness III tad-Deċiżjoni kkontestata, intitolat "Evalwazzjoni tal-kummenti mressqa fil-kuntest tal-konsultazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-2021", jeżamina l-osservazzjonijiet magħmula mill-istituzzjonijiet matul il-proċedura ta' konsultazzjoni li saret mis-SRB bejn il-5 u d-19 ta' Marzu 2021 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Deċiżjoni kkontestata.

## III. It-talbiet tal-partijiet

19 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Deċiżjoni kkontestata, inklużi l-annessi tagħha, sa fejn din tikkonċernaha;

– sussidjarjament, tikkonstata li d-Deċiżjoni kkontestata hija legalment ineżistenti, sa fejn din tikkonċernaha;

– tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż.

20 Is-SRB jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż;

– sussidjarjament, fil-każ ta' annullament tad-Deċiżjoni kkontestata, iżżomm l-effetti tad-Deċiżjoni kkontestata sakemm tiġi sostitwita jew, tal-inqas, għal perijodu ta' sitt xhur mid-data li fiha s-sentenza ssir definittiva.

21 Il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## IV. Id-dritt

22 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti inizjalment qajmet għaxar motivi, ibbażati:

– l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 81(1) tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Nru 1 tal-Kunsill tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3);

– it-tieni wieħed, fuq ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41(1) u (2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata;

– it-tielet wieħed, fuq ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantit mill-Artikolu 47(1) tal-Karta;

– ir-raba' wieħed, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 4 sa 9 kif ukoll tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, ibbażata fuq il-ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantit mill-Artikolu 47(1) tal-Karta u fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali;

– il-ħames wieħed, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59, tal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1), tal-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju", tal-prinċipju tal-preċiżjoni tal-leġiżlazzjoni abbażi tal-istat tad-dritt u tal-obbligu li jitqiesu bis-sħiħ il-fatti, fuq il-bażi li din id-dispożizzjoni ma tistax tqis il-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju "sħubija f'SPI" (iktar 'il quddiem l-"indikatur tar-riskju tas-SPI"), filwaqt li tqis l-indikatur tar-riskju "attivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà";

– is-sitt wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013, tal-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59, tal-Artikoli 16 u 20 tal-Karta, tal-prinċipju tal-proporzjonalità u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba;

– is-seba' wieħed, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 6, 7 u 9 kif ukoll tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, ibbażata fuq ksur tal-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju", tal-Artikoli 16 u 20 tal-Karta, tal-prinċipju tal-proporzjonalità u tal-obbligu li jitqiesu l-fatti kollha;

– it-tmien wieħed, fuq ksur tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta, minħabba l-inadegwatezza tal-aġġustament tal-kontribuzzjoni *ex ante* tar-rikorrenti għall-profil tar-riskju tagħha;

– id-disa' wieħed, fuq ksur tal-Artikoli 16, 20, 41 u 52 tal-Karta, minħabba li d-Deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn bosta żbalji manifesti ta' evalwazzjoni;

– l-għaxar wieħed, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59 u tal-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju".

23 Barra minn hekk, ir-rikorrenti qajmet, fir-replika tagħha, il-ħdax-il motiv, ibbażat, minn naħa, fuq ksur tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014 kif ukoll tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta u, min-naħa l-oħra, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 69 u 70 tar-Regolament Nru 806/2014, ibbażata fuq ksur tal-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju", tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta, tar-rekwiżiti tal-Istat tad-dritt u tal-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni v L-Awtorità Għolja (10/56, EU:C:1958:8).

24 Jeħtieġ li l-ewwel jiġu eżaminati l-motivi li bihom ir-rikorrenti teċċepixxi l-illegalità tal-Artikoli 4 sa 9 u 20 kif ukoll tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, imbagħad il-motivi relatati direttament mal-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata.

### A. Fuq l-eċċezzjonijiet ta' illegalità tal-Artikoli 4 sa 9 u 20 kif ukoll tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63

#### *1. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 4 sa 9 kif ukoll tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, peress li jiksru l-prinċipji ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u ta' ċertezza legali*

25 Ir-raba' motiv huwa fformulat fuq żewġ partijiet.

26 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat 2015/63 jipprevedi li s-SRB għandu jikkalkola l-kontribuzzjoni *ex ante* li għandha titħallas minn kull istituzzjoni b'mod proporzjonat mal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn din l-istituzzjoni u skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikoli 4 sa 13 ta' dan ir-regolament delegat.

27 L-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat 2015/63, intitolat "Aġġustament tar-riskju tal-kontribuzzjoni annwali bażika", jindika, b'mod partikolari, l-passivi li huma esklużi mill-kalkolu ta' dawn il-kontribuzzjonijiet. L-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament delegat jelenka l-pilastri u l-indikaturi tar-riskju li għandhom jitqiesu mis-SRB fil-valutazzjoni tal-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet, filwaqt li l-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament delegat jispeċifika l-ponderazzjoni relattiva ta' kull pilastru tar-riskju u indikatur tar-riskju li għandha tiġi applikata mis-SRB fil-valutazzjoni tal-profil tar-riskju ta' kull istituzzjoni.

28 L-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat 2015/63 huwa, min-naħa tiegħu, relatat mal-applikazzjoni ta' indikaturi tar-riskju f'każijiet speċifiċi.

29 Barra minn hekk, l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat 2015/63, intitolat "Applikazzjoni tal-aġġustament tar-riskju tal-kontribuzzjoni annwali bażika", jipprevedi li s-SRB għandu jikkalkola l-multiplikatur tal-aġġustament abbażi tal-indikaturi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament delegat skont il-formula u l-proċeduri stabbiliti fl-Anness I tal-imsemmi regolament delegat u li għandu jikkalkola l-kontribuzzjoni annwali ta' kull istituzzjoni għal kull perijodu ta' kontribuzzjoni billi jimmultiplika l-kontribuzzjoni annwali bażika b'dak il-multiplikatur tal-aġġustament, skont il-formula u l-proċeduri stabbiliti fl-Anness I ta' dan l-istess regolament delegat.

30 Fl-aħħar nett, l-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 jistabbilixxi l-proċedura għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali tal-istituzzjonijiet f'diversi passi.

##### *a) Fuq l-ewwel parti, dwar allegat ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva*

31 Ir-rikorrenti ssostni li l-Artikoli 4 sa 9 u l-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 jiksru l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif stabbilit fl-Artikolu 47(1) tal-Karta. Qabelxejn, dawn id-dispożizzjonijiet joħolqu sistema opaka għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, peress li jipprevedu, għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, l-użu ta' informazzjoni koperta mis-sigriet kummerċjali, li tipprevjeni lis-SRB milli jipprovdi motivazzjoni suffiċjenti għad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-imsemmija kontribuzzjonijiet. Tabilħaqq, minkejja l-fatt li l-ammont tal-kontribuzzjoni *ex ante* ta' kull istituzzjoni jiddependi mid-data relatata mal-istituzzjonijiet l-oħra, in-natura kunfidenzjali ta' din id-data tipprekludi l-iżvelar tagħha lill-istituzzjoni kkonċernata.

32 Sussegwentement, l-imsemmija dispożizzjonijiet joħolqu sistema għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* li hija kkaratterizzata minn bosta marġni ta' evalwazzjoni għas-SRB, li jkompli jżid l-opaċità tar-regolament ikkonċernat.

33 Fl-aħħar nett, ma huwiex possibbli għall-Qorti Ġenerali li tistħarreġ il-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata, peress li din ma għandhiex is-software użat mis-SRB biex jikkalkola l-kontribuzzjonijiet *ex ante*, li huwa meħtieġ sabiex jiġi vverifikat il-kalkolu ta' dawn il-kontribuzzjonijiet.

34 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

35 L-Artikoli 4 sa 9 tar-Regolament Delegat 2015/63 jistabbilixxu, kif jirriżulta mill-punti 26 sa 30 iktar 'il fuq, ir-regoli li għandhom jiġu applikati mis-SRB biex jiddetermina l-kontribuzzjoni annwali bażika u biex jaġġustaha skont il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet. Dawn ir-regoli mbagħad huma implimentati, b'mod iktar konkret, fl-Anness I ta' dan ir-regolament delegat.

36 Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-aġġustament tal-kontribuzzjoni annwali bażika ta' kull istituzzjoni skont il-profil tar-riskju tagħha huwa bbażat fuq it-tqabbil tad-data individwali tal-istituzzjonijiet kollha kkonċernati. Issa, is-SRB iqis li din id-data kollha hija koperta mis-sigriet kummerċjali, u għalhekk ma jistax jikkomunikaha lill-istituzzjonijiet li l-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom hija kkalkolata fid-deċiżjoni li tistabbilixxi l-ammont ta' dawn il-kontribuzzjonijiet.

37 L-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta teżiġi li l-parti kkonċernata tkun tista' tkun taf ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni meħuda fil-konfronti tagħha, jew billi taqra d-deċiżjoni nnifisha, jew billi dawn ir-raġunijiet jiġu kkomunikati fuq talba tagħha, mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti kompetenti li teżiġi li l-awtorità inkwistjoni tikkomunika l-imsemmija raġunijiet, sabiex tkun tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u tiddeċiedi b'għarfien sħiħ tal-fatti jekk huwiex utli li l-kwistjoni titressaq quddiem il-qorti kompetenti, kif ukoll biex din tal-aħħar tkun tista' teżerċita stħarriġ sħiħ tal-legalità tad-deċiżjoni inkwistjoni (ara s-sentenzi tas-26 ta' April 2018, Donnellan, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 55, u tal-24 ta' Novembru 2020, Minister van Buitenlandse Zaken, C-225/19 u C-226/19, EU:C:2020:951, punt 43).

38 Barra minn hekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' kontradittorju, li jagħmel parti mid-drittijiet tad-difiża msemmija fl-Artikolu 47 tal-Karta, il-partijiet fi proċess għandu jkollhom id-dritt li jsiru jafu bid-dokumenti u l-osservazzjonijiet kollha ppreżentati lill-qorti sabiex jinfluwenzaw id-deċiżjoni tagħha u li jiddiskutuhom. Fil-fatt, id-dritt fundamentali għal rimedju ġudizzjarju effettiv ma jippermettix li deċiżjoni ġudizzjarja tiġi bbażata fuq fatti u dokumenti li l-partijiet stess, jew waħda minnhom, ma setgħux ikunu jafu bihom u li għalhekk ma setgħux jieħdu pożizzjoni dwarhom (ara s-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2013, ZZ, C-300/11, EU:C:2013:363, punti 55 u 56, u tat-23 ta' Ottubru 2014, Unitrading, C-437/13, EU:C:2014:2318, punt 21).

39 Madankollu, f'ċerti każijiet eċċezzjonali, awtorità tal-Unjoni tista' toġġezzjona għall-komunikazzjoni lill-parti ikkonċernata tar-raġunijiet preċiżi u sħaħ li jikkostitwixxu l-fondatezza ta' deċiżjoni meħuda kontriha, billi tinvoka motivi relatati mal-protezzjoni tad-data kunfidenzjali. F'każ bħal dan, huwa meħtieġ li jiġu implimentati tekniki u regoli tad-dritt li jagħmluha possibbli li jiġu rrikonċiljati, minn naħa, il-kunsiderazzjonijiet leġittimi relatati mal-protezzjoni tad-data kunfidenzjali li tkun ġiet ikkunsidrata għall-adozzjoni ta' tali deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jiġi ggarantit b'mod suffiċjenti lill-parti r-rispett tad-drittijiet

proċedurali tagħha, bħad-dritt għal smigħ kif ukoll il-prinċipju ta' kontradittorju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punti 115 sa 120; ara wkoll, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 125).

40 Fid-dawl tan-natura speċifika tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, tali konċiljazzjoni għandha titwettaq ukoll fil-każ tal-kalkolu ta' tali kontribuzzjonijiet. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessi 105 sa 107 tad-Direttiva 2014/59 u mill-premessa 41 tar-Regolament Nru 806/2014, l-imsemmija kontribuzzjonijiet huma maħsuba biex jiżguraw, f'loġika relatata mal-garanzija, li s-settur finanzjarju jipprovdi biżżejjed riżorsi finanzjarji lis-SRM sabiex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, filwaqt li jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' modi ta' operat inqas riskjużi mill-istituzzjonijiet ikkonċernati. Għalhekk, il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* huwa bbażat, mhux fuq l-applikazzjoni ta' rata għal bażi taxxabbli, iżda abbażi tal-Artikoli 102 u 103 tad-Direttiva 2014/59 kif ukoll tal-Artikoli 69 u 70 tar-Regolament Nru 806/2014, fuq id-definizzjoni ta' livell fil-mira li għandu jintlaħaq mit-total tal-imsemmija kontribuzzjonijiet miġbura qabel il-31 ta' Diċembru 2023 (iktar 'il quddiem il-"livell fil-mira finali"), u sussegwentement ta' livell fil-mira annwali li għandu jitqassam fuq l-istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 113).

41 Peress li l-livell fil-mira totali huwa ddefinit bħala li għandu jkun tal-inqas 1 % tal-ammont tad-depożiti koperti ta' dawn l-istituzzjonijiet kollha u peress li l-kontribuzzjoni annwali bażika ta' kull istituzzjoni hija kkalkolata *prorata* skont l-ammont tal-passiv nett tagħha, marbut mal-passiv nett aggregati tal-istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorju ta' dawn l-Istati Membri parteċipanti, jidher li l-prinċipju stess tal-metodu ta' kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, kif jirriżulta mid-Direttiva 2014/59 u mir-Regolament Nru 806/2014, jimplika l-użu, mis-SRB, ta' data koperta mis-sigriet kummerċjali (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 114).

42 Issa, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni huma, fil-prinċipju, meħtieġa, fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li huwa, b'mod partikolari, ikkonkretizzat fl-Artikolu 339 TFUE, li ma jiżvelawx lill-kompetituri ta' operatur privat informazzjoni kunfidenzjali pprovduta minn dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punti 109 u 114 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kienu l-Kummissjoni u l-Kunsill, li, meta kienu qegħdin jistabbilixxu s-sistema għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* permezz tar-Regolament Delegat 2015/63 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/81, kellhom jikkonċiljaw ir-rispett għas-sigriet kummerċjali mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, b'tali mod li d-data koperta minn dan is-sigriet ma setgħetx tiġi kkomunikata lill-partijiet ikkonċernati u li ma tistax, b'mod partikolari, tiġi inkluża fil-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-ammont tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*.

44 Din il-karatteristika tas-sistema tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* ma tipprekludix madankollu l-eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv mill-Qorti tal-Unjoni.

45 Fil-fatt, minn naħa, xejn fid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-eċċezzjoni ta’ illegalità tar-rikorrenti ma jipprekludi, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(1) tar-Regolament Nru 806/2014, li s-SRB jiżvela, meta jadotta d-deċiżjoni tiegħu li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante*, informazzjoni kunfidenzjali miksuba fil-kuntest tal-attività tiegħu f’forma sommarja jew aggregata, b’tali mod li l-istituzzjonijiet ikkonċernati ma jkunux jistgħu jiġu identifikati (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta’ Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 136).

46 Min-naħa l-oħra, meta l-motivazzjoni ta’ tali deċiżjoni għandha tkun limitata sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data kunfidenzjali, huwa l-awtur ta’ din id-deċiżjoni, f’każ ta’ rikors quddiem il-qrati tal-Unjoni li jikkontesta tali data, li għandu jiġġustifika ruħu quddiem dawn il-qrati fil-kuntest tal-istruttorja kontenzjuża (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta’ Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punt 110, u tal-15 ta’ Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 145).

47 Jekk ikun il-każ, sabiex jiġi eżerċitat stħarriġ ġudizzjarju effettiv skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-Karta, il-qrati tal-Unjoni jistgħu jitolbu lis-SRB jipproduċi data li tista’ tiġġustifika l-kalkoli li l-eżattezza tagħhom hija kkontestata quddiemhom, filwaqt li jiżgura, jekk ikun hemm bżonn, il-kunfidenzjalità ta’ din id-data (sentenza tal-15 ta’ Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 146).

48 Barra minn hekk, fit-twettiq ta’ eżami tal-elementi ta’ dritt u ta’ fatt kollha pprovduti mis-SRB, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tivverifika l-fondatezza tar-raġunijiet invokati minnu biex jopponi l-komunikazzjoni tad-data użata għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* (ara, f’dan is-sens u b’analoġija, is-sentenza tat-18 ta’ Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 126).

49 Jekk jirriżulta li r-raġunijiet invokati mis-SRB tabilħaqq jipprekludu l-komunikazzjoni ta’ informazzjoni jew ta’ provi prodotti quddiem il-qorti tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu bbilanċjati b’mod xieraq ir-rekwiżiti relatati mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, b’mod partikolari r-rispett tal-prinċipju ta’ kontradittorju, u dawk li jirriżultaw mill-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali (ara, f’dan is-sens u b’analoġija, is-sentenza tat-18 ta’ Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 128).

50 Minn dan ta’ hawn fuq isegwi li l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* fuq il-bażi ta’ data koperta mis-sigriet kummerċjali, f’konformità mal-Artikoli 4 sa 9 u l-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, mingħajr ma l-imsemmija data tkun disponibbli għall-partijiet ikkonċernati, ma jimplikax fih innifsu li dawn id-dispożizzjonijiet huma inkompatibbli mal-prinċipju ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

51 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq is-setgħa ta’ evalwazzjoni tas-SRB, mill-ġurisprudenza li jirriżulta, jekk, fl-oqsma li jagħtu lok għal evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, istituzzjoni jew organi tal-Unjoni jkollhom setgħa ta’ evalwazzjoni fi kwistjonijiet ekonomiċi, dan ma jimplikax li l-qorti tal-Unjoni għandha toqgħod lura milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, minn din l-istituzzjoni jew dan l-organu, ta’ data ta’ natura ekonomika. Il-qorti tal-Unjoni għandha, b’mod partikolari, mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi prodotti, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda tistħarreġ ukoll jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi

evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex tali li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnha (ara s-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020, Comune di Milano vs Il-Kummissjoni, C-160/19 P, EU:C:2020:1012, punt 115 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi eżistenza ta' setgħa ta' evalwazzjoni tas-SRB ma tistax timplika li l-Qorti Ġenerali ma tistax teżerċita stħarriġ ġudizzjarju effettiv tad-Deċiżjoni kkontestata.

53 Fl-aħħar nett, l-argument tar-rikorrenti li r-Regolament Delegat 2015/63 jikser il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva minħabba li l-qrati tal-Unjoni ma jistgħux jivverifikaw l-eżattezza tal-kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni *ex ante* ta' istituzzjoni partikolari għandu jiġi miċħud.

54 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti llimitat ruħha li ssostni, mingħajr ma ppreċiżat xejn iktar, li tali verifika tippreżupponi li l-Qorti Ġenerali jkollha s-software użat mis-SRB, li madankollu ma kienx disponibbli għaliha. Issa, din iċ-ċirkustanza ma tistax tikkontesta l-legalità tal-Artikoli 4 sa 9 kif ukoll tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux lill-Qorti Ġenerali milli tieħu miżuri, minn fost il-miżuri previsti, b'mod partikolari, fir-Regoli ta' Proċedura tagħha, li tqis xierqa biex tkun tista' tivverifika l-ammont tal-kontribuzzjoni *ex ante*.

55 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

***b) Fuq it-tieni parti, dwar allegat ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali***

56 It-tieni parti tar-raba' motiv hija bbażata, essenzjalment, fuq tliet ilmenti.

*1) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq li l-Artikoli 4 sa 9 u tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 ma jippermettux lill-istituzzjonijiet jikkalkolaw minn qabel il-kontribuzzjonijiet ex ante tagħhom*

57 Ir-rikorrenti ssostni li l-Artikoli 4 sa 9 kif ukoll l-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 jiksru l-prinċipju ta' ċertezza legali peress li ma jippermettulhiex tikkalkola minn qabel il-kontribuzzjoni *ex ante* li hija għandha tħallas matul perijodu ta' kontribuzzjoni, minħabba l-ħafna marġni ta' evalwazzjoni mogħtija lis-SRB minn dawn id-dispożizzjonijiet. Is-SRB barra minn hekk kien uża dawn il-marġni ta' evalwazzjoni billi adotta deċiżjonijiet interni li ppreċiżaw il-metodu li għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet intermedji"), iżda li la ġew ippubblikati u lanqas ma saru aċċessibbli għar-rikorrenti. Dan juri li l-istruttura tad-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-imsemmi regolament delegat ma għandhiex "densità xierqa" li teskludi kull imġiba arbitrarja mill-awtoritajiet ikkonċernati tal-Unjoni.

58 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

59 Preliminarjament, jeħtieġ li tiġi ddefinita l-portata eżatta ta' din l-eċċezzjoni ta' illegalità.

60 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li, minkejja t-titolu ta' din l-eċċezzjoni ta' illegalità, kif ifformulat mir-rikorrenti, l-argument tagħha jiffoka fuq il-konformità tal-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-prinċipju ta' ċertezza legali. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma tressaq l-ebda argument awtonomu u ffokat dwar il-legalità tal-Artikoli 4, 5, 8 u 9 ta' dan ir-regolament delegat jew tal-Anness I tiegħu li jmur lil hinn mill-argument tiegħu dwar

l-Artikoli 6 u 7 tal-imsemmi regolament delegat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, minn dan għandu jiġi dedott li din l-eċċezzjoni ta' illegalità tirrigwarda, fir-realtà, l-Artikoli 6 u 7 ta' dan ir-regolament delegat.

61 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, is-SRB huwa obbligat jaġġusta l-kontribuzzjoni annwali bażika tal-istituzzjonijiet billi jieħu inkunsiderazzjoni l-erba' pilastri tar-riskju, fejn kull pilastru huwa magħmul minn indikaturi tar-riskju li, min-naħa tagħhom, jistgħu jkunu magħmula minn sottoindikaturi tar-riskju.

62 Issa, fir-rigward tal-ewwel tliet pilastri tar-riskju msemmija fl-Artikolu 6(1)(a) sa (c) tar-Regolament Delegat 2015/63, ir-rikorrenti ma ppreżentat l-ebda evidenza konkreta lill-Qorti Ġenerali li tikkontesta l-legalità tagħhom abbażi tal-allegat ksur minnhom tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Barra minn hekk, fir-rigward tal-pilastru tar-riskju msemmi fl-Artikolu 6(1)(d) ta' dan ir-regolament delegat, imsejjaħ "[i]ndikaturi tar-riskju addizzjonali li jiġu ddeterminati mill-awtorità tar-riżoluzzjoni" (iktar 'il quddiem il-"pilastru tar-riskju IV"), ir-rikorrenti ma sostnietx li l-indikatur tar-riskju "[d]aqs ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja preċedenti", li huwa wieħed mill-indikaturi tar-riskju tal-pilastru tar-riskju IV, ma huwiex ċar u għalhekk jikser dan il-prinċipju.

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi dedott li din l-eċċezzjoni ta' illegalità tikkonċerna l-allegat nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' ċertezza legali tal-indikaturi tar-riskju tal-pilastru tar-riskju IV, bl-eċċezzjoni tal-indikatur tar-riskju "[d]aqs ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja preċedenti".

64 B'dan iċċarat, għandu jitfakkar li skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi, minn naħa, li r-regoli ta' dritt ikunu ċari u preċiżi u, min-naħa l-oħra, li l-applikazzjoni tagħhom tkun prevedibbli għall-partijiet fil-kawża, b'mod partikolari meta jista' jkollhom konsegwenzi sfavorevoli. L-imsemmi prinċipju jeżiġi, b'mod partikolari, li l-leġiżlazzjoni għandha tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu eżatt il-portata tal-obbligi li hija timponi fuqhom u li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jsiru jafu mingħajr ambigwità d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u jaġixxu fid-dawl tagħhom (sentenzi tad-29 ta' April 2021, Banco de Portugal *et*, C-504/19, EU:C:2021:335, punt 51, u tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-157/21, EU:C:2022:98, punt 319).

65 Madankollu, dawn ir-rekwiżiti ma jistgħux jinftiehmu li jipprekludu lil istituzzjoni tal-Unjoni, fil-kuntest ta' regola li tadotta, milli tuża kunċett legali astratt u lanqas li timponi li tali regola astratta ssemmi l-ipoteżijiet konkreti differenti li fihom x'aktarx li tapplika, sa fejn mhux dawn l-ipoteżijiet kollha jistgħu jiġu ddeterminati minn qabel minn dik l-istituzzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-20 ta' Lulju 2017, Marco Tronchetti Provera *et*, C-206/16, EU:C:2017:572, punti 39 u 40, u tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-157/21, EU:C:2022:98, punt 320).

66 Konsegwentement, dispożizzjoni ta' att tal-Unjoni tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali, minħabba n-nuqqas ta' ċarezza tagħha, biss jekk tkun tant ambigwa li tipprevjeni lill-partijiet milli jkunu jistgħu jneħħu b'ċertezza suffiċjenti kull dubju dwar il-portata jew it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' April 2005, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-110/03, EU:C:2005:223, punt 31, u tat-22 ta' Mejju 2007, Mebrom vs Il-Kummissjoni, T-216/05, EU:T:2007:148, punt 108).

67 Bl-istess mod, il-fatt li att tal-Unjoni jagħti setgħa ta' evalwazzjoni lill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu ma jiksirx, fih innifsu, ir-rekwiżit ta' prevedibbiltà, sakemm il-portata u l-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' tali setgħa jkunu ddefiniti b'mod ċar biżżejjed, fid-dawl tal-għan leġittimu inkwistjoni, sabiex ikun hemm protezzjoni adegwata kontra l-arbitrarjetà (ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-157/21, UE:C:2022:98, punt 321 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-metodu tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, sa fejn huwa influwenzat mill-pilastru tar-riskju IV, huwiex iddefinit bi preċiżjoni suffiċjenti biex il-partijiet ikunu jistgħu jneħħu b'ċertezza suffiċjenti kwalunkwe dubju dwar il-portata jew it-tifsira tad-dispożizzjonijiet relatati ma' dan il-pilastru tar-riskju.

69 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma ssostnix li l-kunċetti użati fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Delegat 2015/63 huma tant ambigwi li ma tistax tneħħi b'ċertezza suffiċjenti kwalunkwe dubju dwar il-portata jew it-tifsira tagħhom.

70 Fir-rigward, b'mod partikolari, tat-termini użati fl-Artikolu 6(6) tar-Regolament Delegat 2015/63, ir-rikorrenti ammettiet fis-seduta, essenzjalment, li hija fehmet it-tifsira li għandha tingħata lil dawk it-termini. Ċertament, ma qablitx mal-interpretazzjoni li s-SRB kien ta lil uħud minn dawn l-istess termini, b'mod partikolari l-kliem "mudell kummerċjali kumplessiv", iżda ma kkontestatx li dawn kellhom tifsira determinabbli, b'tali mod li seta' jitneħħa b'ċertezza suffiċjenti kwalunkwe dubju dwar il-portata jew it-tifsira tagħhom.

71 Dan huwa iktar u iktar il-każ minħabba li l-parti l-kbira tat-termini użati fl-Artikolu 6(6) tar-Regolament Delegat 2015/63 ġew iddefiniti fil-premessa 98 tad-Deċiżjoni kkontestata u n-noti ta'qiegħ il-paġna 36 sa 40 tagħha, li jagħmlu riferiment għal diversi dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Issa, ir-rikorrenti ma ssostnix li dawn id-definizzjonijiet ma rriżultawx minn dawn id-dispożizzjonijiet.

72 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat, bħalma tagħmel ir-rikorrenti, li l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Delegat 2015/63 jagħtu marġni ta' evalwazzjoni lis-SRB.

73 Fil-fatt, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament Delegat 2015/63, il-pilastru tar-riskju IV jikkonsisti fi tliet indikaturi tar-riskju, jiġifieri, l-ewwel, l-"[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà", it-tieni, is-"sħubija [f'SPI]" u, it-tielet, id-"[d]aqs ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja preċedenti".

74 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament Delegat 2015/63, is-SRB għandu jqis, meta jiddetermina dawn l-indikaturi tar-riskju, il-"probabbiltà li l-istituzzjoni kkonċernata tidħol f'riżoluzzjoni u tal-possibbiltà konsegwenti li tuża l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni fejn istituzzjoni tiġi riżolta".

75 Mill-formulazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament Delegat 2015/63 jirriżulta li din id-dispożizzjoni tagħti lis-SRB marġni ta' evalwazzjoni dwar kif dan għandu "jqis", għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-imsemmija indikaturi tar-riskju, il-"probabbiltà li l-istituzzjoni kkonċernata tidħol f'riżoluzzjoni u tal-possibbiltà konsegwenti li tuża l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni fejn istituzzjoni tiġi riżolt", peress li l-kriterji indikati fl-imsemmija dispożizzjoni għandhom jiġu speċifikati mis-SRB sabiex jiġu applikati għal każ partikolari.

76 Fir-rigward tal-ewwel indikatur tar-riskju li jaqa' taħt il-pilastru tar-riskju IV u li huwa relatat mal-attivitajiet ta' negozjar, l-iskoperturi barra l-karta bilanċjali, id-derivattivi, il-kumplessità u r-riżolvibbiltà tal-istituzzjoni, l-Artikolu 6(6) tar-Regolament Delegat 2015/63 jipprevedi diversi elementi li s-SRB għandu jqis meta jiddetermina dan l-indikatur, li wħud minnhom jistgħu jwasslu għal żieda fil-profil tar-riskju tal-istituzzjoni kkonċernata u oħrajn għal tnaqqis tiegħu.

77 Għalhekk, l-elementi li jistgħu jwasslu għal żieda f'dan il-profil tar-riskju huma erba', jiġifieri, l-ewwel, "l-importanza ta' attivitajiet ta' negozjar meta mqabbla mad-daqs tal-karta bilanċjali, il-livell ta' fondi proprji, il-livell tar-riskju tal-iskoperturi, u l-mudell kummerċjali kumplessiv", it-tieni, "l-importanza tal-iskoperturi barra l-karta bilanċjali meta mqabbla mad-daqs tal-karta bilanċjali, il-livell ta' fondi proprji, il-livell tar-riskju tal-iskoperturi", it-tielet, "l-importanza tal-ammont ta' derivattivi meta mqabbla mad-daqs tal-karta bilanċjali, il-livell ta' fondi proprji, il-livell tar-riskju tal-iskoperturi, u l-mudell kummerċjali kumplessiv" u, ir-raba', "il-punt safejn skont il-Kapitolu II tat-Titolu II tad-Direttiva 2014/59/UE l-mudell kummerċjali u struttura organizzazzjonali ta' istituzzjoni jitqiesu kumplessi".

78 Hemm żewġ elementi li jistgħu jwasslu għal tnaqqis fl-imsemmi profil tar-riskju, jiġifieri "l-ammont relattiv ta' derivattivi li huma kklerjati permezz ta' kontroparti ċentrali" u "il-punt safejn […] istituzzjoni tista' tiġi riżolta fil-pront u mingħajr impedimenti legali".

79 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 6(6) tar-Regolament Delegat 2015/63 jirriżulta li din id-dispożizzjoni tagħti lis-SRB marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-"importanza" li s-SRB għandu jagħti lill-"attivitajiet ta' negozjar", "l-iskoperturi barra l-karta bilanċjali" u l-"ammont ta' derivattivi" u r-relazzjoni bejn l-elementi differenti msemmija f'din id-dispożizzjoni.

80 Għalhekk, filwaqt li mill-Artikolu 6(6) tar-Regolament Delegat 2015/63 jirriżulta li, skont l-ewwel sottoindikatur tar-riskju msemmi minn din id-dispożizzjoni, jeħtieġ li titqabbel l-importanza tal-"attivitajiet ta' negozjar" fir-rigward tad-daqs tal-karta bilanċjali, il-livell ta' fondi proprji, il-grad ta' riskju tal-iskoperturi u l-mudell kummerċjali kumplessiv tal-istituzzjoni, l-imsemmija dispożizzjoni ma fihiex preċiżazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni fil-prattika ta' dan it-tqabbil.

81 L-istess japplika għat-tieni u t-tielet sottoindikatur tar-riskju previsti fl-Artikolu 6(6)(a)(ii) u (iii) tar-Regolament Delegat 2015/63.

82 Fir-rigward, barra minn hekk, tad-determinazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, mill-Artikolu 6(7) tar-Regolament Delegat 2015/63 jirriżulta li s-SRB għandu jqis l-adegwatezza tal-ammont ta' fondi disponibbli mingħajr dewmien imqabbel ma' dak tal-fondi meħtieġa "biex jippermett[u] għajnuna kredibbli u effettiva għal[l-istituzzjoni kkonċernata]" u l-grad ta' ċertezza legali jew kuntrattwali li dawn il-fondi "se jintużaw b'mod sħiħ qabel ma tkun tista' tintalab kwalunkwe għajnuna pubblika straordinarja".

83 Mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jsegwi li s-SRB għandu marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmija dispożizzjoni, li huma marbuta mal-adegwatezza tal-fondi disponibbli mis-SPI kkonċernata mal-fondi meħtieġa għall-finanzjament tal-istituzzjoni inkwistjoni u l-grad ta' ċertezza legali jew kuntrattwali fir-rigward ta' dawn il-fondi.

84 L-istess jgħodd għall-ponderazzjoni tal-indikaturi tar-riskju differenti taħt il-pilastru tar-riskju IV, prevista fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63.

85 Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jindika b'mod ċar il-ponderazzjoni relattiva tat-tliet indikaturi tar-riskju li jiffurmaw il-pilastru tar-riskju IV u li jissemmew fil-punt 73 iktar 'il fuq, minn din id-dispożizzjoni ma joħroġx il-mod kif għandha titwettaq il-ponderazzjoni tas-sottoindikaturi tar-riskju differenti fl-ewwel żewġ indikaturi tar-riskju. B'mod partikolari, l-imsemmija dispożizzjoni ma tispeċifikax jekk tali ponderazzjoni għandhiex tiġi allokata fost tali sottoindikaturi tar-riskju b'mod proporzjonat. Għalhekk, l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jagħti setgħa ta' evalwazzjoni lis-SRB sabiex jiddetermina l-ponderazzjoni tas-sottoindikaturi tar-riskju differenti li jikkostitwixxu dawn l-indikaturi tar-riskju li għandhom jitqiesu, f'konformità mal-Artikolu 6(5) sa (7) tar-Regolament Delegat 2015/63.

86 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 6(5) sa (7) u l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jistgħux jiġu kkunsidrati, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 67 iktar 'il fuq, bħala dispożizzjonijiet li jiddefinixxu b'ċarezza suffiċjenti l-portata u l-modalitajiet tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni mogħtija lis-SRB, b'kont meħud tal-għan leġittimu inkwistjoni, b'tali mod li jipprovdu protezzjoni adegwata kontra l-arbitrarjetà u jippermettu lill-partijiet ineħħu b'ċertezza suffiċjenti kwalunkwe dubju dwar il-portata jew it-tifsira ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

87 Meta dispożizzjoni tagħti lill-istituzzjonijiet jew lill-korpi tal-Unjoni s-setgħa li jimponu oneri finanzjarji, għandu jiġi ddeterminat fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha jekk din tiddefinixxix b'ċarezza suffiċjenti l-portata u l-modalitajiet tal-eżerċizzju ta' tali setgħa, b'tali mod li l-partijiet ikunu jistgħu jantiċipaw iċ-ċirkustanzi li fihom jiġi impost tali oneru (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-157/21, EU:C:2022:98, punti 319 sa 321).

88 B'mod partikolari, għandu jiġi evalwat jekk operatur informat tajjeb jistax, jekk meħtieġ billi juża s-servizzi ta' konsulenza legali u ekonomika, jipprevedi b'mod preċiż biżżejjed il-metodu ta' kalkolu u d-daqs ta' tali oneri imposti, filwaqt li jkun mifhum li l-fatt li dan l-operatur ma jistax, minn qabel, ikun jaf b'mod preċiż il-livell tal-imsemmija oneri imposti li l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni jkunu ser jimponu f'kull każ ma jistax jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni, C-413/08 P, EU:C:2010:346, punt 95, u tat-18 ta' Lulju 2013, Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni, C-501/11 P, EU:C:2013:522, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 F'dan ir-rigward, b'mod partikolari, għandu jiġi evalwat jekk l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni humiex iggwidati fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom minn ċerti indikazzjonijiet oġġettivi li jippermettu lill-partijiet jantiċipaw b'mod preċiż biżżejjed il-metodu ta' kalkolu u d-daqs tal-oneri li ser jiġu imposti. Dawn l-indikazzjonijiet jinkludu, b'mod partikolari, ir-regoli tal-imġiba li l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni jkunu imponew fuqhom stess f'dan il-qasam u li jillimitaw is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni, C-413/08 P, EU:C:2010:346, punt 95). Madankollu, dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jirriżultaw ukoll mill-prattika amministrattiva kostanti, magħrufa u aċċessibbli ta' din l-istituzzjoni jew ta' dan l-korp (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Ecka Granulate u non ferrum Metallpulver vs Il-Kummissjoni, T-400/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:675, punt 31).

90 Bl-istess mod, definizzjoni ċara fir-regolamenti applikabbli tar-riżultat li għandu jinkiseb tista' tikkostitwixxi indikazzjoni rilevanti għall-partijiet li tagħmilha possibbli li jiġi antiċipat il-mod li bih istituzzjoni jew korp tal-Unjoni se jeżerċitaw is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom (ara,

b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Pillbox 38, C-477/14, EU:C:2016:324, punt 100). Dan huwa iktar u iktar il-każ jekk il-metodu jew il-proċess speċifiku biex jinkiseb dan ir-riżultat huwa preskritt mir-regolamenti inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Pillbox 38, C-477/14, EU:C:2016:324, punt 101).

91 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi r-riżultat li għandu jinkiseb, li skontu r-riżorsi finanzjarji disponibbli fis-SRF għandhom jilħqu l-livell fil-mira finali fi tmiem il-perijodu inizjali ta' tmien snin mill-1 ta' Jannar 2016 (iktar 'il quddiem il-"perijodu inizjali"), kif ukoll metodu biex jintlaħaq dan ir-riżultat, li jnaqqas l-impatt tas-setgħa ta' evalwazzjoni eżerċitata mis-SRB fid-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*. Minn naħa, l-ammont tal-kontribuzzjoni *ex ante* ta' kull istituzzjoni jiddependi fuq l-ammont tal-livell fil-mira annwali li jiġi ddeterminat mis-SRB abbażi tal-istima tiegħu tal-ammont li jikkorrispondi, fil-31 ta' Diċembru 2023, għal tal-inqas 1 % tad-depożiti koperti fl-Istati Membri parteċipanti kollha, skont l-Artikolu 69(1) u (2) tar-Regolament Nru 806/2014.

92 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 12 iktar 'il fuq, il-kontribuzzjoni *ex ante* ta' kull istituzzjoni hija ddeterminata, b'mod partikolari, abbażi tal-kontribuzzjoni annwali bażika li hija kkalkolata mill-ammonti tal-passivi netti tal-istituzzjonijiet ikkonċernati. Madankollu, is-SRB ma jeżerċita l-ebda setgħa ta' evalwazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni ta' dawn l-ammonti. Barra minn hekk, l-istituzzjoni kkonċernata taf bl-ammont ta' dawn il-passivi netti tagħha u jista' jkollha aċċess għall-ammont totali tal-passivi netti ta' istituzzjonijiet oħra, mingħajr ma tista' titlob, minħabba l-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali, li jkollha aċċess għal data individwali kunfidenzjali ta' istituzzjonijiet oħra sabiex tivverifika l-kalkolu tal-isemmija ammonti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punti 114 sa 125).

93 It-tieni, il-kontribuzzjoni annwali bażika hija aġġustata skont il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni kkonċernata, u huwa mifhum li, skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Delegat 2015/63, il-multiplikatur tal-aġġustament huwa bejn 0.8 u 1.5.

94 Dan l-aġġustament huwa kkalkolat abbażi tal-valutazzjoni tal-erba' pilastri tar-riskju previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat 2015/63. Issa, kif ġie rrilevat fil-punt 62 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda prova lill-Qorti Ġenerali biex turi n-nuqqas ta' ċarezza tal-ewwel tliet pilastri tar-riskju, li jiddeterminaw 80 % tal-profil tar-riskju ta' kull istituzzjoni, skont l-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament delegat.

95 Bl-istess mod, ir-rikorrenti ma kkontestatx in-nuqqas ta' ċarezza tal-indikatur tar-riskju "[d]aqs ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja preċedenti", li huwa parti mill-pilastru tar-riskju IV u li, skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, għandu ponderazzjoni ta' 10 % f'dan il-pilastru.

96 Minn dan isegwi li l-indikaturi tar-riskju li n-nuqqas ta' ċarezza tagħhom huwa kkontestat mir-rikorrenti u li għalihom is-SRB jeżerċita ċertu setgħa ta' evalwazzjoni jinfluwenzaw il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni biss sa punt li jammonta għal inqas minn 20 %. Barra minn hekk, l-impatt ta' dawn l-indikaturi fuq l-ammont finali tal-kontribuzzjoni *ex ante* jkompli jitnaqqas mill-fatt li s-SRB ma teżerċita l-ebda setgħa ta' evalwazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont tal-kontribuzzjoni annwali bażika u li l-aġġustament ta' din il-kontribuzzjoni għar-riskju ta' istituzzjoni huwa inkwadrat b'mod ċar f'medda ddefinita minn qabel ta' bejn 0.8 u 1.5, kif tfakkar fil-punt 93 iktar 'il fuq.

97 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-portata u l-modi kif tiġi eżerċitata s-setgħa ta' evalwazzjoni mogħtija lis-SRB mill-Artikolu 6(5) sa (7) u l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 ma jistgħux jitqiesu li ma humiex inkwadrati jew iddefiniti b'mod ċar biżżejjed, fir-rigward tal-għan leġittimu inkwistjoni, u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li ma jipprovdux protezzjoni adegwata kontra l-arbitrarjetà.

98 Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li r-rikorrenti hija operatur informat tajjeb li jista', fejn meħtieġ permezz tas-servizzi ta' konsulenza legali u ekonomika, jipprevedi b'mod preċiż biżżejjed il-metodu ta' kalkolu u d-daqs tal-kontribuzzjoni *ex ante* tiegħu.

99 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tar-rikorrenti li l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Delegat 2015/63 jiksru l-prinċipju ta' ċertezza legali fuq il-bażi li s-SRB eżerċita s-setgħa ta' evalwazzjoni mogħtija minn dawn id-dispożizzjonijiet permezz ta' deċiżjonijiet intermedji li ma kinux ġew ippubblikati jew magħmula disponibbli b'xi mod ieħor.

100 Tabilħaqq, l-adozzjoni jew in-nuqqas ta' aċċessibbiltà possibbli ta' tali deċiżjonijiet hija attribwibbli lis-SRB u ma hijiex prevista mill-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Delegat 2015/63.

101 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li r-rikorrenti ma wrietx li l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Delegat 2015/63 kisru l-prinċipju ta' ċertezza legali.

102 Konsegwentement, l-ewwel ilment tat-tieni parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

*2) Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq li l-Kummissjoni setgħet stabbilixxiet metodu alternattiv għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante*

103 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni setgħet stabbilixxiet metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* li jqis biss id-data tal-istituzzjoni kkonċernata, sabiex ma jkunx meħtieġ li tintuża data kunfidenzjali ta' istituzzjonijiet oħra. Tali metodu ta' kalkolu kien ikun jippermetti lir-rikorrenti tifhem aħjar il-portata tal-obbligi tagħha u għalhekk ma jkunx f'kunflitt mal-prinċipju ta' ċertezza legali.

104 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

105 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, fil-kuntest ta' setgħa delegata skont it-tifsira tal-Artikolu 290 TFUE, il-Kummissjoni għandha, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha, setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa meta tintalab, b'mod partikolari, twettaq valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet kumplessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2017, Dyson vs Il-Kummissjoni, C-44/16 P, EU:C:2017:357, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

106 Dan huwa l-każ fir-rigward tal-istabbiliment ta' kriterji għall-aġġustament tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-profil tar-riskju skont l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59.

107 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li n-natura speċifika ta' dawn il-kontribuzzjonijiet tikkonsisti, kif jirriżulta mill-premessi 105 sa 107 tad-Direttiva 2014/59 u mill-premessa 41 tar-Regolament Nru 806/2014, fl-iżgurar, f'loġika relatata mal-iżgurar, li s-settur finanzjarju jipprovdi riżorsi finanzjarji suffiċjenti għas-SRM biex dan iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, filwaqt li tiġi inċentivata l-adozzjoni, mill-istituzzjonijiet ikkonċernati, ta' modi ta' operat inqas riskjużi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 113).

108 F'dan il-kuntest, u kif jirriżulta mill-premessa 114 tad-Direttiva 2014/59, il-leġiżlatur tal-Unjoni inkariga lill-Kummissjoni tippreċiża, permezz ta' att delegat, il-mod kif għandhom jiġu aġġustati l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet għall-arranġamenti ta' finanzjament għar-riżoluzzjoni fi proporzjoni tal-profil tar-riskju tagħhom.

109 Bl-istess mod, il-premessa 107 ta' din id-direttiva tippreċiża li, sabiex jiġi żgurat kalkolu ġust tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali u tiġi inċentivata l-adozzjoni ta' modi ta' operat inqas riskjużi, dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju tal-kreditu, tal-likwidità u tas-suq li jieħdu l-istituzzjonijiet.

110 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-Kummissjoni kellha tiżviluppa regoli għall-aġġustament tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet billi ssegwi żewġ għanijiet relatati, jiġifieri, minn naħa, li tiżgura li jitqiesu r-riskji differenti li jinvolvu l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, bankarji jew b'mod iktar wiesa' finanzjarji, u, min-naħa l-oħra, li dawn l-istess istituzzjonijiet jiġu inċentivati biex isegwu modi ta' operat inqas riskjużi.

111 Issa, kif jirriżulta mid-dokumenti relatati mal-adozzjoni tar-Regolament Delegat 2015/63, b'mod partikolari d-dokumenti "JRC technical work supporting Commission second level legislation on risk based contributions to the (single) resolution fund" (Studju tekniku tal-JRC li jappoġġja l-leġiżlazzjoni tat-tieni livell tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għall-Fond (Uniku) ta' Riżoluzzjoni, iktar 'il quddiem l-"istudju tekniku tal-JRC"), u "Commission Staff Working Document: estimates of the application of the proposed methodology for the calculation of contributions to resolution financing arrangements" (Dokument ta' Ħidma tad-Dipartimenti tal-Kummissjoni: stimi tal-applikazzjoni tal-metodoloġija proposta għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni), l-iżvilupp ta' dawn ir-regoli kien jinvolvi valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet kumplessi min-naħa tal-Kummissjoni sal-punt li din kellha teżamina l-elementi differenti li fid-dawl tagħhom id-diversi tipi ta' riskju kienu mifhuma fis-settur bankarju u dak finanzjarju.

112 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fir-rigward tal-metodu ta' aġġustament tal-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi skont l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu jkun limitat għall-eżami ta' jekk l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni huwiex ivvizzjat minn żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter jew jekk qabiżx b'mod ċar il-limiti ta' din is-setgħa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Etimine, C-15/10, EU:C:2011:504, punt 60).

113 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, minn naħa waħda, li r-rikorrenti ma tispjegax kif is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni setgħet stabbilixxiet metodu alternattiv għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* minn dak stabbilit fir-Regolament Delegat 2015/63 għandu l-konsegwenza li dan ir-regolament delegat huwa vvizzjat minn tali żball manifest jew użu ħażin ta' poter, li jmur b'mod ċar lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni jew li jikser ir-rekwiżiti tal-prinċipju ta' ċertezza legali, kif imfakkra fil-punt 64 iktar 'il fuq.

114 Min-naħa l-oħra, huwa minnu li, fin-nuqqas ta' data relatata ma' istituzzjonijiet oħra, li hija suġġetta għas-sigriet kummerċjali u li għalhekk ma tistax tiġi mgħoddija lir-rikorrenti, din tal-aħħar ma tistax tikkalkola minn qabel l-ammont eżatt tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* li għalihom hija responsabbli.

115 Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punt 41 iktar 'il fuq, il-prinċipju stess tal-metodu tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, kif jirriżulta mid-Direttiva 2014/59 u mir-Regolament Nru 806/2014, li l-validità tagħhom ma ġietx ikkontestata, jimplika l-użu, mis-SRB ta' data koperta mis-sigriet kummerċjali.

116 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni setgħet adottat metodu alternattiv għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* ma jikkostitwixxix ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

117 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

*3) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 12 tar-Regolament 2016/1011*

118 Ir-rikorrenti ssostni li l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Delegat 2015/63 ma jissodisfawx ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU 2016, L 171, p. 1). Skont din id-dispożizzjoni, sabiex jiġi ddeterminat parametru referenzjarju fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li tintuża metodoloġija li "[j]kollha regoli ċari li jidentifikaw kif u meta tista' tiġi eżerċitata d-diskrezzjoni fid-determinazzjoni ta' dak il-parametru referenzjarju".

119 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

120 Għandu jiġi rrilevat li r-Regolament 2016/1011 huwa relatat, kif diġà jirriżulta mit-titolu tiegħu, mal-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fil-kuntest ta' strumenti u kuntratti finanzjarji jew għall-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment.

121 Għaldaqstant, ir-Regolament 2016/1011 ma huwiex maħsub biex japplika għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*. Konsegwentement, ir-rikorrenti ma tistax issostni li r-Regolament Delegat 2015/63 ma huwiex kompatibbli mar-rekwiżiti ta' trasparenza u preċiżjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament.

122 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

***c) Konklużjoni dwar ir-raba' motiv***

123 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

***2. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, peress li jikser diversi regoli superjuri***

124 Il-ħames motiv huwa fformulat f'erba' partijiet.

*a) Fuq l-ewwel parti, dwar l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59 u mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013*

125 Ir-rikorrenti ssostni li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 huwa inkompatibbli mal-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59 u mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013 sa fejn jipprevedi ponderazzjoni relatata mal-indikatur tar-riskju tas-SPI li jiddistingwi bejn l-istituzzjonijiet li jappartjenu għall-istess SPI, peress li, meta japplika din il-ponderazzjoni, is-SRB għandu jqis il-ponderazzjoni relatata mal-indikatur tar-riskju "attivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà".

126 B'mod partikolari, l-effett ta' protezzjoni ta' SPI jeżisti, skont l-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013, b'mod estiż u ugwali għall-istituzzjonijiet membri kollha ta' din is-sistema. Barra minn hekk, hemm garanzija li l-fondi tas-SPI ser jintużaw fl-intier tagħhom qabel ma jkun jista' jintalab appoġġ finanzjarju eċċezzjonali minn riżorsi pubbliċi, skont l-Artikolu 113(7)(b) tar-Regolament Nru 575/2013.

127 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-differenzjazzjoni bejn istituzzjonijiet li jappartjenu għall-istess SPI fuq il-bażi tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà", skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, tmur kontra t-trattament omoġenju u koerenti tal-membri kollha ta' SPI partikolari impost mill-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59 u l-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013.

128 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

129 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, meta s-SRB japplika l-indikatur tar-riskju tas-SPI, dan għandu jqis il-ponderazzjoni relattiva tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà".

130 Minn dan isegwi li, meta jkun hemm iktar minn istituzzjoni waħda fl-istess SPI, l-istituzzjonijiet li jiġu assenjati ponderazzjoni aħjar relatata l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" meta mqabbla ma' membri oħra ta' dik is-SPI jistgħu jiġu allokati ponderazzjoni iktar favorevoli fl-indikatur tar-riskju tas-SPI meta mqabbla ma' dawk il-membri l-oħra.

131 F'dan il-kuntest, mill-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59 jirriżulta li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika l-kunċett ta' "aġġustament tal-kontribuzzjonijiet [annwali bażiċi] fi proporzjon tal-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet", "filwaqt li tqis" il-fatt li l-istituzzjoni tappartjeni għal SPI.

132 Issa, xejn fl-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59 jew fil-kumplament ta' dan l-artikolu ma jispeċifika kif il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni din is-sħubija f'SPI. Għalhekk, ma huwiex previst li l-Kummissjoni għandha talloka l-istess ponderazzjoni lill-istituzzjonijiet kollha li huma parti mill-istess SPI.

133 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punti 107 sa 111 iktar ’il fuq, il-Kummissjoni għandha setgħa ta’ evalwazzjoni wiesgħa fir-rigward tal-metodu tal-aġġustament tal-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi skont l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59, inkluż l-istabbiliment tal-kriterju dwar is-sħubija tal-istituzzjonijiet f’SPI. Konsegwentement, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu jkun limitat għal eżami ta’ jekk l-eżerċizzju tas-setgħa ta’ evalwazzjoni huwiex ivvizzjat minn żball manifest jew użu ħażin ta’ poter jew saħansitra jekk il-Kummissjoni qabżitx manifestament il-limiti ta’ din is-setgħa.

134 F’dan ir-rigward, qabelxejn, is-SRB u l-Kummissjoni spjegaw, mingħajr ma ġew kontradetti dwar dan il-punt, li l-membri ta’ SPI, bħal dik li għaliha tappartjeni r-rikorrenti, ma kellhomx id-dritt mingħajr kundizzjoni li jirċievu minn tali SPI għajnuna li tkopri l-impenji kollha tagħhom, iżda li s-SPI kellha ċertu marġni ta’ evalwazzjoni biex tiddeċiedi jekk għandhiex tappoġġja lil wieħed mill-membri tagħha jew le.

135 Sussegwentement, is-SRB u l-Kummissjoni indikaw li l-falliment ta’ istituzzjoni b’karta bilanċjali kbira u kumplessa jista’ jeżawrixxi kompletament il-fondi ta’ tali SPI. Issa, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda evidenza biex tikkontesta din l-allegazzjoni.

136 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda evidenza konkreta lill-Qorti Ġenerali li għandha l-għan li tqajjem dubju dwar il-fatt li l-indikatur tar-riskju “[a]ttivitajiet ta’ negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà” jippermetti li jiġi evalwat jekk istituzzjoni għandhiex karta bilanċjali kbira u kumplessa.

137 F’dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma wrietx li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 ġie vvizzjat bi żball manifest jew użu ħażin ta’ poter jew li dan qabeż manifestament il-limiti tas-setgħa ta’ evalwazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59.

138 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-eċċezzjoni ta’ illegalità bbażata fuq l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013, għandu jiġi kkonstatat, qabelxejn, li din l-aħħar dispożizzjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tas-SPI għal skopijiet prudenzjali, u mhux il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*.

139 Ċertament, skont il-punt 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59, is-SRB jista’ jqis biss SPI li jkunu ġew approvati skont l-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013. Madankollu, xejn fil-formulazzjoni tal-Artikolu 113(7) ta’ dan ir-regolament ma jipprojbixxi d-differenzjazzjoni bejn istituzzjonijiet li huma membri tal-istess SPI għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*.

140 Barra minn hekk, għalkemm l-Artikolu 113(7)(b) tar-Regolament Nru 575/2013 jipprevedi li, sabiex tiġi rikonoxxuta għal skopijiet prudenzjali, is-SPI għandha tkun tista’ tipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-membri tagħha, f’konformità mal-obbligi tagħha, minn fondi aċċessibbli faċilment, din id-dispożizzjoni ma tasalx sal-punt li teħtieġ li SPI jkollha riżorsi suffiċjenti biex tevita r-riżoluzzjoni tal-membri kollha tagħha, inklużi l-istituzzjonijiet kbar kollha.

141 Din il-konklużjoni ma hijiex irrevokata mill-Artikolu 5 tal-Linja Gwida (UE) 2016/1994 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tal-4 ta’ Novembru 2016 dwar l-approċċ għar-rikonoxximent ta’ [SPI] għal skopijiet prudenzjali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ĠU 2016, L 306, p. 37), li ġie invokat mir-rikorrenti. Din id-dispożizzjoni, li fiha

linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 113(7)(b) tar-Regolament Nru 575/2013, lanqas ma tipprevedi li SPI għandu jkollha riżorsi suffiċjenti biex tevita r-riżoluzzjoni tal-membri kollha tagħha.

142 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel parti tal-ħames motiv għandha tiġi miċħuda.

***b) Fuq it-tieni parti, dwar l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju" u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament***

143 It-tieni parti tal-ħames motiv hija bbażata, essenzjalment, fuq żewġ ilmenti.

*1) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur tal-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju"*

144 Ir-rikorrenti ssostni li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jikser il-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju" li jirriżulta mill-prinċipju tal-proporzjonalità sanċit fl-Artikoli 16, 17 u 52 tal-Karta, l-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 103(2) u (7) tad-Direttiva 2014/59.

145 Fid-dawl ta' dan il-prinċipju, il-mod li bih l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" jirrifletti r-riskju ta' riżoluzzjoni tar-rikorrenti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament Delegat 2015/63 ma jidhirx b'mod ċar u preċiż.

146 Barra minn hekk, ma hemmx rabta oġġettiva suffiċjenti bejn l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà", li jinsab fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, u dak tas-sħubija f'SPI, previst fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tal-istess regolament delegat, biex tiġġustifika ponderazzjoni relatata mal-indikatur tar-riskju tal-aħħar.

147 Fl-aħħar, billi jikkorrelata dawn iż-żewġ indikaturi tar-riskju, ir-Regolament Delegat 2015/63 jintroduċi għadd doppju tal-ewwel indikatur tar-riskju, li kien diġà tqies fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* skont l-Artikolu 6(5)(a) tal-imsemmi regolament delegat.

148 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

149 Mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi eżaminat jekk id-Direttiva 2014/59 jew xi regola oħra tad-dritt tal-Unjoni tistabbilixxix "prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju", l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ħames motiv tar-rikorrenti għandu jinftiehem fis-sens li jsostni, essenzjalment, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 huwa vvizzjat minn żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li jipprevjeni lis-SRB milli jaġġusta, b'mod xieraq, il-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi għar-riskju reali tal-istituzzjonijiet.

150 F'dan ir-rigward, qabelxejn mill-punti 107 sa 111 iktar 'il fuq jirriżulta li l-Kummissjoni tgawdi minn marġni ta' evalwazzjoni wiesa' fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59.

151 Sussegwentement, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda prova konkreta lill-Qorti Ġenerali li tikkontesta l-affermazzjoni tas-SRB li l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" kien jikkostitwixxi kriterju oġġettiv li għamilha possibbli, fil-kuntest tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, li tiġi vvalutata l-probabbiltà li istituzzjoni titlob appoġġ mingħand SPI li din tal-aħħar ma tkunx tista' tipprovdi, tant li din l-istituzzjoni tkun f'riskju li tkun is-suġġett ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, xejn ma jindika li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 ma jippermettix li l-kontribuzzjoni *ex ante* tiġi aġġustata għar-riskju reali tal-istituzzjoni kkonċernata.

152 Fl-aħħar, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, il-metodu previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 ma jirriżultax f'għadd doppju tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà".

153 Fil-fatt, minn naħa, l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" japplika, skont l-Artikolu 6(5)(a) tar-Regolament Delegat 2015/63, għall-istituzzjonijiet kollha li l-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom tiġi aġġustata għall-profil tar-riskju tagħhom. Min-naħa l-oħra, għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) ta' dan ir-regolament delegat, l-imsemmi indikatur tar-riskju japplika biss għal dawk l-istituzzjonijiet li jappartjenu għal SPI. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 6(6) tar-Regolament Delegat 2015/63, l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" huwa maħsub biex jivvaluta r-riskji tal-istituzzjoni inkwistjoni, b'mod partikolari minħabba l-assi li żżomm fuq il-karta bilanċjali tagħha, il-mudell kummerċjali tagħha u l-istruttura organizzattiva tagħha. Min-naħa l-oħra, meta dan l-indikatur tar-riskju jiġi applikat fil-kuntest tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) ta' dan ir-regolament delegat, jintuża biex tiġi ddeterminata l-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI u għandu l-għan li jivvaluta r-riskji li istituzzjoni li tappartjeni għal SPI tippreżenta għall-kapaċità tal-imsemmija SPI li tintervjeni b'appoġġ għall-membri tagħha. Fil-fatt, kif jirriżulta wkoll mill-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punti 163 u 164 iktar 'il quddiem, ir-riskji vvalutati bl-applikazzjoni tal-imsemmi indikatur tar-riskju jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra u jistgħu wkoll ikunu tant għoljin li SPI tista' ma tkunx kapaċi tassorbi dawn ir-riskji f'każ ta' falliment ta' istituzzjoni membru.

154 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 ma huwiex ivvizzjat minn żball manifest ta' evalwazzjoni meta jipprevedi li l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" għandu jitqies bħala parti mill-kuntest tad-determinazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI.

155 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni parti tal-ħames motiv għandha tiġi miċħuda.

*2) Fuq it-tieni lment,, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament*

156 Ir-rikorrenti ssostni li huwa proprju fin-natura ta' SPI li tipproteġi lill-membri kollha tagħha, irrispettivament mis-sitwazzjoni ta' riskju konkreta tagħhom, b'tali mod li l-ebda istituzzjoni ma tista' individwalment tiġi suġġetta għal riżoluzzjoni sakemm is-SPI teżisti u twettaq il-funzjoni tagħha. Is-sħubija f'SPI għalhekk hija ċirkustanza li tagħmel l-istituzzjonijiet kollha kkonċernati komparabbli.

157 Issa, billi jippermetti distinzjonijiet bejn dawn l-istituzzjonijiet, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kif sanċit fl-Artikolu 20 tal-Karta. Fil-fatt, ma hemm l-ebda kriterju oġġettiv li jista' jiġġustifika din id-differenza fit-trattament. Il-kriterju previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament Delegat 2015/63, jiġifieri l-"probabbiltà li l-istituzzjoni kkonċernata tidħol f'riżoluzzjoni", ma għandux rabta oġġettiva mal-kriterju effettivament applikat mill-Artikolu 7(4) ta' dan ir-regolament delegat għall-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, jiġifieri l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà".

158 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

159 L-Artikolu 20 tal-Karta jistipula l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat (sentenza tat-3 ta' Frar 2021, Fussl Modestraße Mayr, C-555/19, EU:C:2021:89, punt 95).

160 F'dan ir-rigward, qabelxejn, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk istituzzjoni li tappartjeni għal SPI, bħar-rikorrenti, hijiex f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-istituzzjonijiet l-oħra li jappartjenu għall-istess SPI.

161 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-natura paragunabbli ta' sitwazzjonijiet differenti għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzawhom. Dawn l-elementi għandhom, b'mod partikolari, jiġu ddeterminati u evalwati fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tal-att li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li taħtu jaqa' dan l-att (ara s-sentenza tat-3 ta' Frar 2021, Fussl Modestraße Mayr, C-555/19, EU:C:2021:89, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

162 Fir-rigward tal-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li taħtu jaqa' r-Regolament Delegat 2015/63, għandu jitfakkar li n-natura speċifika tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tikkonsisti, kif jirriżulta mill-premessi 105 sa 107 tad-Direttiva 2014/59 u mill-premessa 41 tar-Regolament Nru 806/2014, f'li jiġi ggarantit, f'loġika bbażata fuq l-assigurazzjoni, li s-settur finanzjarju jipprovdi riżorsi finanzjarji suffiċjenti lis-SRM biex dan iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, filwaqt li tinkoraġġixxi l-adozzjoni, mill-istituzzjonijiet ikkonċernati, ta' modi ta' operat inqas riskjużi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 113).

163 Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u l-għanijiet, għandu jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, mhux l-istituzzjonijiet kollha li jappartjenu għal SPI huma, neċessarjament u unikament minħabba din is-sħubija, f'sitwazzjoni komparabbli. Fil-fatt, kif osserva s-SRB, mingħajr ma ġie kontradett mir-rikorrenti, il-membri ta' SPI, bħal dik li għaliha tappartjeni r-rikorrenti, ma għandhomx id-dritt inkondizzjonat li jirċievu għajnuna mingħand is-SPI li tkopri l-impenji kollha tagħhom, billi s-SPI għandha ċertu marġni ta' evalwazzjoni biex tiddeċiedi jekk hijiex ser tgħin lil membru.

164 Sussegwentement, is-SRB u l-Kummissjoni indikaw li l-falliment ta' istituzzjoni b'karta bilanċjali kbira u kumplessa jista' jeżawrixxi kompletament il-fondi ta' SPI, għall-kuntrarju tal-falliment ta' istituzzjonijiet b'karti bilanċjali iżgħar u iktar sempliċi. Issa, ir-rikorrenti lanqas ma pproduċiet evidenza biex tikkontesta din l-allegazzjoni.

165 Fl-aħħar, kif jirriżulta mill-punt 151 iktar 'il fuq, l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" huwa kriterju oġġettiv biex jiġi evalwat liema istituzzjonijiet li jappartjenu għal SPI huma f'riskju li jitolbu lil din tal-aħħar tagħtihom appoġġ li ma tistax tagħtih. Dan l-indikatur għalhekk jikkostitwixxi kriterju oġġettiv għall-valutazzjoni ta' liema istituzzjonijiet jinsabu, fir-rigward ta' tali riskju, f'sitwazzjoni komparabbli. Dan huwa iktar u iktar minnu peress li l-imsemmi kriterju juri li huwa konsistenti ma' wieħed mill-għanijiet ewlenin tas-SRM, jiġifieri li l-istituzzjonijiet jiġu inċentivati jadottaw modi ta' operat inqas riskjużi.

166 Għalhekk, it-tieni lment tat-tieni parti tal-ħames motiv għandu jiġi miċħud, peress li r-rikorrenti ma hijiex fondata meta ssostni li l-istituzzjonijiet kollha tal-istess SPI jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli.

*c) Fuq it-tielet parti, dwar l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-prinċipju ta' ċertezza legali*

167 Ir-rikorrenti ssostni li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 ma jissodisfax ir-rekwiżiti imposti mill-prinċipju ta' ċertezza legali. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni ma tispjegax b'mod ċar kif is-SRB għandu jqis il-"piż relattiv tal-indikatur ('Attivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà')". Ir-regola hija tant indeterminata li s-SRB seta' jikklassifika l-istituzzjonijiet b'mod ugwali f'żewġ bins jew f'iktar minn tliet bins.

168 Barra minn hekk, l-imsemmija dispożizzjoni tagħti lis-SRB il-libertà li jagħżel il-fatturi li jidhirlu li huma xierqa biex jalloka l-istituzzjonijiet f'bins differenti, b'tali mod li ma tistax tiġi eskluża mġiba arbitrarja.

169 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

170 Minn naħa, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jirriżulta b'mod ċar biżżejjed li, fil-kuntest tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, is-SRB huwa meħtieġ jalloka lill-istituzzjonijiet għal bins billi japplika ponderazzjoni li tqis is-sottoindikaturi tar-riskju li jagħmlu l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà".

171 Min-naħa l-oħra, huwa minnu li ġie rrilevat fil-punti 68 sa 85 iktar 'il fuq li l-Artikoli 6(6) u 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 taw setgħa ta' evalwazzjoni lis-SRB fir-rigward tad-determinazzjoni tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" u l-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI.

172 Madankollu, kif ġie kkonstatat fil-punti 86 sa 97 iktar 'il fuq, mir-Regolament Delegat 2015/63 jirriżulta li l-portata u l-modalitajiet tal-eżerċizzju ta' din is-setgħa ta' evalwazzjoni huma definiti b'mod suffiċjentement ċar, b'mod li l-istituzzjonijiet jistgħu jipprevedu b'mod preċiż biżżejjed il-metodu għad-determinazzjoni tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà".

173 Għaldaqstant, it-tielet parti tal-ħames motiv għandha tiġi miċħuda.

*d) Fuq ir-raba' parti, dwar l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-prinċipju ta' kunsiderazzjoni sħiħa tal-fatti*

174 Ir-rikorrenti ssostni li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jikser il-prinċipju ta' kunsiderazzjoni sħiħa tal-fatti. Fil-fatt, il-probabbiltà li istituzzjoni li hija membru ta' SPI tkun is-suġġett ta' riżoluzzjoni ma tistax tiġi ddeterminata biss fuq il-bażi tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà". Fatturi essenzjali oħra li jiddeterminaw il-profil tar-riskju fir-rigward tal-probabbiltà ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

175 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

176 Meta r-rikorrenti tinvoka l-ksur ta' "prinċipju ta' kunsiderazzjoni sħiħa tal-fatti", dan l-ilment għandu jinftiehem bħala riferiment għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, kif sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta, li jimponi fuq l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni l-obbligu li jeżaminaw bir-reqqa u b'mod imparzjali l-elementi rilevanti kollha tal-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, EU:C:1991:438, punt 14, u tat-23 ta' Settembru 2009, L-Estonja vs Il-Kummissjoni, T-263/07, EU:T:2009:351, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

177 F'dan ir-rigward, madankollu, ir-rikorrenti sempliċement issostni li l-Kummissjoni injorat, meta adottat l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, ċerti "fatturi essenzjali" li jistgħu jaffettwaw il-probabbiltà ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni affiljata ma' SPI, mingħajr ma tispeċifika liema huma dawn il-fatturi u għaliex il-Kummissjoni kienet meħtieġa tqishom.

178 Għaldaqstant, ir-raba' parti tal-ħames motiv għandha tiġi miċħuda.

*e) Konklużjoni dwar il-ħames motiv*

179 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

*3. Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 6, 7 u 9 u tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, peress li jiksru diversi regoli superjuri*

180 Ir-rikorrenti ssostni li l-Artikoli 6, 7 u 9 u l-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 jiksru l-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju" kif ukoll l-Artikoli 16 u 20 tal-Karta, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-"prinċipju ta' kunsiderazzjoni sħiħa tal-fatti", sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jiddefinixxu l-pilastri u l-indikaturi tar-riskju, kif ukoll il-proċedura u l-formuli applikabbli għall-kombinazzjoni tagħhom, abbażi ta' "immaġni idealizzata li ma tikkorrispondix għall-esperjenza reali u s-sitwazzjoni ta' veru tal-istituzzjonijiet kollha [li għandhom iħallsu kontribuzzjonijiet *ex ante* aġġustati għar-riskju tagħhom]".

181 Fil-fatt, il-ponderazzjoni tal-indikaturi tar-riskju u l-implimentazzjoni tagħhom fl-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 iwasslu għall-kostituzzjoni ta' bins u l-assenjazzjoni ta' istituzzjonijiet differenti għal dawn il-bins li jirriżultaw f'piż oġġettivament mhux iġġustifikat, sproporzjonat u diskriminatorju għal istituzzjonijiet bħar-rikorrenti.

182 B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata, l-applikazzjoni tal-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", tar-Regolament Delegat 2015/63 twassal biex tinħoloq firxa eċċessivament wiesgħa ta' valuri għall-ewwel u l-aħħar bin. Pereżempju, fir-rigward tal-indikatur tar-riskju "assi ponderati skont ir-riskju tas-suq, diviżi bl-assi totali" – li huwa parti mill-pilastru tar-riskju IV – għall-parti tal-kontribuzzjoni *ex ante* kkalkolata fuq il-bażi tal-Unjoni, ir-rikorrenti, bil-valur tagħha ta' [*kunfidenzjali*][1]%, taqa' fil-bin [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], u titqiegħed fuq l-istess livell ma' istituzzjoni li għandha valur [*kunfidenzjali*] darbiet ogħla, jiġifieri [*kunfidenzjali*] %, jew [*kunfidenzjali*]. L-istess jgħodd għall-parti ta' dan l-indikatur tar-riskju kkalkolata fuq bażi nazzjonali kif ukoll għal indikaturi tar-riskju oħra, bħall-indikatur "skopertura għal derivattivi, diviża bil-fondi proprji bażċi fil-grad 1".

183 Barra minn hekk, mill-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll li, fir-rigward ta' sitta mid-disa' indikaturi tar-riskju tal-pilastru tar-riskju IV msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament Delegat 2015/63, diversi bins ma mtlewx, filwaqt li l-ewwel bins f'kull każ jinkludu għadd kbir ħafna ta' istituzzjonijiet, li ma huwiex konformi mal-formulazzjoni tal-Anness I ta' dan ir-regolament delegat li tgħid li s-SRB għandu jassenja l-istess numru ta' istituzzjonijiet għal kull bin. Dan juri li l-Kummissjoni ħolqot leġiżlazzjoni li l-applikazzjoni tagħha tagħti riżultati inkonsistenti li ma jirriflettux il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet suġġetti għal kontribuzzjonijiet *ex ante*.

184 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

185 L-ewwel nett, għandha tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tal-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kif sanċit fl-Artikolu 20 tal-Karta.

186 Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 159 iktar 'il fuq, huwa meħtieġ, qabelxejn, li jiġi evalwat jekk dawn l-istituzzjonijiet humiex f'sitwazzjoni paragunabbli.

187 Skont l-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", tar-Regolament Delegat 2015/63, huwa s-SRB li għandu jikkalkola, bħala l-ewwel pass, għadd ta' bins sabiex iqabbel l-istituzzjonijiet fir-rigward tal-indikaturi u s-sottoindikaturi tar-riskju differenti. Fit-tieni pass, huwa s-SRB li għandu jassenja, fil-prinċipju, l-istess numru ta' istituzzjonijiet lil kull bin, billi jibda billi jassenja lill-ewwel bin l-istituzzjonijiet li għalihom il-valuri tal-indikatur gross huma l-iktar baxxi. Fit-tielet pass, huwa s-SRB li għandu jassenja lill-istituzzjonijiet kollha inklużi f'bin partikolari l-istess punteġġ, imsejjaħ "indikatur diskretizzat", li jrid jitqies għall-bqija tal-kalkolu tal-multiplikatur tal-aġġustament tagħhom.

188 Ma huwiex eskluż li l-applikazzjoni ta' dan il-metodu, imsejjaħ "tal-binning" (raggruppament), kif introdott mill-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", tar-Regolament Delegat 2015/63, tista' twassal, fil-prattika, għal sitwazzjonijiet fejn istituzzjonijiet b'valuri għal indikatur tar-riskju partikolari li huma qrib dawk tal-istituzzjonijiet assenjati għall-bin preċedenti jiġu madankollu assenjati għall-bin li jmiss, li jkun fih istituzzjonijiet b'valuri għall-istess indikatur tar-riskju li xi kultant jistgħu jkunu kunsiderevolment ogħla. Din il-konsegwenza ssegwi mill-applikazzjoni tar-regola prevista fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", punt 3, tar-Regolament Delegat 2015/63, li skontha s-SRB jassenja, fil-prinċipju, l-istess numru ta' istituzzjonijiet lil kull bin.

[1] Data kunfidenzjali moħbija.

189 Sabiex jiġi eżaminat jekk l-istituzzjonijiet assenjati għall-istess bin, iżda li għandhom valuri kunsiderevolment differenti minn xulxin għall-istess indikatur tar-riskju, humiex f'sitwazzjoni paragunabbli, huwa meħtieġ li jitqiesu, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 161 u 162 iktar 'il fuq, l-għanijiet tas-SRM u, b'mod partikolari, dak li l-istituzzjonijiet jiġu inċentivati jadottaw modi ta' operat inqas riskjużi.

190 Għandu jiġi kkonstatat li, peress li wieħed mill-għanijiet ewlenin tas-SRM huwa li l-istituzzjonijiet ikkonċernati jiġu inċentivati biex ifittxu modi ta' operat inqas riskjużi, l-istituzzjonijiet assenjati għall-istess bin iżda li għandhom valuri kunsiderevolment differenti għall-istess indikatur tar-riskju, ma humiex f'sitwazzjonijiet paragunabbli, peress li għandhom karatteristiċi differenti f'termini tal-grad ta' riskju mkejjel minn dan l-indikatur.

191 Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 187 iktar 'il fuq, dawn l-istituzzjonijiet huma ttrattati b'mod ugwali, peress li huma assenjati għall-istess bin relatat mal-imsemmi indikatur tar-riskju u, għalhekk, huma assenjati l-istess indikatur diskretizzat, li s-SRB għandu jqis għall-kalkolu tal-multiplikatur tal-aġġustament.

192 Madankollu, meta persuni f'sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod ugwali, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jinkisirx jekk dan it-trattament ikun debitament iġġustifikat (ara s-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO, C-390/15, EU:C:2017:174, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

193 Dan huwa l-każ meta dan it-trattament ikun relatat ma' għan legalment ammissibbli mfittex mill-miżura li għandha l-effett li tistabbilixxi l-imsemmi trattament u meta hija tkun proporzjonata ma' dan l-għan (ara s-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO, C-390/15, EU:C:2017:174, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

194 F' dan ir-rigward, il-Qorti rrikonoxxiet il-leġittimità tal-għan li jikkonsisti, għal istituzzjoni tal-Unjoni, fl-istabbiliment ta' regoli ġenerali li jistgħu jiġu applikati u kkontrollati faċilment mill-awtoritajiet kompetenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Frar 2015, Sopora, C-512/13, EU:C:2015:108, punt 33, u tas-7 ta' Marzu 2017, RPO, C-390/15, EU:C:2017:174, punt 60).

195 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li r-Regolament Delegat 2015/63 huwa konformi ma' dan l-għan.

196 Fil-fatt, ir-Regolament Delegat 2015/63 ippreveda metodu ta' aġġustament tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet billi qabbel il-profili tar-riskju tagħhom fuq il-bażi ta' valuri li dawn l-istituzzjonijiet jiksbu għal sensiela ta' indikaturi tar-riskju.

197 Il-metodu ta' binning, kif deskritt fil-punt 187 iktar 'il fuq, jippermetti lis-SRB jiġġestixxi b'mod effettiv għadd kbir ta' data li għandu jqis biex jagħmel it-tqabbil imsemmi fil-punt 196 iktar 'il fuq, filwaqt li jevita, sa fejn ikun possibbli, li l-preżenza tal-hekk imsejħa valuri estremi, jiġifieri li jkollhom devjazzjoni kbira mill-medja, twassal għal tqabbil żnaturat.

198 Fil-fatt, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-istudju tekniku tal-JRC, relatat mar-Regolament Delegat 2015/63, wieħed mill-għanijiet tal-binning huwa li jiġi previst metodu sempliċi għat-tqabbil tal-għadd kbir ta' data ddikjarata mill-istituzzjonijiet li l-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom hija aġġustata għall-profil tar-riskju tagħhom. Barra minn hekk, dan il-metodu jevita li l-istituzzjonijiet b'valuri partikolarment negattivi għal ċerti indikaturi tar-riskju milli madankollu jirċievu punteġġ li jindika profil ta' riskju baxx għal dan l-indikatur, peress li hemm xi istituzzjonijiet b'valuri estremi.

199 Sussegwentement, fir-rigward tal-proporzjonalità tal-metodu ta' binning fir-rigward tal-għan imfittex mir-regolament inkwistjoni, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 107 sa 111 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tgawdi minn marġni ta' evalwazzjoni wiesa' fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59.

200 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u f'konformità mal-ġurisprudenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et*, C-62/14, EU:C:2015:400, punti 80, 81 u 91; tat-30 ta' Novembru 2022, Trasta Komercbanka *et* vs BĊE, T-698/16, mhux ippubblikata, appellata, EU:T:2022:737, punti 221 u 222 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-21 ta' Diċembru 2022, Firearms United Network *et* vs Il-Kummissjoni, T-187/21, mhux ippubblikata, appellata, EU:T:2022:848, punti 122 u 123 u l-ġurisprudenza ċċitata), l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali tal-konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità għandu jkun limitat għall-eżami ta' jekk il-metodu ta' binning huwiex manifestament mhux xieraq fid-dawl tal-għan li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tfittex, jekk imurx manifestament lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan jew jekk iwassalx għal żvantaġġi manifestament sproporzjonati fid-dawl tal-għan imfittex.

201 Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-metodu ta' binning jilħaqx l-għan segwit, kif speċifikat fil-punti 197 u 198 iktar 'il fuq, għandu jiġi osservat li dan il-metodu huwa metodu statistiku rikonoxxut, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-istudju tekniku tal-JRC. Bl-istess mod, l-imsemmi metodu juża kriterji oġġettivi għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, jiġifieri, b'mod partikolari, formula matematika prevista fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", punt 2, tar-Regolament Delegat 2015/63.

202 Barra minn hekk, il-metodu ta' binning jagħmilha faċli li titqabbel id-data minn għadd kbir ta' istituzzjonijiet u li jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet *ex ante* tagħhom b'mod effiċjenti u oġġettiv.

203 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan il-metodu jagħmilha possibbli li jintlaħaq l-għan li jiġi stabbilit metodu sempliċi u faċilment kontrollabbli għat-tqabbil ta' għadd kbir ta'data għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*.

204 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma turix li l-metodu ta' binning jaqbeż manifestament il-limiti ta' dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan imfittex. B'mod partikolari, ma wrietx li metodu ieħor ta' tqabbil tal-profili tar-riskju tal-istituzzjonijiet manifestament kien ikollu inqas żvantaġġi għall-istituzzjonijiet minn dak tal-binning, filwaqt li jagħmilha possibbli li jintlaħaq, b'mod ugwalment effettiv, l-imsemmi għan.

205 Fl-aħħar, huwa minnu li, kif ġie rrilevat fil-punt 188 iktar 'il fuq, dan il-metodu statistiku jista' jkollu l-konsegwenza, fil-prattika, li, f'xi każijiet, istituzzjonijiet b'valuri kunsiderevolment differenti jistgħu madankollu jsibu ruħhom fl-istess bin, kif jirriżulta mill-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata. Madankollu, ċirkustanza bħal din ma tistax titqies bħala żvantaġġ manifestament sproporzjonat fid-dawl tal-għan imfittex mir-regolamenti inkwistjoni.

206 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li l-aġġustament tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* jista' jsir biss fil-firxa ta' koeffiċjent bejn 0.8 u 1.5, skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Delegat 2015/63. Il-kontribuzzjoni annwali bażika għalhekk tibqa' l-element predominanti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni *ex ante* fir-rigward tal-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet.

207 It-tieni, kif jirriżulta mill-istudju empiriku mwettaq qabel l-adozzjoni tar-Regolament Delegat 2015/63, li r-riżultati tiegħu ġew miġbura fil-qosor fl-istudju tekniku tal-JRC, il-fenomenu statistiku identifikat fil-punti 188 u 205 huwa llimitat fis-sens li għandu t-tendenza li jseħħ prinċipalment fl-aħħar bins, u mhux fil-maġġoranza vasta tal-bins.

208 It-tielet, jibqa' kostanti li l-istituzzjonijiet fl-aħħar bins għandhom valuri ogħla għall-indikatur tar-riskju rilevanti mill-istituzzjonijiet assenjati għal bins iktar baxxi.

209 Ir-raba', il-metodu ta' aġġustament tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għar-riskju jqis għadd kbir ta' indikaturi tar-riskju, kif jirriżulta mill-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat 2015/63. Istituzzjoni għalhekk tiġi assenjata, b'kollox, għal numru kbir ta' bins skont il-valuri tagħha u dawk ta' istituzzjonijiet oħra għal kull indikatur tar-riskju.

210 Issa, kif jirriżulta mill-istudju tekniku tal-JRC imsemmi fil-punt 207 iktar 'il fuq, l-istituzzjonijiet għandhom it-tendenza li jsibu ruħhom f'bins differenti għal indikaturi tar-riskju differenti. Konsegwentement, jekk istituzzjoni tkun fl-aħħar bin għal indikatur tar-riskju partikolari, u għalhekk titqiegħed fuq l-istess livell ma' istituzzjonijiet b'valuri kunsiderevolment ogħla, dan ikun differenti, bħala regola ġenerali, għal indikaturi tar-riskju oħra, li jippermettu paragun kumplessiv tal-istituzzjonijiet ikkonċernati.

211 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma wrietx li l-Artikolu 20 tal-Karta u l-prinċipju ta' proporzjonalità jipprekludu l-użu tal-metodu ta' binning.

212 Barra minn hekk, il-fenomenu deskritt fil-punti 209 u 210 iktar 'il fuq huwa muri mill-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tar-rikorrenti għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, kif muri mill-iskeda forma individwali tagħha. Fil-fatt, fir-rigward tal-parti tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha kkalkolata fuq il-bażi tal-Unjoni, ir-rikorrenti tinsab fil-bin [*kunfidenzjali*] għal [*kunfidenzjali*]. Min-naħa l-oħra, għall-ebda wieħed mill-indikaturi tar-riskju li jiffurmaw parti mill-pilastri tar-riskju [*kunfidenzjali*], ir-rikorrenti tinsab fil-bin [*kunfidenzjali*], jiġifieri [*kunfidenzjali*].

213 Is-sitwazzjoni hija simili wkoll għall-parti tal-kontribuzzjoni *ex ante* tar-rikorrenti li ġiet ikkalkolata fuq bażi nazzjonali. Mill-iskeda individwali tagħha jidher li r-rikorrenti tinsab fil-bin [*kunfidenzjali*] għal [*kunfidenzjali*]. Min-naħa l-oħra, hija ma tinsabx fil-bin [*kunfidenzjali*] għall-ebda wieħed mill-indikaturi tar-riskju li jiffurmaw il-pilastri tar-riskju [*kunfidenzjali*].

214 Fir-rigward, it-tieni nett, l-ilment ibbażat fuq il-ksur ta' "prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju", ma huwiex meħtieġ li tiġi deċiża l-kwistjoni dwar jekk jeżistix tali prinċipju fid-dritt tal-Unjoni. Dan l-ilment jista' jinftiehem fis-sens li r-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni, fil-prattika, talli wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta pprevediet il-metodu ta' tqassim f'bins, peress li dan tal-aħħar jipprevjeni lis-SRB milli jaġġusta, b'mod xieraq, il-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi għall-profil tar-riskju reali tal-istituzzjonijiet.

215 Issa, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 201 sa 211 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma tistax tiddikjara li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta introduċiet il-metodu ta' binning.

216 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-kompatibbiltà tal-metodu ta' binning mal-Artikolu 16 tal-Karta u l-prinċipju ta' kunsiderazzjoni sħiħa tal-fatti, ir-rikorrenti ma tiżviluppa l-ebda argument awtonomu u mmirat dwar il-ksur ta' dan l-artikolu u dan il-prinċipju, u tillimita ruħha għall-invokazzjoni tal-ksur tagħhom.

217 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex rikors ikun ammissibbli, huwa meħtieġ li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikun ibbażat jirriżultaw, tal-inqas b'mod sommarju, iżda koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors innifsu, sabiex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Għalhekk, kwalunkwe motiv li ma huwiex artikolat biżżejjed fir-rikors promotur għandu jitqies inammissibbli. Rekwiżiti simili huma meħtieġa meta jiġi invokat ilment insostenn ta' motiv. Din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-ordni pubbliku għandha titqajjem *ex officio* mill-qorti tal-Unjoni (ara s-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 2021, L-Italja vs Il-Kummissjoni, T-265/19, mhux ippubblikata, EU:T:2021:392, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-7 ta' Lulju 2021, Bateni vs Il-Kunsill, T-455/17, EU:T:2021:411, punt 135 u l-ġurisprudenza ċċitata).

218 L-ilmenti msemmija fil-punt 216 ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti, u għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

219 Fl-aħħar lok, fir-rikors tagħha, ir-rikorrenti ma tiżviluppa l-ebda argument awtonomu u ffokat dwar l-allegata illegalità tal-Artikoli 6, 7 u 9 tar-Regolament Delegat 2015/63 jew ta' partijiet oħra tal-Anness I ta' dan ir-regolament delegat għajr dak taħt l-intestatura "Pass 2", li jmur lil hinn mill-argument eżaminat hawn fuq.

220 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' illegalità li tikkonċerna dawn l-aħħar dispożizzjonijiet għandha tiġi miċħuda.

221 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, is-seba' motiv għandu jiġi miċħud.

***4. Fuq l-għaxar motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63, peress li jiksru l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59 u tal-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju"***

222 Ir-rikorrenti tqajjem eċċezzjoni ta' illegalità tal-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 għar-raġuni li, sa fejn din id-dispożizzjoni tippermetti lis-SRB li ma japplikax, għal perijodu indeterminat, fil-kuntest tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, indikatur tar-riskju wieħed jew iktar jekk id-data għal dawn l-indikaturi ma tkunx disponibbli, il-Kummissjoni ma rrispettatx l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59, li kien jeżiġi li din tqis l-elementi kollha previsti minn din id-dispożizzjoni fl-adozzjoni tar-Regolament Delegat 2015/63.

223 B'mod iktar speċifiku, l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 għandhom l-effett li, għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, is-SRB ma qiesx, fil-kuntest tal-pilastru tar-riskju "skopertura għar-riskju", l-indikatur tar-riskju "[f]ondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess ta[r-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL)]", fil-kuntest tal-pilastru tar-riskju tal-"[i]stabbiltà u l-varjetà ta' sorsi ta' finanzjament", l-indikatur tar-riskju "Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett" u, fil-kuntest tal-pilastru tar-riskju IV, l-indikaturi tar-riskju "kumplessità" u "riżolvibbiltà".

224 Għall-istess raġunijiet, l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 jiksru wkoll il-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju".

225 Is-SRB u l-Kummissjoni jikkontestaw dan l-argument.

226 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat, minn naħa, li, fil-kuntest tal-għaxar motiv, ir-rikorrenti tillimita ruħha sabiex tqajjem eċċezzjoni ta' illegalità kontra l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63.

227 Min-naħa l-oħra, mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi eżaminat jekk id-Direttiva 2014/59 jew xi regola oħra tad-dritt tal-Unjoni tistabbilixxix "prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju", l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq il-ksur ta' dan il-prinċipju għandha tinftiehem fis-sens li ssostni, essenzjalment, li l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 huwa vvizzjat minn żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li din id-dispożizzjoni timpedixxi lis-SRB milli jaġġusta, b'mod xieraq, il-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi għar-riskju reali tal-istituzzjonijiet.

228 B'dan stabbilit, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63, intitolat "Dispożizzjonijiet tranżizzjonali ġenerali", indikatur tar-riskju ma japplikax sakemm l-informazzjoni meħtieġa taħt indikatur tar-riskju speċifiku msemmi fl-Anness II ta' dan ir-regolament delegat ma tifformax parti mir-rekwiżiti ta' rapportar prudenzjali msemmija fl-Artikolu 14 tal-imsemmi regolament delegat, jiġifieri r-rekwiżiti ta' rapportar prudenzjali stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rapportar prudenzjali li għandu jiġi pprovdut mill-istituzzjonijiet, f'konformità mar-Regolament Nru 575/2013 (ĠU 2014, L 191, p. 1), jew, fejn applikabbli, fil-livell tal-Istati Membri.

229 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li r-Regolament Delegat 2015/63 ġie adottat abbażi tal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59, li jobbliga lill-Kummissjoni tqis l-elementi kollha elenkati taħt il-punti (a) sa (h) ta' din id-dispożizzjoni għall-finijiet li jiġi ppreċiżat il-kunċett ta' "aġġustament tal-kontribuzzjonijiet fi proporzjon mal-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet".

230 Minkejja dan, l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 jagħti s-setgħa lis-SRB, fuq bażi tranżizzjonali, li ma japplikax uħud minn dawn l-elementi, li huma riflessi fl-indikaturi tar-riskju previsti f'dan ir-regolament delegat.

231 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, filwaqt li l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59 jirrikjedi li l-Kummissjoni "tqis" l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 103(7)(a) sa (h) tad-Direttiva 2014/59, din id-dispożizzjoni ma tispeċifikax kif għandha tqishom. Għal dan il-għan u kif tfakkar fil-punti 107 sa 111 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni għandha marġni ta' evalwazzjoni wiesa' fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

232 Issa, tali marġni ta' evalwazzjoni jista' jimplika, fejn xieraq, il-ħtieġa li jiġu previsti perijodi tranżitorji fir-rigward tal-applikazzjoni tal-elementi elenkati fl-Artikolu 103(7)(a) sa (h) tad-Direttiva 2014/59, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tad-data meħtieġa għall-kalkolu tal-indikaturi tar-riskju bbażati fuq dawn l-elementi.

233 L-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 jintroduċi tali perijodu tranżitorju peress li ma jawtorizzax lis-SRB li ma japplikax uħud mill-imsemmija elementi għal żmien indefinit, iżda biss fuq bażi tranżitorja, kif jirriżulta mit-titolu tal-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament delegat, kif ukoll mill-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tiegħu.

234 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat, bħalma jagħmlu s-SRB u l-Kummissjoni, li l-ġustifikazzjoni għall-perijodu tranżitorju previst minn din id-dispożizzjoni hija marbuta mill-qrib man-natura progressiva tal-proċess tal-istabbiliment ta' rekwiżiti prudenzjali u r-rekwiżiti ta' informazzjoni korrispondenti. Fil-fatt, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-premessa 6 tad-Direttiva 2014/59, ir-Regolament Delegat 2015/63 ġie adottat f'mument meta dawn ir-rekwiżiti kienu għadhom ma ġewx adottati b'mod definittiv jew kienu għadhom suġġetti għal aġġustamenti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma kkontestatx b'mod serju l-affermazzjoni tas-SRB li l-awtoritajiet kompetenti kienu ser jiddeterminaw progressivament uħud mir-rekwiżiti msemmija li, min-naħa tagħhom, jinfluwenzaw id-data li kellha tkun disponibbli biex jiġu kkalkolati l-indikaturi tar-riskju previsti fir-Regolament Delegat 2015/63. Minn dan isegwi li tali data meħtieġa għall-kalkolu ta' wħud minn dawn l-indikaturi tar-riskju tista' ma tkunx disponibbli għall-istituzzjonijiet kollha kkonċernati jew, tal-inqas, għall-istituzzjonijiet kollha li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Stat Membru, għal tal-inqas parti mill-perijodu inizjali, filwaqt li jiġi ppreċiżat li tali data ma tistax tiġi ddikjarata bħala informazzjoni prudenzjali skont id-dritt tal-Unjoni jew, fejn applikabbli, dak nazzjonali.

235 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 għandu l-għan li jevita li oneri sproporzjonati jew diskriminatorji jiġu imposti, skont il-każ, fuq l-istituzzjonijiet meta jikkalkolaw il-kontribuzzjonijiet *ex ante* preċiżament minħabba din l-implimentazzjoni gradwali tar-rekwiżiti prudenzjali u r-rekwiżiti ta' rapportar relatati. Fil-fatt, dan il-kalkolu jinvolvi eżerċizzju ta' tqabbil. F'dan ir-rigward, is-SRB spjega, essenzjalment, mingħajr ma ġie kontradett fuq dan il-punt, li, jekk id-data essenzjali għall-kalkolu ta' ċerti indikaturi tar-riskju ma tkunx ġiet iddikjarata bħala informazzjoni prudenzjali mill-istituzzjonijiet kollha jew, tal-inqas, mill-istituzzjonijiet kollha li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Stat Membru, is-SRB ikun obbligat li jqis data relatata ma' tali indikaturi li ma hijiex paragunabbli.

236 Fl-aħħar, huwa minnu li l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 tista' twassal għal sitwazzjoni fejn ċerti indikaturi tar-riskju previsti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament delegat jibqgħu ma japplikawx matul il-perijodu inizjali. Madankollu, minn naħa, konsegwenza bħal din hija r-riżultat tan-natura progressiva tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali, kif ġie rrilevat fil-punt 234 iktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 806/2014, l-imsemmija indikaturi tar-riskju huma maħsuba li japplikaw ukoll lil hinn mill-perijodu inizjali.

237 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u b'kont meħud tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punt 231 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma wrietx li l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 huwa vvizzjat minn żball manifest ta' evalwazzjoni jew użu ħażin ta' poter jew saħansitra li dan manifestament imur lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59.

238 Għaldaqstant, l-għaxar motiv għandu jiġi miċħud.

## B. Fuq il-motivi dwar l-illegalità tad-Deċiżjoni kkontestata

### *1. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 81(1) tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1*

239 Mill-proċess jidher li l-avviż għall-ħlas tal-21 ta' April 2021 mill-BaFin kien akkumpanjat mill-verżjoni bl-Ingliż tad-Deċiżjoni kkontestata, inklużi l-annessi tagħha, u t-traduzzjoni libera tagħha għall-Ġermaniż. Skont l-avviż għall-ħlas, il-verżjoni bl-Ingliż biss tad-Deċiżjoni kkontestata hija awtentika.

240 Ir-rikorrenti tallega li d-Deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-Artikolu 81(1) tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1, billi tispeċifika li l-verżjoni Ingliża biss hija awtentika, filwaqt li kienet espressament għażlet il-Ġermaniż bħala l-lingwa uffiċjali li għandha tiġi applikata matul il-proċedura amministrattiva. Peress li r-rikorrenti ma rrinunzjatx b'mod espliċitu d-dritt tagħha li tikkomunika mas-SRB bil-Ġermaniż, il-fatt li s-SRB abbozza wkoll verżjoni mhux uffiċjali tad-Deċiżjoni kkontestata bil-Ġermaniż ma jistax jikkoreġi dan id-difett, speċjalment peress li din tal-aħħar fiha differenzi sinjifikattivi meta mqabbla mad-Deċiżjoni kkontestata fil-verżjoni Ingliża.

241 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

242 Skont l-Artikolu 81(1) tar-Regolament Nru 806/2014, ir-Regolament Nru 1 japplika għas-SRB.

243 Mill-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1 jirriżulta li t-testi indirizzati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni lil Stat Membru jew lil persuna taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru għandhom jiġu abbozzati fil-lingwa ta' dak l-Istat.

244 Madankollu, bis-saħħa tal-Artikolu 81(4) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB jista' jiftiehem mal-ANR dwar il-lingwa li biha għandhom jitfasslu d-dokumenti li jiġu trażmessi lilhom jew minnhom, peress li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi leġiżlazzjoni speċjali fir-rigward tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1.

245 Issa, is-SRB implimenta dan l-Artikolu 81(4) billi kkonkluda mal-ANR ftehim dwar il-modalitajiet prattiċi tal-kooperazzjoni fi ħdan is-SRM, li ġie approvat bid-Deċiżjoni SRB/PS/2018/15 tas-SRB tas-17 ta' Diċembru 2018, li tistabbilixxi l-qafas għall-modalitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni fi ħdan is-SRM bejn is-SRB u l-ANR (iktar 'il quddiem il-"Ftehim SRB-ANR").

246 Konsegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk id-Deċiżjoni kkontestata kinitx konformi mal-modalitajiet previsti minn dan il-ftehim.

247 Skont l-Artikolu 4(6) tal-Ftehim SRB-ANR, l-atti ġuridiċi tas-SRB indirizzati lill-ANR, bil-ħsieb li jiġu implimentati skont id-dritt nazzjonali, għandhom jiġu adottati bl-Ingliż, fejn il-verżjoni tal-imsemmija atti b'dik il-lingwa huma legalment vinkolanti.

248 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/81 jirriżulta li s-SRB għandu jikkomunika d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* lill-ANR ikkonċernati.

249 Skont din id-dispożizzjoni, is-SRB speċifika, fl-Artikolu 2 tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni kkontestata, li din tal-aħħar kienet ser tiġi kkomunikata lill-ANR Ġermaniża, fil-kapaċità tagħha bħala destinatarja, bl-istess mod bħal għall-ANR l-oħra.

250 Minn dan isegwi li d-Deċiżjoni kkontestata taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(6) tal-Ftehim SRB-ANR.

251 F'konformità mal-Artikolu 81(4) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB seta' għalhekk jabbozza d-Deċiżjoni kkontestata bl-Ingliż. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma tistax takkużah li kiser l-Artikolu 81(1) ta' dan ir-regolament jew l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1.

252 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-argument tar-rikorrenti.

253 L-ewwel nett, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li jgħid li hija għażlet li tirċievi d-dokumenti tas-SRB matul il-fażi amministrattiva bil-Ġermaniż u, għalhekk, li s-SRB kellu jikkomunika d-Deċiżjoni kkontestata lilha b'dik il-lingwa.

254 Għalkemm jidher mill-formola prodotta fl-Anness A.10 tal-applikazzjoni li r-rikorrenti kienet għamlet din l-għażla, din l-għażla tikkonċerna biss l-iskambju ta' dokumenti bejnha u s-SRB u ma tistax tkun dwar id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-kontribuzzjonijiet *ex ante*, billi tali deċiżjonijiet huma indirizzati mis-SRB lill-ANR.

255 Sussegwentement, l-argument tar-rikorrenti li hija direttament u individwalment ikkonċernata mid-Deċiżjoni kkontestata u għalhekk għandha d-dritt li tirċievi kopja uffiċjali bil-Ġermaniż lanqas ma jista' jiġi milqugħ.

256 Minn naħa, dan l-argument jinjora l-formulazzjoni tal-Artikolu 81(4) tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/81 u l-Artikolu 4(6) tal-Ftehim SRB-ANR.

257 Min-naħa l-oħra, mill-ġurisprudenza jirriżulta li ma hemm l-ebda prinċipju ġenerali fid-dritt tal-Unjoni li jiżgura lil kull persuna d-dritt li kwalunkwe att li jista' taffettwa l-interessi tagħha ser tiġi mfassal fil-lingwa tagħha f'kull ċirkustanza u li l-organi tal-Unjoni huma obbligati, mingħajr ebda deroga, li jużaw il-lingwi uffiċjali kollha f'kull sitwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, Spanja vs Il-Parlament, C-377/16, EU:C:2019:249, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

258 Għalhekk, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

### *2. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqasijiet ta' motivazzjoni*

259 It-tieni motiv huwa maqsum f'seba' partijiet.

#### *a) Osservazzjonijiet preliminari*

260 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296 TFUE jipprovdi li l-atti ġuridiċi għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati. Bl-istess mod, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta, jipprevedi l-obbligu tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni li jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom.

261 Il-motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni għandha importanza partikolari, peress li tippermetti lill-parti kkonċernata tiddeċiedi b'għarfien sħiħ tal-fatti jekk għandhiex l-intenzjoni li tippreżenta rikors kontra dik id-deċiżjoni kif ukoll lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha, u għalhekk tikkostitwixxi waħda mill-kundizzjonijiet għall-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata).

262 Tali motivazzjoni għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għall-kuntest li fih dan ikun ġie adottat. F'dan ir-rigward, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn in-natura suffiċjenti ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tal-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll fir-rigward tal-kuntest tagħha kif ukoll fir-rigward tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat u, b'mod partikolari, skont l-interess li d-destinatarji tal-att jista' jkollhom sabiex jirċievu spjegazzjonijiet. Konsegwentement, att li jikkawża preġudizzju huwa motivat b'mod suffiċjenti meta dan ikun ġie adottat f'kuntest magħruf mill-persuna kkonċernata, li jkun jippermettilha tifhem il-portata tal-miżura meħuda fil-konfront tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata).

263 Sabiex jiġi eżaminat jekk din il-motivazzjoni hijiex biżżejjed fir-rigward ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante*, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jistax jiġi dedott li l-motivazzjoni ta' kull deċiżjoni ta' istituzzjoni, ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni li timponi fuq operatur privat il-ħlas ta' somma flus għandha neċessarjament tinkludi l-elementi kollha li jippermettu lid-destinatarju tagħha jivverifika l-eżattezza tal-kalkolu tal-ammont ta' din is-somma ta' flus (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

264 It-tieni, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni huma, fil-prinċipju, meħtieġa, fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, inkorporat, b'mod partikolari, fl-Artikolu 339 TFUE, li ma jiżvelawx lill-kompetituri ta' operatur privat informazzjoni kunfidenzjali pprovduta minn dan tal-aħħar (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata).

265 It-tielet, li jiġi kkunsidrat li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni tas-SRB li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante* għandha neċessarjament tippermetti lill-istituzzjonijiet jivverifikaw l-eżattezza tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom jimplika, neċessarjament, li l-leġiżlatur tal-Unjoni jiġi pprojbit milli jistabbilixxi metodu ta' kalkolu ta' din il-kontribuzzjoni li jintegra data li n-natura kunfidenzjali tagħha hija protetta mid-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, li titnaqqas b'mod eċċessiv is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li dan il-leġiżlatur għandu jkollu għal dan il-għan, billi jiġi prekluż, b'mod partikolari, milli jagħżel metodu li jista' jiżgura adattament dinamiku tal-finanzjament tas-SRF skont l-iżviluppi tas-settur finanzjarju, permezz tat-teħid inkunsiderazzjoni komparattiv, b'mod partikolari, tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' kull istituzzjoni awtorizzata fit-territorju ta' Stat Membru parteċipanti fis-SRF (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 118).

266 Ir-raba', għalkemm mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-obbligu ta' motivazzjoni li għandu s-SRB għandu jiġi bbilanċjat, minħabba l-loġika tas-sistema ta' finanzjament tas-SRF u tal-metodu ta' kalkolu stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni, mal-obbligu tas-SRF li josserva s-sigriet kummerċjali tal-istituzzjonijiet ikkonċernati, xorta jibqa' l-fatt li dan l-aħħar obbligu ma għandux jiġi interpretat b'mod tant wiesa' li jċaħħad lill-obbligu ta' motivazzjoni mis-sustanza tiegħu (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 120).

267 Madankollu, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-obbligu ta' motivazzjoni mal-prinċipju ta' protezzjoni tas-sigriet kummerċjali ma jistax jitqies li motivazzjoni għal deċiżjoni li timponi fuq operatur privat il-ħlas ta' somma flus mingħajr ma tipprovdilu l-elementi kollha li jippermettu li jiġi vverifikat b'eżattezza l-kalkolu tal-ammont ta' din is-somma ta' flus neċessarjament tippreġudika, fil-każijiet kollha, is-sustanza tal-obbligu ta' motivazzjoni (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 121).

268 Fir-rigward tad-deċiżjoni tas-SRB li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante*, l-obbligu ta' motivazzjoni għandu jitqies li ġie osservat meta d-destinatarji ta' din id-deċiżjoni, filwaqt li ma tiġix trażmessa lilhom data koperta mis-sigriet kummerċjali, ikollhom il-metodu ta' kalkolu użat mis-SRB u informazzjoni suffiċjenti sabiex jifhmu, essenzjalment, b'liema mod is-sitwazzjoni individwali tagħhom ittieħdet inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom, fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati l-oħra kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 122).

269 F'każ bħal dan, dawn id-destinatarji huma, fil-fatt, f'pożizzjoni li jivverifikaw jekk il-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom ġietx stabbilita b'mod arbitrarju, billi tkun ġiet injorata r-realtà tas-sitwazzjoni ekonomika tagħhom jew billi tkun intużat data dwar il-kumplament tas-settur finanzjarju li ma tkunx plawżibbli. L-imsemmija destinatarji jistgħu, għalhekk, jifhmu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom għas-SRF u jevalwaw jekk jidhirx utli li titressaq azzjoni kontra din id-deċiżjoni, b'tali mod li jkun eċċessiv li s-SRB jintalab jikkomunika kull waħda miċ-ċifri li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tal-kontribuzzjoni ta' kull istituzzjoni kkonċernata (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 123).

270 Minn dan isegwi li s-SRB ma huwiex, b'mod partikolari, f'pożizzjoni li jipprovdi lil istituzzjoni data li tippermettilha tivverifika, b'mod komplet, l-eżattezza tal-valur tal-multiplikatur ta' aġġustament, peress li din il-verifika tippreżupponi li dak li jkun ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu informazzjoni koperta mis-sigriet kummerċjali dwar is-sitwazzjoni ekonomika ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 135).

271 Min-naħa l-oħra, huwa s-SRB li għandu jippubblika jew jibgħat lill-istituzzjonijiet ikkonċernati, f'forma kollettiva u anonimizzata, l-informazzjoni dwar dawn l-istituzzjonijiet, użata sabiex tiġi kkalkolata din il-kontribuzzjoni, sa fejn din l-informazzjoni tista' tiġi kkomunikata mingħajr ma tippreġudika s-sigriet kummerċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 166).

272 Fost l-informazzjoni li għandha għalhekk titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-istituzzjonijiet hemm, b'mod partikolari, il-valuri limitu ta' kull bin u dawk tal-indikaturi relatati miegħu, li abbażi tagħhom il-kontribuzzjoni *ex ante* tal-istituzzjonijiet ġiet aġġustata għall-profil ta' riskju tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 167).

273 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti żviluppati fil-kuntest tat-tieni motiv.

### *b) Fuq l-ewwel parti, dwar il-lingwa tal-verżjoni awtentika tad-Deċiżjoni kkontestata*

274 Ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjoni kkontestata ma teżistix f'lingwa magħżula b'mod espliċitu minnha skont l-Artikolu 81(1) tar-Regolament Nru 806/2014, jiġifieri l-Ġermaniż. Barra minn hekk, hemm diskrepanzi dwar punti essenzjali bejn il-verżjoni bl-Ingliż tad-Deċiżjoni kkontestata, li hija awtentika, u t-traduzzjoni tagħha għall-Ġermaniż.

275 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

276 Fir-rigward, minn naħa, tal-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' eżistenza tad-Deċiżjoni kkontestata fil-lingwa magħżula mir-rikorrenti, dan l-ilment essenzjalment jikkoinċidi mal-ewwel motiv, u għalhekk jeħtieġ li jiġi miċħud għar-raġunijiet stabbiliti fil-punti 242 sa 257 iktar 'il fuq. Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-ilment ibbażat fuq id-diskrepanzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti tidentifika biss punt wieħed minnha li fuqu l-verżjoni awtentika bl-Ingliż hija differenti mit-traduzzjoni tagħha għall-Ġermaniż, jiġifieri l-premessa 114 tagħha, relatata mal-ħolqien ta' tliet bins li jikkonċernaw l-indikatur tar-riskju tas-SPI. Madankollu, jekk jiġi preżunt li tassew hemm din id-diverġenza lingwistika, ir-rikorrenti ma tispjegax kif din id-diverġenza kienet iċċaħħadha milli tifhem ir-raġunijiet għaliex is-SRB ħoloq tliet bins li jikkonċernaw l-indikatur tar-riskju tas-SPI.

277 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

### *c) Fuq it-tieni parti, dwar il-kumplessità tal-motivazzjoni tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni ex ante*

278 Ir-rikorrenti ssostni, qabelxejn, li l-ispjegazzjonijiet mogħtija mis-SRB fid-Deċiżjoni kkontestata, maqsuma f'erba' dokumenti separati, huma eċċessivament kumplessi u opaki.

279 Sussegwentement, l-għodda ta' kalkolu użata mis-SRB biex jikkalkola l-kontribuzzjonijiet *ex ante* ma hija aċċessibbli la għar-rikorrenti u lanqas għall-Qorti Ġenerali.

280 Fl-aħħar nett, in-nuqqasijiet fil-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata huma kkonfermati iktar mill-fatt li s-SRB daħal f'iktar dettall fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2022.

281 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

282 Qabelxejn, ir-rikorrenti ma tispjegax b'mod suffiċjenti skont il-liġi kif il-fatt li d-Deċiżjoni kkontestata hija maqsuma f'erba' dokumenti jagħmel din id-deċiżjoni inkomprensibbli u għalhekk jikkostitwixxi nuqqas fil-motivazzjoni.

283 Bl-istess mod, għalkemm ir-rikorrenti ssostni li d-dokumenti li jikkostitwixxu d-Deċiżjoni kkontestata huma marbuta flimkien minn bosta referenzi u kontroreferenzi, b'tali mod li huwa impossibbli li wieħed jifhem bis-sħiħ kull wieħed mill-elementi ta' kalkolu, ma tipprovdi l-ebda eżempju ta' tali element li jsir inkomprensibbli għal din ir-raġuni.

284 Fir-rigward, sussegwentement, tal-għodda ta' kalkolu użata mis-SRB biex jikkalkola l-kontribuzzjonijiet *ex ante*, għandu jiġi rrilevat li l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna, skont il-kjarifiki li għamlet fis-seduta, l-għodda ta' kalkolu fil-forma ta' software użat internament mis-SRB biex jikkalkola l-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021 mill-istituzzjonijiet kollha.

285 Issa, ir-rikorrenti ma tistax tikkritika lis-SRB talli ma tahiex aċċess għal tali għodda, peress li ma pproduċiet lill-Qorti Ġenerali l-ebda element konkret li jispjega r-raġunijiet għaliex tali aċċess kien meħtieġ għall-konformità mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 268, 271 u 272 iktar 'il fuq.

286 Fl-aħħar nett, is-sempliċi fatt li s-SRB allegatament immotiva iktar fil-fond id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2022 huwa irrilevanti fl-evalwazzjoni ta' jekk id-Deċiżjoni kkontestata hijiex motivata biżżejjed. Tabilħaqq, il-motivazzjoni ta' din l-aħħar deċiżjoni ma tistax tiġi eżaminat fid-dawl ta' att adottat madwar sena wara d-Deċiżjoni kkontestata.

287 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, it-tieni parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

*d) Fuq is-sitt parti, dwar iż-żamma ta' data minn istituzzjonijiet oħra*

288 Skont ir-rikorrenti, il-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex biżżejjed peress li l-SRB ma żvelax id-data tal-istituzzjonijiet l-oħra li fformat il-bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, u dan iħalliha inċerta dwar il-preċiżjoni tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha. Għalhekk, is-SRB ma kienx laħaq bilanċ ġust bejn l-obbligu ta' motivazzjoni u s-sigriet kummerċjali.

289 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

290 Fil-premessa 88 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB osserva li "is-sigrieti kummerċjali tal-istituzzjonijiet – jiġifieri, l-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-attività professjonali tal-istituzzjonijiet li, fil-każ ta' żvelar lil kompetitur u/jew lil udjenza usa', tista' tkun ta' dannu sinjifikattiv għall-interessi tal-istituzzjonijiet – [kienu] kkunsidrati bħala informazzjoni kunfidenzjali". Din iżżid li, "[f]il-kuntest tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* […], l-informazzjoni individwali pprovduta mill-istituzzjonijiet permezz tal-formoli [tad-dikjarazzjoni] tagħhom […], li fuqhom [ibbażat ruħha] biex tikkalkola l-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom, [kienet] meqjusa sigrieti kummerċjali".

291 Barra minn hekk, fil-premessi 90 sa 92 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB irrileva li kien ipprojbit milli "jiżvela l-punti tad-data ta' kull istituzzjoni, li [kienu] jikkostitwixxu l-bażi għall-kalkoli [fl-imsemmija deċiżjoni]", filwaqt li tħalla "jiżvela l-punti tad-data aggregati u komuni, sakemm din id-data [kienet] aggregata". Madankollu, skont l-imsemmija deċiżjoni, l-istituzzjonijiet kienu jibbenefikaw minn "trasparenza sħiħa fir-rigward tal-kalkolu tal-[kontribuzzjoni annwali bażika] tagħhom u l-multiplikatur tal-aġġustament tagħhom" għall-istadji tal-kalkolu ta' din il-kontribuzzjoni, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, li kienu jikkonċernaw

il-"kalkolu tal-indikaturi mhux maħduma" (pass 1), ir-"rigradazzjoni tal-indikaturi" (pass 3) u l-"kalkolu tal-indikatur maħdum" (pass 5). Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet setgħu jiksbu "punti tad-data komuni użati b'mod indiskriminat mis-SRB għall-istituzzjonijiet kollha aġġustati għall-profil tar-riskju tagħhom" għall-passi tal-kalkolu li jirrigwardaw id-"diskretizzazzjoni" (pass 2), l-"inklużjoni tas-sinjal assenjat" (pass 4) u l-"kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali" (pass 6).

292 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li l-prinċipju stess tal-metodu tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, kif jirriżulta mid-Direttiva 2014/59 u mir-Regolament Nru 806/2014, jimplika l-użu, mis-SRB, ta' data koperta mis-sigriet kummerċjali li ma tistax tiġi inkluża fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante* (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 114).

293 It-tieni, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, l-obbligu ta' motivazzjoni ma jirrikjedix li s-SRB jinkludi, fid-Deċiżjoni kkontestata, kunsiderazzjonijiet dettaljati li juru n-natura kunfidenzjali ta' kull kategorija ta' data pprovduta mill-istituzzjonijiet.

294 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 262 iktar 'il fuq, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni ta' att tispeċifika kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn in-natura suffiċjenti ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tal-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll fir-rigward tal-kuntest tagħha kif ukoll fir-rigward tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat u, b'mod partikolari, skont l-interess li d-destinatarji tal-att jista' jkollhom sabiex jirċievu spjegazzjonijiet.

295 Issa, minn naħa, mill-kunsiderazzjonijiet fil-premessa 88 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li s-SRB qies li d-data kollha rrapportata minn kull istituzzjoni kienet koperta, fl-intier tagħha, mis-sigriet kummerċjali, peress li l-iżvelar ta' din id-data lil kompetitur jew lil udjenza usa' jista' jkun ta' dannu sinjifikattiv għall-interessi tal-istituzzjoni kkonċernata.

296 Min-naħa l-oħra, peress li r-rikorrenti pprovdiet d-data tagħha stess għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat 2015/63, hija kellha għarfien sħiħ tan-natura u l-karatteristiċi ġenerali ta' kull kategorija ta' din id-data. B'mod partikolari, hija setgħet tevalwa sa liema punt kull waħda minn dawn il-kategoriji ta' data jista' jkun fiha informazzjoni kunfidenzjali.

297 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti kellha biżżejjed informazzjoni biex tifhem u, jekk meħtieġ, tikkontesta r-raġunijiet li għalihom is-SRB kien ikkunsidra li d-data individwali tal-istituzzjonijiet l-oħrajn kienet koperta mis-sigriet kummerċjali. Hija setgħet, b'mod partikolari, tikkontesta, fir-rigward tan-natura u l-karatteristiċi ġenerali ta' kull kategorija ta' din id-data, l-evalwazzjoni tas-SRB stabbilita fil-premessa 88 tad-Deċiżjoni kkontestata, li skontha l-imsemmija data kellha natura sigrieta u l-iżvelar tagħha seta' jkun ta' dannu sinjifikattiv għall-interessi tal-istituzzjoni kkonċernata. Għalhekk, hija kellha l-elementi kollha meħtieġa biex tkun tista' tikkontesta n-nuqqas ta' rispett mis-SRB tar-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ibbilanċjar tal-obbligu ta' motivazzjoni mal-prinċipju tal-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali, kif ġie mfakkar fil-punti 268, 271 u 272 iktar 'il fuq.

298 Issa, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda element li kellu l-għan li jikkontesta l-evalwazzjoni tas-SRB li d-data individwali tal-istituzzjonijiet l-oħrajn kienet koperta mis-sigriet kummerċjali.

299 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma tistax tallega li d-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex suffiċjentement motivata peress li ma tipprovdix id-data individwali tal-istituzzjonijiet l-oħra li tippermetti l-verifika tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha.

300 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tar-rikorrenti li s-SRB, sabiex jissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu, għandu jipprovdilha, f'forma anonimizzata, lista tad-data kollha mill-istituzzjonijiet li jinsabu fl-istess bin bħalha.

301 Minn naħa, l-impożizzjoni ta' tali rekwiżit fuq is-SRB tmur lil hinn mir-rekwiżiti imposti mill-ġurisprudenza li ġew imfakkra fil-punti 268, 271 u 272 iktar 'il fuq.

302 Min-naħa l-oħra, is-SRB argumenta, mingħajr ma ġie kontradett b'mod serju dwar dan il-punt, li anki lista b'data anonimizzata għal bin partikolari kellha r-riskju li tippermetti lill-operaturi ekonomiċi attivi fil-qasam bankarju, li huma operaturi informati tajjeb, isiru jafu b'sigrieti kummerċjali ta' ċerti istituzzjonijiet. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma kkontestatx, b'mod partikolari, li tali operaturi kienu jafu liema istituzzjonijiet kellhom tendenza li jkollhom valuri għoljin għal ċerti indikaturi tar-riskju. Issa, kieku kellhom jiksbu listi b'tali data kull sena, ikunu jistgħu jsegwu l-evoluzzjoni tal-indikaturi tar-riskju ta' dawn l-istituzzjonijiet, anki jekk kienu jikkonsistu f'data kummerċjalment sensittiva. Tali riskju jeżisti b'mod partikolari fir-rigward ta' istituzzjonijiet kbar u dawk stabbiliti fl-Istati Membri li fihom hemm biss għadd limitat ta' istituzzjonijiet obbligati li jħallsu kontribuzzjoni *ex ante*. Tabilħaqq, ma huwiex eskluż li, f'dawn il-każijiet, operatur informat tajjeb ikun f'pożizzjoni li jiddeduċi l-identità ta' tali istituzzjonijiet, anki jekk dawn ikunu ġew anonimizzati. Għalhekk, is-SRB ma jistax jiġi kkritikat talli ma stabbilixxiex lista tad-data anonima kollha tal-istituzzjonijiet fl-istess bin.

303 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, is-sitt parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

### *e) Fuq it-tielet parti, dwar il-motivazzjoni tal-livell fil-mira annwali*

304 Skont ir-rikorrenti, id-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali ma hijiex debitament motivata fid-Deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, is-SRB kellu jispjega sa liema punt kien ikkunsidra l-impatt possibbli tal-kontribuzzjonijiet proċikliċi fuq il-qagħda finanzjarja tal-istituzzjonijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, is-SRB ma kienx ikkomunika l-livell fil-mira finali mbassar u lanqas l-interpretazzjoni tiegħu tal-limitu massimu msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014. Issa, kif turi d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2022, is-SRB iqis li għandu s-setgħa li jżid liberament il-livell fil-mira annwali billi japplika koeffiċjent li ma huwiex previst mir-regolamenti applikabbli u b'hekk jimponi oneru sproporzjonat fuq l-istituzzjonijiet.

305 Is-SRB iwieġeb li mill-premessi 35 sa 48 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li huwa osserva mal-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu fir-rigward tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021.

306 B'mod partikolari, mill-premessi 43 sa 48 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li s-SRB kien qies il-pandemija tal-COVID-19 fil-kuntest tal-analiżi tal-fażi taċ-ċiklu tan-negozju kif ukoll l-effetti proċikliċi potenzjali tal-kontribuzzjonijiet fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet kontribwenti. F'dan ir-rigward, is-SRB kien spjega li kien qiegħed jantiċipa rkupru ekonomiku matul l-2021, anki jekk dan l-irkupru baqa' diffiċli li jitbassar.

307 Barra minn hekk, is-SRB kien ippubblika fuq is-sit internet tiegħu l-livell fil-mira finali mbassar u r-rikorrenti kienet taf b'din il-pubblikazzjoni. L-allegat nuqqas ta' żvelar tal-interpretazzjoni tas-SRB tal-limitu massimu ta' 12.5 % previst fl-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014 ma huwiex ta' natura li jaffettwa l-legalità tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

308 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-Regolament Nru 806/2014, fi tmiem il-perijodu inizjali, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli fis-SRF għandhom jilħqu l-livell fil-mira finali, li jikkorrispondi għal tal-inqas 1 % tal-ammont ta' depożiti koperti tal-istituzzjonijiet awtorizzati kollha fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti kollha.

309 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 806/2014, matul il-perijodu inizjali, il-kontribuzzjonijiet *ex ante* għandhom jitqassmu b'mod kemm jista' jkun ugwali matul iż-żmien sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira finali msemmi fil-punt 308 iktar 'il fuq, iżda b'kunsiderazzjoni xierqa tal-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-impatt li l-kontribuzzjonijiet proċikliċi jista' jkollhom fuq il-qagħda finanzjarja tal-istituzzjonijiet.

310 L-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014 jispeċifika li, kull sena, il-kontribuzzjonijiet dovuti mill-istituzzjonijiet awtorizzati kollha fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti kollha ma għandhomx jaqbżu t-12.5 % tal-livell fil-mira finali.

311 Fir-rigward tal-metodu tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat 2015/63 jipprevedi li s-SRB għandu jiddetermina l-ammont tagħhom abbażi tal-livell fil-mira annwali, b'kont meħud tal-livell fil-mira finali, u abbażi tal-ammont medju tad-depożiti koperti tas-sena preċedenti, ikkalkolat kull tliet xhur, għall-istituzzjonijiet awtorizzati kollha fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti kollha.

312 Bl-istess mod, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/81, is-SRB jikkalkola l-kontribuzzjoni *ex ante* għal kull istituzzjoni abbażi tal-livell fil-mira annwali, li għandu jiġi stabbilit fir-rigward tal-livell fil-mira finali u skont il-metodu espost fir-Regolament Delegat 2015/63.

313 F'dan il-każ, kif jidher mill-premessa 48 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB stabbilixxa, għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, l-ammont tal-livell fil-mira annwali għal EUR 11 287 677 212.56.

314 Fil-premessi 36 u 37 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB spjega, essenzjalment, li l-livell fil-mira annwali għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-iżvilupp tad-depożiti koperti fis-snin preċedenti, fuq kull żvilupp ekonomiku rilevanti kif ukoll abbażi ta' analiżi tal-indikaturi relatati mal-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u l-effetti li l-kontribuzzjonijiet proċikliċi jkollhom fuq il-qagħda finanzjarja tal-istituzzjonijiet. Sussegwentement, is-SRB qies li kien xieraq li jiġi stabbilit koeffiċjent ibbażat fuq din l-analiżi u fuq ir-riżorsi finanzjarji disponibbli fis-SRF (iktar 'il quddiem il-"koeffiċjent"). Is-SRB applika dan il-koeffiċjent għal wieħed minn tmienja tal-ammont medju ta' depożiti koperti fl-2020, għall-fini li jintlaħaq il-livell fil-mira annwali.

315 Is-SRB stabbilixxa l-approċċ meħud biex jiġi ffissat il-koeffiċjent fil-premessi 38 sa 47 tad-Deċiżjoni kkontestata.

316 Fil-premessa 38 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB innota xejra stabbli ta' żieda fid-depożiti koperti għall-istituzzjonijiet kollha fl-Istati Membri parteċipanti. B'mod partikolari, l-ammont medju ta' dawn id-depożiti, ikkalkolat kull trimestru, kien jammonta għal EUR 6 689 biljun għas-sena 2020.

317 Fil-premessi 40 u 41 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB ippreżenta l-iżvilupp imbassar tad-depożiti koperti għat-tliet snin li jifdal tal-perijodu inizjali, jiġifieri mill-2021 sal-2023. Huwa stima li r-rati ta' tkabbir annwali tad-depożiti koperti sa tmiem il-perijodu inizjali kienu ser ikunu bejn 4 % u 7 %.

318 Fil-premessi 42 sa 45 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB ippreżenta valutazzjoni tal-fażi taċ-ċiklu tan-negozju u tal-effett proċikliku potenzjali li l-kontribuzzjonijiet *ex ante* jista' jkollhom fuq il-qagħda finanzjarja tal-istituzzjonijiet. Sabiex jagħmel dan, huwa indika li kien qies diversi indikaturi, bħat-tbassir tal-Kummissjoni għat-tkabbir tal-prodott domestiku gross u l-projezzjonijiet tal-BĊE f'dan ir-rigward jew il-fluss ta' kreditu mis-settur privat bħala perċentwal tal-prodott domestiku gross.

319 Fil-premessa 46 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB ikkonkluda li, filwaqt li kien raġonevoli li jkun mistenni iktar tkabbir fid-depożiti koperti fi ħdan l-Unjoni Bankarja, ir-ritmu ta' dan it-tkabbir kien ser ikun iktar baxx milli fl-2020. F'dan ir-rigward, is-SRB indika, fil-premessa 47 tad-Deċiżjoni kkontestata, li kien adotta "approċċ prudenti" fir-rigward tar-rati ta' tkabbir tad-depożiti koperti għas-snin li ġejjin sal-2023.

320 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, is-SRB stabbilixxa, fil-premessa 48 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-valur tal-koeffiċjent għal 1.35 %. Imbagħad ikkalkola l-ammont tal-livell fil-mira annwali, billi mmultiplika l-ammont medju tad-depożiti koperti fl-2020 b'dan il-koeffiċjent u ddivida r-riżultat ta' dan il-kalkolu bi tmienja, skont il-formula matematika li ġejja, li tinsab fil-premessa 48 tal-imsemmija deċiżjoni:

"$\text{Mira}_0$ [l-ammont tal-livell fil-mira annwali] = Total tad-depożiti $\text{koperti}_{2020}$ * 0.0135 * ⅛ = EUR 11 287 677 212.56".

321 Madankollu, fis-seduta, is-SRB indika li kien iddetermina l-livell fil-mira annwali għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021 kif ġej.

322 L-ewwel nett, abbażi ta' analiżi prospettiva, is-SRB stabbilixxa l-ammont ta' depożiti koperti tal-istituzzjonijiet awtorizzati kollha fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti kollha, imbassar għal tmiem il-perijodu inizjali, għal madwar EUR 7.5 triljun. Biex wasal għal dan l-ammont, is-SRB qies l-ammont medju ta' depożiti koperti fl-2020, jiġifieri EUR 6 689 triljun, rata ta' tkabbir annwali tad-depożiti koperti ta' 4 % kif ukoll in-numru ta' perijodi ta' kontribuzzjoni li fadal sa tmiem il-perijodu inizjali, jiġifieri tlieta.

323 It-tieni, f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB ikkalkola 1 % ta' dawn il-EUR 7.5 triljun biex jikseb l-ammont stmat tal-livell fil-mira finali li għandu jintlaħaq sal-31 ta' Diċembru 2023, jiġifieri madwar EUR 75 biljun.

324 It-tielet, is-SRB naqqas minn dan l-aħħar ammont ir-riżorsi finanzjarji li diġà kienu disponibbli fil-SRF fl-2021, jiġifieri madwar EUR 42 biljun, biex jikseb l-ammont li kien fadallu jinġabar matul il-bqija tal-perijodi ta' kontribuzzjoni qabel it-tmiem tal-perijodu inizjali, jiġifieri mill-2021 sal-2023. Dan l-ammont laħaq madwar EUR 33 biljun.

325 Ir-raba', is-SRB iddivida dan l-aħħar ammont bi tlieta biex jaqsmu b'mod ugwali bejn l-imsemmija tliet perijodi ta' kontribuzzjoni li kien fadal. Il-livell fil-mira annwali għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021 għalhekk ġie stabbilit għall-ammont imsemmi fil-punt 313 iktar 'il fuq, jiġifieri madwar EUR 11 287 biljun.

326 Is-SRB afferma wkoll, fis-seduta, li kien għamel pubblika informazzjoni li fuqha l-metodu deskritt fil-punti 322 sa 325 iktar 'il fuq kien ibbażat u li kienet tippermetti lir-rikorrenti tifhem il-metodu li bih ġie ddeterminat il-livell fil-mira annwali. B'mod partikolari, huwa speċifika li kien ippubblika fuq is-sit internet tiegħu, f'Mejju 2021, jiġifieri wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, iżda qabel ma ġie ppreżentat dan ir-rikors, skeda informattiva msejħa "Fact Sheet 2021" (iktar 'il quddiem l-"iskeda informattiva"), li kienet tindika l-ammont stmat tal-livell fil-mira finali. Bl-istess mod, is-SRB afferma li l-ammont ta' riżorsi finanzjarji disponibbli fis-SRF kien disponibbli wkoll fuq is-sit internet tiegħu kif ukoll permezz ta' sorsi pubbliċi oħra, ferm qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

327 Sabiex jiġi eżaminat jekk is-SRB ikkonformax mal-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu fir-rigward tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali, għandu l-ewwel nett jitfakkar li nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni jikkostitwixxu motiv ta' ordni pubbliku li jista', u anki għandu, jitqajjem *ex officio* mill-qorti tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, C-89/08 P, EU:C:2009:742, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali tista', u saħansitra għandha, tqis ukoll nuqqasijiet ta' motivazzjoni għajr dawk invokati mir-rikorrenti, u dan, b'mod partikolari, meta dawn jiġu żvelati matul il-proċedura.

328 Għal dan il-għan, il-partijiet instemgħu, matul il-fażi orali tal-proċedura, dwar kwalunkwe nuqqas possibbli ta' motivazzjoni li bih id-Deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata fir-rigward tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali. B'mod partikolari, meta ġie mistoqsija b'mod espliċitu u repetut f'dan ir-rigward, is-SRB iddeskriva, pass wara pass, il-metodu li kien segwa fil-prattika biex jiddetermina l-livell fil-mira annwali għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, kif espost fil-punti 321 sa 325 iktar 'il fuq.

329 Fir-rigward, sussegwentement, tal-kontenut tal-obbligu ta' motivazzjoni, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-motivazzjoni ta' deċiżjoni minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni għandha, b'mod partikolari, tkun mingħajr kontradizzjonijiet sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jkunu jafu r-raġunijiet reali għal dik id-deċiżjoni, sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom quddiem il-qorti kompetenti, u sabiex din tal-aħħar teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 169 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-22 ta' Settembru 2005, Suproco vs Il-Kummissjoni, T-101/03, EU:T:2005:336, punti 20 u 45 sa 47, u tas-16 ta' Diċembru 2015, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, T-241/13, EU:T:2015:982, punt 56).

330 Bl-istess mod, fejn l-awtur tad-Deċiżjoni kkontestata jipprovdi ċerti spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet għaliha matul il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni, dawn l-ispjegazzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-kunsiderazzjonijiet esposti f'dik id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Settembru 2005, Suproco vs Il-Kummissjoni, T-101/03, EU:T:2005:336, punti 45 sa 47, u tat-13 ta' Diċembru 2016, Printeos *et* vs Il-Kummissjoni, T-95/15, EU:T: 2016:722, punti 54 u 55).

331 Fil-fatt, jekk il-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni kkontestata ma jkunux konsistenti ma' tali spjegazzjonijiet ipprovduti matul il-proċedura ġudizzjarja, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkonċernata ma tissodisfax il-funzjonijiet imfakkra fil-punti 261 u 262 iktar 'il fuq. B'mod

partikolari, tali inkonsistenza timpedixxi, minn naħa, lill-partijiet ikkonċernati milli jkunu jafu r-raġunijiet reali għad-Deċiżjoni kkontestata, qabel ma jippreżentaw ir-rikors, u milli jħejju d-difiża tagħhom f'dan ir-rigward u, min-naħa l-oħra, lill-qorti tal-Unjoni milli tidentifika r-raġunijiet li servew bħala bażi legali reali għal din id-deċiżjoni u milli teżamina l-konformità tagħhom mar-regoli applikabbli.

332 Fl-aħħar, għandu jitfakkar li, meta s-SRB jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante*, huwa għandu jinforma lill-istituzzjonijiet ikkonċernati bil-metodu tal-kalkolu ta' dawn il-kontribuzzjonijiet (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 122).

333 L-istess għandu jgħodd għall-metodu tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali, billi dan l-ammont huwa ta' importanza essenzjali fl-ekonomija ta' tali deċiżjoni. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/81, il-metodu tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* jikkonsisti fit-tqassim tal-imsemmi ammont bejn l-istituzzjonijiet kollha kkonċernati, b'tali mod li żieda jew tnaqqis ta' dan l-istess ammont twassal għal żieda jew tnaqqis korrispondenti fil-kontribuzzjoni *ex ante* ta' kull waħda minn dawn l-istituzzjonijiet.

334 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li, għalkemm is-SRB għandu jipprovdi lill-istituzzjonijiet, permezz tad-Deċiżjoni kkontestata, spjegazzjonijiet dwar il-metodu tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali, dawn l-ispjegazzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-ispjegazzjonijiet ipprovduti mis-SRB matul il-proċedura ġudizzjarja u relatati mal-metodu applikat fil-prattika.

335 Issa, dan ma huwiex il-każ fil-kawża inkwistjoni.

336 Tabilħaqq, qabelxejn għandu jiġi rrilevat li d-Deċiżjoni kkontestata esponiet, fil-premessa 48, formula matematika li ppreżentat bħala l-bażi għad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali. Madankollu, jirriżulta li din il-formula ma tinkorporax l-elementi tal-metodu applikat fir-realtà mis-SRB, kif spjegat matul is-seduta. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 322 sa 325 iktar 'il fuq, is-SRB kiseb l-ammont tal-livell fil-mira annwali, fil-qafas ta' dan il-metodu, billi naqqas mil-livell fil-mira finali r-riżorsi finanzjarji disponibbli fis-SRF, bil-ħsieb li jikkalkola l-ammont li kien għad fadallu jiġi rċevut sal-aħħar tal-perijodu inizjali u jiddividi dan l-ammont bi tlieta. Issa, dawn iż-żewġ passi tal-kalkolu ma huma espressi bl-ebda mod fl-imsemmija formula matematika.

337 Ċertament, mill-argument tar-rikorrenti jirriżulta,, fil-kuntest ta' dan il-motiv, li hija kienet taf bl-iskeda informattiva u, konsegwentement, bl-ammonti possibbli tal-livell fil-mira finali indikati fil-firxa inkluża fiha. Madankollu, jekk jiġi preżunt li kienet taf ukoll l-ammont ta' riżorsi finanzjarji disponibbli fis-SRF, dawn iċ-ċirkustanzi waħedhom ma kinux tali li jippermettulha tifhem li ż-żewġ operazzjonijiet imsemmija fil-punt 336 iktar 'il fuq kienu ġew applikati fil-prattika mis-SRB, filwaqt li huwa speċifikat, barra minn hekk, li l-formula matematika prevista fil-premessa 48 tad-Deċiżjoni kkontestata lanqas biss semmiethom.

338 Inkonsistenzi simili jaffettwaw ukoll il-mod kif ġie ffissat il-koeffiċjent ta' 1.35 %, li madankollu għandu rwol ewlieni fil-formula matematika msemmija fil-punt 337 iktar 'il fuq. Fil-fatt, dan il-koeffiċjent jista' jinftiehem fis-sens li huwa bbażat, fost parametri oħra, fuq it-tkabbir imbassar tad-depożiti koperti matul il-bqija tas-snin tal-perijodu inizjali. Issa, kif irrikonoxxa s-SRB fis-seduta, dan il-koeffiċjent ġie stabbilit sabiex ikun jista' jiġġustifika r-riżultat tal-kalkolu tal-ammont tal-livell fil-mira annwali, jiġifieri wara li s-SRB kien ikkalkola dan l-ammont

b'applikazzjoni tal-erba' passi stabbiliti fil-punti 322 sa 325 iktar 'il fuq u, b'mod partikolari, billi ddivida bi tlieta l-ammont li jirriżulta mit-tnaqqis tar-riżorsi finanzjarji disponibbli fis-SRF mil-livell fil-mira finali. Issa, dan l-approċċ bl-ebda mod ma jirriżulta mid-Deċiżjoni kkontestata.

339 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont l-iskeda informattiva, l-ammont tal-livell fil-mira finali stmat kien fil-firxa ta' bejn EUR 70 biljun u EUR 75 biljun. Issa, din il-firxa hija inkonsistenti mal-firxa tar-rata ta' tkabbir tad-depożiti koperti ta' bejn 4 % u 7 % stabbilita fil-premessa 41 tad-Deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, is-SRB indika fis-seduta li, għall-fini tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali, huwa kien qies ir-rata ta' tkabbir tad-depożiti koperti ta' 4 % – li kienet l-iktar rata baxxa fit-tieni firxa – u li b'hekk kien kiseb il-livell fil-mira finali stmat ta' EUR 75 biljun – li kien l-ogħla valur fl-ewwel firxa. Jirriżulta għalhekk li hemm diskrepanza bejn dawn iż-żewġ firxiet. Fil-fatt, minn naħa, il-firxa relatata mar-rata tal-iżvilupp tad-depożiti koperti tinkludi wkoll valuri ogħla mir-rata ta' 4 %, li l-applikazzjoni tagħhom xorta waħda kienet tirriżulta f'ammont stmat tal-livell fil-mira finali ogħla minn dawk inklużi fil-firxa relatata ma' dan il-livell fil-mira. Min-naħa l-oħra, huwa impossibbli għar-rikorrenti li tifhem ir-raġuni għaliex is-SRB inkluda fil-firxa relatata mal-imsemmi livell fil-mira ammonti iktar baxxi minn EUR 75 biljun. Fil-fatt, biex jinkiseb dan, kien ikun meħtieġ li tiġi applikata rata ta' inqas minn 4 %, li ma hijiex inkluża fil-firxa relatata mar-rata ta' tkabbir tad-depożiti koperti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma setgħetx tiddetermina l-mod kif is-SRB kien uża l-firxa relatata mar-rata ta' bidla ta' dawn id-depożiti biex jasal għall-kalkolu tal-livell fil-mira finali stmat.

340 Minn dan isegwi li, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali, il-metodu applikat fil-prattika mis-SRB, kif spjegat fis-seduta, ma jikkorrispondix għal dak deskritt fid-Deċiżjoni kkontestata, sabiex ir-raġunijiet reali, li fir-rigward tagħhom ġie ffissat dan il-livell fil-mira, ma setgħux jiġu identifikati abbażi tad-Deċiżjoni kkontestata la mill-istituzzjonijiet u lanqas mill-Qorti Ġenerali.

341 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li d-Deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn nuqqasijiet ta' motivazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali.

342 Għalhekk, it-tielet parti tat-tieni motiv għandha tiġi milqugħa. Fid-dawl tal-kwistjonijiet legali u ekonomiċi involuti f'din il-kawża, huwa madankollu fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja li jkomplu jiġu eżaminati l-motivi l-oħra tar-rikors.

### *f) Fuq ir-raba' parti, dwar il-motivazzjoni insuffiċjenti tal-kontribuzzjoni annwali bażika*

343 Ir-rikorrenti ssostni li s-SRB ma speċifikax l-elementi konkreti kollha tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni annwali bażika fir-rigward tar-rikorrenti. L-iskeda individwali ma kienx fiha, b'mod partikolari, id-denominatur li għandu jiġi applikat għal din il-kontribuzzjoni, jiġifieri s-somma tal-passivi netti tal-istituzzjonijiet kollha kkonċernati, aġġustati skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat 2015/63, u lanqas l-"ammont […] tal-kontribuzzjoni bażika tar-rikorrenti wara l-applikazzjoni tal-formula stabbilita fid-deċiżjoni [ikkontestata]".

344 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

345 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, fil-każ ta' istituzzjonijiet li għandhom iħallsu kontribuzzjoni *ex ante* aġġustata għall-profili tar-riskju tagħhom, il-kalkolu ta' din il-kontribuzzjoni jsir, essenzjalment, f'żewġ passi.

346 Fl-ewwel pass, is-SRB jikkalkola kontribuzzjoni annwali bażika skont il-passiv nett tal-istituzzjoni kkonċernata, f'konformità mal-Artikolu 70(1) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 103(2) tad-Direttiva 2014/59. Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat 2015/63, ċerti passivi jitnaqqsu minn dawn l-obbligazzjonijiet netti.

347 Fit-tieni pass, is-SRB jadatta l-kontribuzzjoni annwali bażika għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni kkonċernata, skont il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 103(2) tad-Direttiva 2014/59.

348 Ir-raba' parti tat-tieni motiv tikkonċerna l-ewwel pass fil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*.

349 Fil-premessi 62 sa 65 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB spjega l-metodu għad-determinazzjoni tan-numeratur u d-denominatur użati bħala l-bażi għal dan il-kalkolu.

350 Barra minn hekk, fil-paġna 1 tal-iskeda individwali, is-SRB stabbilixxa, taħt l-intestatura "Kontribuzzjoni annwali bażika (KAB): numeratur", il-valur tan-numeratur li kien tqies fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni annwali bażika tar-rikorrenti kif ukoll id-data li fuq il-bażi tagħha din tal-aħħar kienet ġiet ikkalkolata.

351 Barra minn hekk, fil-paġna 2 tal-iskeda individwali, taħt l-intestatura "Kalkolu tal-kontribuzzjoni grossa ((Regolament Delegat 2015/63), Anness 1, 'pass 6')", id-Deċiżjoni kkontestata esponiet il-valur tad-denominatur li kien tqies għal dan il-kalkolu.

352 Minn dan isegwi li r-rikorrenti kellha informazzjoni suffiċjenti biex tifhem, essenzjalment, il-mod kif is-sitwazzjoni individwali tagħha kienet ġiet ikkunsidrata, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 268 iktar 'il fuq.

353 Huwa minnu li s-SRB ma ddiżaggregax, la fit-test prinċipali tad-Deċiżjoni kkontestata u lanqas fl-annessi tagħha, id-denominatur tal-kontribuzzjoni annwali bażika fl-elementi kostitwenti tiegħu, jiġifieri s-somma tal-passivi netti tal-istituzzjonijiet kollha kkonċernati, aġġustata skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat 2015/63.

354 Madankollu, kif ammettiet ir-rikorrenti fis-seduta, dawn l-elementi jinkludu d-data individwalizzata tal-istituzzjonijiet kollha kkonċernati.

355 Issa, tali elementi ma humiex meħtieġa biex jippermettu lir-rikorrenti tifhem, essenzjalment, b'liema mod tqieset is-sitwazzjoni individwali tagħha, għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha, fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra kollha kkonċernati.

356 Konsegwentement, l-impożizzjoni fuq is-SRB ta' rekwiżit li jikkomunika l-imsemmija elementi jmur lil hinn mir-rekwiżiti previsti mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 268, 271 u 272 iktar 'il fuq.

357 Għalhekk, ir-raba' parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

***g) Fuq il-ħames parti, dwar il-motivazzjoni insuffiċjenti tal-aġġustament tal-kontribuzzjoni annwali bażika għar-riskju***

358 Il-ħames parti tat-tieni motiv essenzjalment hija bbażata fuq tliet ilmenti.

*1) Fuq l-ewwel ilment, dwar l-impossibbiltà li jiġi vverifikat li l-istituzzjonijiet kollha kkonċernati huma suġġetti għal kontribuzzjoni aġġustata għall-profil tar-riskju*

359 Skont ir-rikorrenti, huwa impossibbli li jiġi vverifikat jekk l-istituzzjonijiet kollha kinux fil-fatt suġġetti għal aġġustament għar-riskju, peress li hemm diskrepanza bejn, minn naħa, l-għadd ta' istituzzjonijiet li jidhru fl-istatistika ppubblikata fuq is-sit web tas-SRB u, min-naħa l-oħra, l-għadd tagħhom indikat fl-iskeda informattiva.

360 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

361 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament Delegat 2015/63, is-SRB jikkalkola l-multiplikatur tal-aġġustament għall-istituzzjonijiet kollha, ħlief għal dawk eliġibbli għall-ħlas ta' kontribuzzjoni ta' somma f'daqqa skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament delegat u dawk imsemmija fl-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament delegat, billi jikkombina l-indikaturi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat 2015/63 skont il-formula matematika u l-proċeduri esposti fl-Anness I ta' dan ir-regolament delegat.

362 Sussegwentement, sa fejn l-argument tar-rikorrenti għandu jinftiehem fis-sens li jikkritika lis-SRB talli ma identifikax fid-Deċiżjoni kkontestata, b'isimhom, l-istituzzjonijiet kollha parteċipanti fis-SRM li l-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom kienet ġiet aġġustata għall-profil tar-riskju tagħhom, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda prova lill-Qorti Ġenerali li fuq il-bażi tagħha seta' jiġi konkluż li din l-informazzjoni kienet rilevanti biex jinftiehem il-mod li bih is-sitwazzjoni individwali tiegħu kienet ġiet ikkunsidrata għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha, fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra kollha kkonċernati, bis-saħħa tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 268 iktar 'il fuq.

363 Fl-aħħar, sa fejn l-argument tar-rikorrenti għandu jinftiehem li jirrikjedi lis-SRB jikkomunika biss l-għadd ta' istituzzjonijiet li għalihom il-kontribuzzjoni *ex ante* kienet ġiet aġġustata għall-profil tar-riskju tagħhom għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, għandu jiġi kkonstatat li l-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata jippermetti li jiġi identifikat l-għadd ta' tali istituzzjonijiet. Fil-fatt, fir-rigward tal-parti tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* kkalkolata fuq bażi nazzjonali, dan l-għadd jista' jiġi vverifikat, għal kull Stat Membru, taħt l-intestatura "N", fil-paġni 6 sa 131 tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata. L-istess japplika għall-parti tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* kkalkolata fuq il-bażi tal-Unjoni, li l-istatistika tagħha hija esposta fil-paġni 132 sa 137 tal-Anness II ta' din id-deċiżjoni. Għalhekk, minn din l-istatistika jirriżulta li, għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, total ta' 1 627 istituzzjoni kienu ġew suġġetti għal kontribuzzjoni *ex ante* aġġustata għall-profil tar-riskju tagħhom.

364 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel ilment tal-ħames parti tat-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

*2) Fuq it-tieni lment, dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-indikatur tar-riskju "attivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà"*

365 Ir-rikorrenti ssostni li s-SRB ma pprovdiex motivazzjoni suffiċjenti għad-determinazzjoni tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà", b'mod partikolari billi ma esponiex l-analiżi tiegħu tal-elementi li wasslu għaż-żieda fil-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet u li ġew stabbiliti fl-Artikolu 6(6)(a)(i)

sa (iv) tar-Regolament Delegat 2015/63. Issa, is-SRB kien espona tali analiżi għall-elementi li wasslu għat-tnaqqis fil-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet u li kienu ġew iddefiniti fl-Artikolu 6(6)(b)(i) u (ii) ta' dan ir-regolament delegat.

366 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

367 Għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li s-sottoindikaturi relatati mal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" huma ddeterminati mis-SRB skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(6) tar-Regolament Delegat 2015/63.

368 It-tieni, fil-premessi 98 sa 100 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB spjega kif kien iddetermina s-sottoindikaturi tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà". B'mod partikolari, is-SRB kien inkluda lista tagħhom, akkumpanjata mid-definizzjonijiet tagħhom, u spjega, minn naħa, id-data preċiża li kienet tikkostitwixxi dawn is-sottoindikaturi u, min-naħa l-oħra, il-mod li bih kienet ipponderat l-imsemmija sottoindikaturi għall-finijiet tal-kalkolu ta' dan il-pilastru tar-riskju.

369 Tali motivazzjoni tippermetti lir-rikorrenti tifhem kif is-SRB applika l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" u b'hekk jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 268, 271 u 272 iktar 'il fuq.

370 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, it-tieni lment tal-ħames parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

*3) Fuq it-tielet ilment, dwar il-passi 1 sa 6 tal-aġġustament tal-kontribuzzjoni annwali bażika għall-profil tar-riskju tar-rikorrenti*

371 Ir-rikorrenti ssostni li l-motivazzjoni tal-passi 1 sa 6 tal-aġġustament tal-kontribuzzjoni annwali bażika għall-profil tar-riskju tagħha, kif deskritt fl-iskeda individwali, ma hijiex suffiċjenti.

372 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

373 Sabiex jiġi evalwat dan l-ilment, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat jekk ir-rikorrenti kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-metodu ta' kalkolu użat mis-SRB u informazzjoni suffiċjenti biex tifhem, essenzjalment, kif is-sitwazzjoni individwali tagħha kienet ittieħdet inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha, fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra kollha kkonċernati, permezz tal-passi differenti ta' dan il-kalkolu, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63.

*i) Pass 1*

374 Fil-pass 1, is-SRB jikkalkola, għal kull indikatur u sottoindikatur tar-riskju, l-"indikatur mhux maħdum". Għall-ewwel tliet pilastri tar-riskju, l-indikatur mhux maħdum huwa kkalkolat abbażi tad-definizzjonijiet u l-operazzjonijiet stabbiliti fit-tabella riprodotta fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 1", tar-Regolament Delegat 2015/63. Fir-rigward tal-pilastru tar-riskju IV, l-indikatur mhux maħdum huwa kkalkolat abbażi tad-definizzjonijiet u l-operazzjonijiet stabbiliti fil-premessi 98 sa 101 tad-Deċiżjoni kkontestata. L-indikaturi mhux maħduma kollha huma

kkalkolati billi titqies l-informazzjoni pprovduta minn kull istituzzjoni. Dawn l-indikaturi mhux maħduma, kif użati mis-SRB għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* ta' kull istituzzjoni, imbagħad ġew riprodotti fl-iskeda individwali.

375 Sa fejn l-iskeda individwali ġiet ikkomunikata lir-rikorrenti, din tal-aħħar kellha biżżejjed elementi biex tkun tista' tivverifika, essenzjalment, il-kalkolu tal-indikaturi mhux maħduma li kienu jikkonċernawha.

376 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tar-rikorrenti li s-SRB naqas milli jindika, fil-kuntest tal-pilastru tar-riskju "L-importanza tal-istituzzjoni għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew l-ekonomija", id-denominatur għall-kalkolu tal-indikatur tar-riskju "Sehem mis-self u depożiti interbankarji fl-UE", kif jidher fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 1", fis-seba' linja, tar-Regolament Delegat 2015/63.

377 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda element lill-Qorti Ġenerali li jispjega kif bl-għarfien ta' tali data kienet tkun tista' tifhem, essenzjalment, b'liema mod tqieset is-sitwazzjoni individwali tagħha, għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha, fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra kollha kkonċernati. Fil-fatt, għal dan l-indikatur tar-riskju, ir-rikorrenti tista' tivverifika l-pożizzjoni tagħha meta mqabbla ma' istituzzjonijiet oħra abbażi tas-sehem proprju tagħha mis-self u depożiti interbankarji, kif jidher fit-taqsimiet 4C6 u 4C7, taħt l-intestatura "Data rrapportata oħra użata fil-kalkolu", f'paġna 3 tal-iskeda individwali. Sussegwentement, setgħet tqabbel dan il-valur mal-valuri ta' limitu tal-bin li ġiet assenjatha għalih għall-imsemmi indikatur tar-riskju, b'dawn il-valuri ta' limitu jinġiebu għall-attenzjoni tagħha fil-paġna 31 (fir-rigward tal-bażi nazzjonali) u fil-paġna 133 (fir-rigward tal-bażi tal-Unjoni) tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata.

378 Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti setgħet issir taf bl-ammont tad-denominatur tal-formula li s-SRB kien uża biex jikkalkola l-imsemmi indikatur tar-riskju, jiġifieri s-somma tas-self u d-depożiti interbankarji kollha miżmuma mill-istituzzjonijiet f'kull Stat Membru jew fl-Unjoni Bankarja, billi timmultiplika l-għadd totali ta' istituzzjonijiet (*N*) bil-valur medju ta' dan l-indikatur (*Med.* ($\bar{X}$)). Id-data biex titwettaq din il-multiplikazzjoni wkoll tinstab fil-paġni 31 u 133 tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata.

*ii) Pass 2*

379 Fil-pass 2, għal kull indikatur mhux maħdum ikkalkolat fil-pass 1 għal kull wieħed mill-indikaturi u s-sottoindikaturi tar-riskju bl-eċċezzjoni tal-indikatur "[d]aqs ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja preċedenti", is-SRB għandu jwettaq l-operazzjonijiet li ġejjin. L-ewwel pass huwa li jikkalkola għadd ta' bins sabiex iqabbel l-indikaturi mhux maħduma tal-istituzzjonijiet. Fit-tieni pass, is-SRB jassenja l-istess numru ta' istituzzjonijiet lil kull bin, billi jibda billi jassenja lill-ewwel bin l-istituzzjonijiet li għalihom il-valuri tal-indikatur gross huma l-iktar baxxi. B'dan il-mod, kull bin għandu valuri ta' limitu, li huma ddeterminati mill-indikatur mhux maħdum l-iktar baxx u mill-indikatur mhux maħdum l-iktar għoli. Fit-tielet pass, is-SRB jassenja lill-istituzzjonijiet kollha li jinsabu f'bin partikolari l-"indikatur diskretizzat" għal dak il-bin, imsejjaħ $I_{ij,n}$, li jirrappreżenta l-valur tal-ordni ta' dan il-bin, mix-xellug għal-lemin, sabiex l-indikatur diskretizzat jiġi ddefinit bħala ugwali għal 1, 2, 3 u saċ-ċifra tal-aħħar bin.

380 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kalkolu tal-għadd ta' bins, dan huwa bbażat fuq il-formula matematika prevista fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", fil-punt 2, tar-Regolament Delegat 2015/63. Din il-formula tikkonsisti fit-tliet elementi li ġejjin:

– l-għadd ta' istituzzjonijiet li jikkontribwixxu għas-SRF, imsejħa *N*;

– il-valur $\sigma_g$, li huwa kkalkolat fuq il-bażi ta' dan l-għadd ta' istituzzjonijiet *N*;

– il-valur $g_{ij}$, li huwa kkalkolat fuq il-bażi tal-istess għadd ta' istituzzjonijiet *N*, il-medja tal-indikaturi mhux maħduma inkwistjoni, imsejħa $\bar{x}$, u l-indikaturi mhux maħduma ta' kull istituzzjoni, imsejħa $x_{i,j}$.

381 Kif jirriżulta wkoll mill-punt 363 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti setgħet tkun taf l-għadd ta' istituzzjonijiet *N* li jikkontribwixxu għas-SRF.

382 Barra minn hekk, is-SRB ikkomunika, fil-paġni 30 sa 34 u 132 sa 136 tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata, il-valuri $g_{ij}$ u $\sigma_g$ kif ukoll il-medja tal-indikaturi mhux maħduma $\bar{x}$ għal kull indikatur u sottoindikatur tar-riskju.

383 Fl-aħħar nett, mill-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punti 292 sa 302 iktar 'il fuq jirriżulta li s-SRB ma kienx meħtieġ jikkomunika lill-istituzzjonijiet l-indikaturi mhux maħduma tal-istituzzjonijiet l-oħra kollha kkonċernati.

384 Konsegwentement, fir-rigward tal-kalkolu tal-għadd ta' bins, is-SRB ipprovda lill-istituzzjonijiet bl-iktar trasparenza estensiva, fil-limiti imposti mill-obbligu tiegħu li jirrispetta s-sigriet kummerċjali ta' dawn tal-aħħar, b'tali mod li r-rikorrenti kellha biżżejjed informazzjoni biex tifhem, essenzjalment, il-mod li bih is-SRB wettaq dan il-kalkolu.

385 Fit-tieni lok, minn naħa, ir-rikorrenti kellha aċċess għall-valuri minimi u massimi ta' kull bin, għal kull wieħed mill-indikaturi jew sottoindikaturi tar-riskju, peress li dawn jingħataw fil-paġni 30 sa 34 u 132 sa 136 tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata. Min-naħa l-oħra, kienet taf l-indikaturi mhux maħduma li kienu ntużaw mis-SRB għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha, billi dawn l-indikaturi jidhru fl-iskeda individwali tagħha. Ir-rikorrenti setgħet għalhekk tivverifika jekk l-indikaturi mhux maħduma allokati lilha kinux bejn il-valuri minimi u massimi tal-bins li għalihom kienet ġiet assenjata.

386 Fit-tielet lok, l-istituzzjonijiet jistgħu jivverifikaw, fl-iskeda individwali, l-indikatur diskretizzat allokat lilhom għal indikatur jew sottoindikatur tar-riskju partikolari.

387 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti kellha biżżejjed informazzjoni biex tifhem, essenzjalment, l-operazzjonijiet imwettqa matul it-tieni pass.

388 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti tar-rikorrenti.

389 Ir-rikorrenti qabelxejn issostni li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", fil-punt 3, tar-Regolament Delegat 2015/63, huwa impossibbli li jiġi vverifikat jekk l-istituzzjonijiet bl-istess indikatur mhux maħdum ġewx tabilħaqq assenjati għall-istess bin. Għalhekk, is-SRB kellu jipprovdi lista tal-klassifikazzjoni tal-istituzzjonijiet kollha, sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tivverifika jekk it-tqassim tagħhom fil-bins differenti kienx korrett. Barra

minn hekk, peress li d-Deċiżjoni kkontestata ma fihiex dettalji dwar it-tielet stadju tal-pass 2, jiġifieri l-assenjazzjoni tal-indikatur diskretizzat lill-istituzzjonijiet, ir-rikorrenti ma setgħetx tivverifika l-indikatur diskretizzat allokat lilha għad-diversi indikaturi tar-riskju.

390 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 265 iktar 'il fuq, l-obbligu ta' motivazzjoni ma jirrikjedix li r-rikorrenti jkollha aċċess għall-elementi kollha li jippermettulha tivverifika l-eżattezza tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha.

391 B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 270 iktar 'il fuq, is-SRB ma huwiex obbligat jipprovdi lir-rikorrenti data koperta mis-sigriet kummerċjali relatata mas-sitwazzjoni ekonomika ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra kkonċernati.

392 Issa, is-SRB jista' jqis b'mod leġittimu li l-indikatur diskretizzat allokat lil istituzzjoni kien kopert mis-sigriet kummerċjali. Fil-fatt, is-SRB jista' jikkunsidra li l-iżvelar possibbli ta' din l-informazzjoni jirriskja li jikxef is-sitwazzjoni ekonomika ta' tali istituzzjoni u, b'mod partikolari, il-livell ta' riskju ta' din tal-aħħar għal ċerti attivitajiet finanzjarji, billi jippermetti t-tqabbil dirett ta' dan il-livell ta' riskju ma' dak tal-istituzzjonijiet l-oħra.

*iii) Pass 3*

393 Fil-pass 3, is-SRB ikklassifika mill-ġdid, għal kull indikatur u sottoindikatur tar-riskju, l-indikaturi diskretizzati li jirriżultaw mill-pass 2 fuq skala ta' 1 sa 1 000 sabiex jikseb "indikatur rigradat", imsejjaħ $RI_{ij,n}$.

394 Sabiex jikkalkola dan l-indikatur ikklassifikat mill-ġdid, is-SRB għandu japplika formula li tuża t-tliet elementi li ġejjin:

– l-indikatur diskretizzat allokat lill-istituzzjoni kkonċernata fil-pass 2;

– l-argument tal-funzjoni massima, li l-valur tiegħu jikkorrispondi għaċ-ċifra tal-aħħar bin għall-indikatur jew is-sottoindikatur tar-riskju rilevanti;

– l-argument tal-funzjoni minima, li l-valur tiegħu jikkorrispondi għaċ-ċifra tal-ewwel bin għall-indikatur jew is-sottoindikatur tar-riskju inkwistjoni.

395 Ir-rikorrenti kellha aċċess għal dawn l-elementi. Minn naħa, l-indikatur diskretizzat huwa r-riżultat tal-operazzjoni tal-pass 2 deskritt fil-punt 379 iktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra, il-valuri tal-argumenti tal-funzjoni massima u minima msemmija fil-punt 394 iktar 'il fuq jidhru fil-paġni 30 sa 34 u 132 sa 136 tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata, fil-linji "Bin min." u "Bin max.".

396 Konsegwentement, ir-rikorrenti kellha biżżejjed informazzjoni biex tifhem l-operazzjoni mwettqa fil-pass 3 u b'hekk tikseb l-indikatur ikklassifikat mill-ġdid.

*iv) Pass 4*

397 Fil-pass 4, għal kull indikatur u sottoindikatur tar-riskju, is-SRB għandu jikkalkola l-"indikatur rigradat ittrasformat", imsejjaħ $TRI_{ij,n}$.

398 F'dan ir-rigward, l-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 4", fil-punt 1, tar-Regolament Delegat 2015/63, jassenja lil kull indikatur tar-riskju sinjal pożittiv jew sinjal negattiv. Għall-indikaturi tar-riskju b'sinjal pożittiv, iktar ma l-valuri jkunu għoljin, iktar ikun għoli l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Għall-indikaturi tar-riskju b'sinjal negattiv, iktar ma l-valuri jkunu għoljin, iktar ikun baxx il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.

399 Ladarba jiġi applikat is-sinjal, is-SRB jikkalkola l-indikaturi kklassifikati mill-ġdid ittrasformati, skont il-formula pprovduta għal dan il-għan fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 4", fil-punt 2, tar-Regolament Delegat 2015/63.

400 Il-kalkolu tal-indikatur ikklassifikat mill-ġdid ittrasformat jitwettaq bl-użu tal-indikatur ikklassifikat mill-ġdid miksub fil-Pass 3. Għalhekk, jekk is-sinjal applikat għall-indikatur tar-riskju kkonċernat ikun negattiv, l-indikatur ikklassifikat mill-ġdid ittrasformat ikollu l-istess valur bħall-indikatur ikklassifikat mill-ġdid. Min-naħa l-oħra, jekk is-sinjal applikat għall-indikatur tar-riskju inkwistjoni jkun pożittiv, l-indikatur ikklassifikat mill-ġdid għandu jitnaqqas min-numru 1 001, skont il-formula $1\,001 - RI_{ij,n}$.

401 Qabelxejn, minħabba n-natura tal-operazzjonijiet imsemmija fil-punt 400 iktar 'il fuq, li jew ma jinvolvu l-ebda kalkolu jew huma llimitati għal kalkoli sempliċi mingħajr l-użu ta' data addizzjonali, ir-rikorrenti ma tistax tgħid li ma kellhiex biżżejjed informazzjoni biex tivverifika l-imsemmija operazzjonijiet imwettqa mis-SRB.

402 Sussegwentement, għandu jiġi rrifjutat l-argument tar-rikorrenti li, fil-kuntest tal-pass 4, is-SRB ma spjegax ir-raġunijiet għaliex kien applika b'mod sistematiku sinjal pożittiv għall-indikaturi tar-riskju tal-pilastru tar-riskju IV.

403 Dwar dan il-punt, is-SRB iċċara, fil-premessa 112 tad-Deċiżjoni kkontestata, li l-applikazzjoni ta' sinjal negattiv jew pożittiv kienet tiddependi fuq il-karattru tal-indikatur tar-riskju partikolari. Sussegwentement, huwa fakkar li, għall-indikaturi b'sinjal pożittiv, iktar ma l-valuri jkunu għoljin, iktar ikun għoli l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Għalhekk, is-SRB applika sinjal pożittiv għall-indikaturi tar-riskju kollha li kienu jiffurmaw il-pilastru tar-riskju IV, bl-eċċezzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, peress li iktar ma jkunu għoljin il-valuri għal dawn l-indikaturi, iktar ikun għoli l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.

404 Barra minn hekk, ir-rikorrenti hija żbaljata meta ssostni li ma tistax tivverifika l-operazzjonijiet imwettqa fil-Pass 4, peress li dawn huma bbażati fuq il-valuri li jirriżultaw mill-Pass 3, li ma tistax tkun tafhom.

405 Fil-fatt, kif diġà ġie espost fil-punti 393 sa 395 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti tista' tikkalkola għaliha nnifisha l-indikaturi kklassifikati mill-ġdid li ġew applikati għaliha, sabiex tkun tista' tivverifika wkoll jekk ir-riżultat tat-trasformazzjoni tagħhom fil-Pass 4 – li jidher fil-kolonna "Punteġġ tal-intervall (TRI)" tal-iskeda individwali tagħha – huwiex korrett.

406 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tqis li, fil-kuntest tal-pass 4, is-SRB ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI. B'mod partikolari, is-SRB ma kienx speċifika kif kien qies, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, il-ponderazzjoni relattiva tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI. Bl-istess mod, ma kienx spjega r-raġunijiet għat-tqassim tal-istituzzjonijiet fi tliet bins, l-allokazzjoni tal-fatturi ta' aġġustament ta' 7/9 u 5/9

għal tnejn minn dawn il-bins, il-kriterji li skonthom l-istituzzjonijiet kienu ġew assenjati għall-bins imsemmija u r-raġunijiet għaliex ir-rikorrenti kienet ġiet assenjata għal wieħed minn dawn il-bins partikolari.

407 Dwar dan il-punt, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li s-SRB spjega fil-premessa 114 tad-Deċiżjoni kkontestata li, anki jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 kien jeħtieġlu jippondera l-indikatur tar-riskju tas-SPI skont l-indikaturi tar-riskju stabbiliti fih, kellu jiżgura li anki l-istituzzjonijiet bl-iktar profil riskjuż xorta jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-sħubija tagħhom f'SPI meta jikkalkola l-kontribuzzjonijiet *ex ante*. Fid-dawl ta' dan, is-SRB indika fil-premessi 114 sa 116 tad-Deċiżjoni kkontestata u fil-punt 131 tal-Anness III ta' din id-deċiżjoni li, sabiex jintlaħaq dan l-għan, huwa kien stabbilixxa tliet bins għall-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI u kien assenja lill-istituzzjonijiet bil-profil tar-riskju l-iktar baxx għat-tielet bin, li għalih ma kien previst l-ebda aġġustament ta' dan l-indikatur. Minn dawn l-ispjegazzjonijiet jirriżulta wkoll s-SRB assenja, fl-istess loġika, l-istituzzjonijiet bi profil ta' riskju medju u dawk bl-ogħla profil ta' riskju, rispettivament, għat-tieni u għall-ewwel bins billi applika fattur ta' aġġustament ta' 7/9 u 5/9 għall-imsemmi indikatur tar-riskju.

408 Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, is-SRB żied fil-punt 131 tal-Anness III tad-Deċiżjoni kkontestata li, bl-applikazzjoni tal-fatturi ta' aġġustament imsemmija fil-punt 407 iktar 'il fuq, anki l-istituzzjonijiet bl-ogħla profil ta' riskju xorta jgawdu iktar minn 50 % tal-vantaġġ massimu li setgħu jiksbu minħabba s-sħubija tagħhom f'SPI fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*.

409 Tali spjegazzjonijiet jippermettu lir-rikorrenti tifhem ir-raġunijiet li ggwidaw lis-SRB fil-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI u lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.

410 Rigward, min-naħa l-oħra, ir-raġunijiet għaliex ir-rikorrenti ġiet assenjata għal bin partikolari għall-indikatur tar-riskju tas-SPI, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fil-premessa 115 tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB spjega li kien ikklassifika l-istituzzjonijiet ikkonċernati skont il-medja aritmetika pponderata b'mod ġust tal-indikaturi kklassifikati mill-ġdid ittrasformati tad-disa' sottoindikaturi tar-riskju tal-pilastru tar-riskju IV.

411 Tali motivazzjoni hija suffiċjenti sabiex l-argument tar-rikorrenti ma jkunx jista' jintlaqa'.

*v) Pass 5*

412 Fil-Pass 5, is-SRB wettaq l-operazzjonijiet li ġejjin.

413 L-ewwel nett, is-SRB jaggrega l-indikaturi tar-riskju $i$ f'kull pilastru tar-riskju $j$ skont medja aritmetika pponderata, billi japplika l-formula prevista għal dan il-għan fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 5", fil-punt 1, tar-Regolament Delegat 2015/63.

414 Din il-formula tinħadem fuq il-bażi, minn naħa waħda, tal-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju kkonċernat fi ħdan il-pilastru tar-riskju partikolari, imsejjaħ $w_{ij}$, u min-naħa l-oħra, tal-indikatur rigradat ttrasformat. Issa, tali ponderazzjonijiet jidhru mhux biss fl-Artikolu 7(2) sa (4) tar-Regolament Delegat 2015/63, iżda wkoll fl-iskeda individwali tar-rikorrenti u fil-paġna 5 tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, l-indikatur ikklassifikat mill-ġdid ittrasformat inkiseb fil-pass 4.

415 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma tistax tgħid li ma kellhiex aċċess għad-data meħtieġa biex tinħadem l-imsemmija formula.

416 It-tieni, is-SRB jaggrega l-pilastri tar-riskju *j* biex jikseb l-"indikatur maħdum", imsejjaħ $CI_n$, skont medja ġeometrika pponderata, billi japplika l-formula prevista għal dan il-għan fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 5", fil-punt 2, tar-Regolament Delegat 2015/63.

417 Din il-formula tinħadem fuq il-bażi tal-ponderazzjoni tal-pilastri tar-riskju, imsejħa $W_j$, prevista fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Delegat 2015/63 u tal-valuri miksuba bħala riżultat tal-aggregazzjoni tal-indikaturi tar-riskju f'kull pilastru tar-riskju, fil-kuntest tal-operazzjoni deskritta fil-punti 413 u 414 iktar 'il fuq. Dawn il-valuri tal-aħħar huma kkomunikati lir-rikorrenti fl-iskeda individwali tagħha.

418 It-tielet, is-SRB jadatta l-indikatur maħdum $CI_n$ billi japplika l-formula prevista għal dan il-għan fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 5", fil-punt 3, tar-Regolament Delegat 2015/63, jiġifieri 1 000–$CI_n$, biex jikseb l-"indikatur maħdum finali", imsejjaħ $FCI_n$. Konsegwentement, l-istituzzjonijiet bi profil ta' riskju ogħla jiksbu indikatur maħdum finali ogħla.

419 F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni li, fil-kuntest tal-Pass 5, is-SRB kellu jispjega, minn naħa, il-proċedura tal-aggregazzjoni tal-indikaturi tar-riskju f'kull pilastru tar-riskju, filwaqt li jqis, b'mod partikolari, il-ponderazzjonijiet relattivi tal-indikaturi preskritti fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat 2015/63 u juri kif kien irriżulta fl-aggregazzjoni tal-imsemmija indikaturi u, min-naħa l-oħra, il-mod li bih inkiseb l-indikatur maħdum. Dan ikun iktar u iktar il-każ peress li, matul il-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, uħud minn dawn l-istess indikaturi ma ġewx applikati mis-SRB u għalhekk il-ponderazzjoni tagħhom kellha titqassam.

420 F'dan ir-rigward, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punti 412 sa 418 iktar 'il fuq, il-proċess tal-aggregazzjoni tal-indikaturi tar-riskju huwa bbażat fuq il-formuli previsti fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 5", fil-punti 1 sa 3, tar-Regolament Delegat 2015/63.

421 It-tieni, minn dawn l-istess punti jirriżulta li r-rikorrenti kellha l-elementi kollha meħtieġa biex taħdem l-imsemmija formuli.

422 Fl-aħħar nett, is-SRB spjega fil-premessa 94 tad-Deċiżjoni kkontestata li, peress li xi indikaturi tar-riskju ma kinux ġew applikati matul il-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021, il-ponderazzjonijiet tal-indikaturi tar-riskju disponibbli kienu ġew ikklassifikati mill-ġdid proporzjonalment, sabiex is-somma tal-ponderazzjonijiet tagħhom tilħaq il-100 %, u huwa mifhum li tali rigradazzjoni kienet prevista fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63.

423 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-rikorrenti kellha biżżejjed informazzjoni biex tifhem l-operazzjonijiet previsti fil-pass 5 u implimentati mis-SRB.

*vi) Pass 6*

424 Fil-Pass 6, is-SRB iwettaq iż-żewġ operazzjonijiet li ġejjin.

425 L-ewwel nett, is-SRB jikkalkola l-multiplikatur tal-aġġustament, imsejjaħ $\tilde{R}_n$, billi jikklassifika mill-ġdid l-indikatur maħdum finali li jirriżulta mill-pass 5 fuq skala li tvarja minn 0.8 sa 1.5, skont il-formula prevista fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 6", fil-punt 1, tar-Regolament Delegat 2015/63.

426 Sabiex jaħdem din il-formula, is-SRB jiddependi fuq tliet tipi ta’ data, jiġifieri:

– l-indikatur maħdum finali tal-istituzzjoni kkonċernata;

– l-argument tal-funzjoni minima tal-indikatur maħdum finali, imsejjaħ $min\,FCI_n$, li jikkorrispondi għall-valur minimu ta’ dan l-indikatur għall-istituzzjonijiet kollha li jikkontribwixxu għas-SRF li għalih jiġi kkalkolat dan l-indikatur;

– l-argument tal-funzjoni massima tal-indikatur maħdum finali, imsejjaħ $max\,FCI_n$, li jikkorrispondi għall-valur massimu ta’ dan l-istess indikatur għall-imsemmija istituzzjonijiet.

427 L-indikatur maħdum finali tal-istituzzjoni kkonċernata jirriżulta mill-Pass 5. Barra minn hekk, il-funzjonijiet minimi u massimi, imsemmija fil-punt 426 iktar ’il fuq, huma data li hija identika għall-istituzzjonijiet kollha li l-kontribuzzjoni annwali bażika tagħhom hija aġġustata skont il-profil tar-riskju tagħhom. Din id-data tidher fl-iskeda individwali ta’ kull istituzzjoni kif ukoll fil-paġna 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata, fir-raba’ u l-ħames kolonna tat-tabella li hemm fiha, intitolati rispettivament “k” u “l”. Konsegwentement, ir-rikorrenti kellha aċċess għad-data meħtieġa biex taħdem il-formula prevista fl-Anness I, taħt l-intestatura “Pass 6”, fil-punt 1, tar-Regolament Delegat 2015/63.

428 It-tieni, is-SRB jikkalkola l-kontribuzzjoni finali tal-istituzzjoni kkonċernata, imsejħa $c_n$, skont il-formula stabbilita fl-Anness I, taħt l-intestatura “Pass 6”, fil-punt 2, tar-Regolament Delegat 2015/63.

429 Dan il-kalkolu jsir abbażi ta’ ħames tipi ta’ data, jiġifieri:

– il-livell fil-mira annwali aġġustat skont l-Anness I, taħt l-intestatura “Pass 6”, fil-punt 2, tar-Regolament Delegat 2015/63, imsejjaħ “Mira”;

– il-passiv nett tal-istituzzjoni partikolari aġġustati skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat 2015/63, li jikkostitwixxu n-numeratur tal-kontribuzzjoni annwali bażika, imsejħa $B_n$;

– is-somma tal-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi aġġustati għar-riskju tal-istituzzjonijiet kollha kkonċernati, imsejħa $\sum_{p=1}^{N}(B_p * \tilde{R}_p)$;

– il-passiv nett kumulattivi tal-istituzzjonijiet awtorizzati kollha fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti kollha, li huwa d-denominatur tal-kontribuzzjoni annwali bażika, imsejħa $\sum_{q=1}^{N} B_q$;

– il-multiplikatur tal-aġġustament tal-istituzzjoni partikolari.

430 Il-passiv nett tar-rikorrenti, aġġustati skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat 2015/63, u l-multiplikatur tal-aġġustament tagħha kif ukoll l-obbligazzjonijiet netti kumulattivi tal-istituzzjonijiet awtorizzati kollha fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti kollha ġew ikkomunikati lir-rikorrenti fl-iskeda individwali tagħha. Barra minn hekk, l-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata indika, fil-paġna 4, il-livell fil-mira annwali aġġustat – fl-ewwel kolonna, intitolata “h”, tat-tabella li hemm fiha – kif ukoll is-somma tal-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi aġġustati għar-riskju tal-istituzzjonijiet kollha kkonċernati, b’din is-somma tiġi riprodotta fit-tielet kolonna, intitolata “j”, tal-istess tabella.

431 Fl-aħħar nett, spjegazzjonijiet addizzjonali dwar il-Pass 6 ġew ipprovduti mis-SRB fil-premessi 118 sa 121 tad-Deċiżjoni kkontestata.

432 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti kellha biżżejjed informazzjoni biex tifhem il-kalkoli mwettqa fil-Pass 6.

433 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-argument tar-rikorrenti.

434 Fir-rigward tal-kalkolu tal-multiplikatur tal-aġġustament, fil-Pass 6, imsemmi fil-punti 425 u 426 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti hija żbaljata meta ssostni li, fin-nuqqas tal-komunikazzjoni tal-indikaturi maħduma finali tal-istituzzjonijiet kollha, hija ma setgħetx tkun taf jekk il-valuri tal-argumenti tal-funzjonijiet minimi u massimi tal-indikaturi maħduma finali, imsemmija fil-punt 426 iktar 'il fuq, jikkostitwixxux eċċezzjonijiet li jwasslu għal distorsjoni tal-multiplikaturi tal-aġġustament.

435 Dwar dan il-punt, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 263 iktar 'il fuq jirriżulta li l-obbligu ta' motivazzjoni ma jirrikjedix li r-rikorrenti jkollha aċċess għall-elementi kollha li jippermettulha tivverifika l-preċiżjoni tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha. Fost l-elementi li s-SRB għalhekk ma huwiex meħtieġ li jikkomunika lir-rikorrenti hemm ukoll l-indikaturi maħduma finali tal-istituzzjonijiet kollha. Il-valuri tagħhom huma fil-fatt probabbli li jikkostitwixxu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-istituzzjonijiet ikkonċernati u, b'mod partikolari, dwar il-livell ta' riskju tagħhom fis-swieq, billi huwa mifhum li l-istituzzjonijiet bi profil ta' riskju ogħla jiksbu indikatur maħdum finali ogħla. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-SRB jista' jqis b'mod leġittimu li l-iżvelar tal-indikaturi maħduma finali tal-istituzzjonijiet kollha tikser l-obbligu tiegħu li jipproteġi s-sigriet kummerċjali tal-istituzzjonijiet ikkonċernati. Konsegwentement, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 265 iktar 'il fuq, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mis-SRB fil-premessa 118 tad-Deċiżjoni kkontestata u d-data kkomunikata permezz tal-iskeda individwali u l-paġna 4 tal-Anness II ta' din id-deċiżjoni jistgħu jitqiesu suffiċjenti.

436 Bl-istess mod, ir-rikorrenti ma tistax issostni, fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni finali fil-Pass 6 msemmi fil-punti 428 u 429 iktar 'il fuq, li, minkejja r-riproduzzjoni tal-formula użata għal dan il-kalkolu u l-ispjegazzjoni tal-komponenti varji tiegħu fid-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB ma spjegax kif wasal, sa fejn hija kkonċernata r-rikorrenti, għar-riżultat tal-kalkolu indikat fl-iskeda individwali.

437 Minn naħa, kif jirriżulta mill-premessi 119 sa 121 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-kontribuzzjoni finali tar-rikorrenti ġiet ikkalkolata skont il-formula stabbilita fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 6", fil-punt 2, tar-Regolament Delegat 2015/63. Min-naħa l-oħra, kif ġie rrilevat fil-punt 430 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti tista' ssib id-data meħtieġa biex taħdem din il-formula fl-iskeda individwali tagħha kif ukoll fil-kolonni h u j tat-tabella fil-paġna 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata.

438 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li billi juża, minn naħa, il-formuli previsti fl-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 u, min-naħa l-oħra, id-data li tinsab fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti tista' effettivament tivverifika, pass pass, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tiegħu mis-SRB

439 Konsegwentement, it-tielet ilment tal-ħames parti tat-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

*h) Fuq is-seba' parti, dwar l-eżistenza ta' deċiżjonijiet intermedji mhux ippubblikati*

440 Ir-rikorrenti ssostni li l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex suffiċjenti, peress li s-SRB adotta deċiżjonijiet intermedji li ma ġewx ippubblikati u li ma ġewx ikkomunikati lilha.

441 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

442 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-motivazzjoni li hemm fid-deċiżjoni li tistabbilixxi kontribuzzjonijiet *ex ante* għandha titqies bħala insuffiċjenti meta din il-motivazzjoni tkun ibbażata, fir-rigward ta' ċerti elementi li għalihom is-SRB għandu jipprovdi motivazzjoni, unikament fuq atti ġuridiċi oħra, bħal deċiżjonijiet intermedji, li s-SRB ikun adotta bil-għan li jiċċara u, f'ċerti każijiet, jissupplimenta ċerti aspetti tal-iffissar tal-kontribuzzjonijiet imsemmija, iżda li ma jkunx ippubblika jew ikkomunika b'xi mod ieħor lill-istituzzjonijiet (ara s-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2019, Hypo Vorarlberg Bank vs SRB, T-377/16, T-645/16 u T-809/16, EU:T:2019:823, punti 194 u 199, u tat-28 ta' Novembru 2019, Portigon vs SRB, T-365/16, EU:T:2019:824, punti 171 u 176).

443 F'dan il-każ, is-SRB ipproduċa, bi tweġiba għal miżura istruttorja tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022, id-deċiżjonijiet intermedji li kienu rilevanti għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021. Dawn id-deċiżjonijiet, li sussegwentement ġew innotifikati lir-rikorrenti f'verżjoni mhux kunfidenzjali tagħhom, jinkludu, b'mod partikolari, pożizzjonijiet interni li kienu indirizzati lill-persunal tas-SRB bil-ħsieb li jiggwidawhom fil-proċess tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*.

444 Madankollu, kif jirriżulta mis-sunt tad-Deċiżjoni kkontestata fil-punti 5 sa 18 iktar 'il fuq, dawn jinkludu motivazzjoni dwar l-iffissar tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021.

445 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma identifikat l-ebda element fid-deċiżjonijiet intermedji li ma kienx inkluż fid-Deċiżjoni kkontestata nnifisha u li kien ġie kkunsidrat għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021.

446 Konsegwentement, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-eżistenza tad-deċiżjonijiet intermedji kellha xi impatt fuq il-firxa tal-informazzjoni disponibbli għar-rikorrenti sabiex tkun tista' tivverifika l-legalità tal-iffissar tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha u tikkontestaha quddiem il-qorti tal-Unjoni. B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel sas-sitt parti tat-tieni motiv, ir-rikorrenti setgħet tifhem l-elementi kollha tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante*, bl-eċċezzjoni tad-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali, fuq il-bażi tad-Deċiżjoni kkontestata biss.

447 Għalhekk, id-Deċiżjoni kkontestata hija distinta mid-deċiżjoni tas-SRB li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet *ex ante* li kienet is-suġġett tal-kawżi li wasslu għas-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2019, Hypo Vorarlberg Bank vs SRB (T-377/16, T-645/16 u T-809/16, EU:T:2019:823), u tat-28 ta' Novembru 2019, Portigon vs SRB (T-365/16, EU:T:2019:824). Tabilħaqq, din l-aħħar deċiżjoni ma kinitx tinkludi, b'mod partikolari, indikazzjonijiet li jikkonċernaw id-determinazzjoni mis-SRB tal-pilastru tar-riskju IV, fejn tali indikazzjonijiet jidhru biss fid-deċiżjonijiet intermedji inkwistjoni f'dawn il-kawżi (sentenzi tat-28 ta' Novembru 2019, Hypo Vorarlberg Bank vs SRB, T-377/16, T-645/16 u T-809/16, EU:T:2019:823, punt 195, u tat-28 ta' Novembru 2019, Portigon vs SRB, T-365/16, EU:T:2019:824, punt 172).

448 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma spjegatx kif – fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 444 sa 446 iktar ’il fuq – il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet intermedji kienet tippermettilha teżerċita, taħt kundizzjonijiet aħjar, id-drittijiet tagħha quddiem il-qrati tal-Unjoni jew kif tali pubblikazzjoni kienet ser tippermetti lil dawn tal-aħħar jeżerċitaw l-istħarriġ tagħhom b’mod iktar effettiv.

449 F’dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi nuqqas ta’ pubblikazzjoni jew komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet intermedji ma jistax, fih innifsu, iwassal għal nuqqas ta’ motivazzjoni għad-Deċiżjoni kkontestata.

450 Fid-dawl ta’ dak li ntqal iktar ’il fuq, is-seba’ parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

*i) Konklużjoni dwar it-tieni motiv*

451 Fid-dawl ta’ dak li ntqal iktar ’il fuq, it-tielet parti tat-tieni motiv għandha tiġi milqugħa. Il-partijiet l-oħra ta’ dan il-motiv għandhom jiġu miċħuda.

***3. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva minħabba n-natura mhux verifikabbli tad-Deċiżjoni kkontestata***

452 Ir-rikorrenti ssostni li s-SRB kiser il-prinċipju ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li fil-prattika, huwa impossibbli li jsir stħarriġ ġudizzjarju tad-Deċiżjoni kkontestata. Minn naħa, la l-Qorti Ġenerali u lanqas ir-rikorrenti ma kellhom data relatata ma’ istituzzjonijiet oħra għajr ir-rikorrenti, għalkemm din id-data hija meħtieġa għall-verifika tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* mħallsa minn din tal-aħħar. Min-naħa l-oħra, anki kieku l-Qorti Ġenerali kisbet aċċess għad-data inkwistjoni, ma kinitx tkun tista’ tużaha, peress li ma kellhiex is-software użat mis-SRB biex jikkalkola l-kontribuzzjonijiet *ex ante*, sabiex jiġu segwiti l-passi differenti tal-kalkolu skont l-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63.

453 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

454 Kif ġie rrilevat fil-punt 43 iktar ’il fuq, kienet ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, meta kienu qegħdin jistabbilixxu s-sistema għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* permezz tar-Regolament Delegat 2015/63 u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni 2015/81, li jirrikonċiljaw ir-rispett għas-sigriet kummerċjali u l-prinċipju ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva, b’tali mod li d-data koperta minn dan is-sigriet ma setgħetx tiġi kkomunikata lill-partijiet ikkonċernati u ma setgħetx, b’mod partikolari, tiġi inkluża fil-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-ammont tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*.

455 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 339 TFUE u l-Artikolu 88 tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB kien meħtieġ ukoll, meta jikkomunika d-Deċiżjoni kkontestata, li ma jiżvelax data koperta mis-sigriet kummerċjali lill-istituzzjonijiet.

456 Madankollu, hija r-responsabbiltà tal-qorti tal-Unjoni li tivverifika l-fondatezza tar-raġunijiet invokati mis-SRB biex jopponi l-komunikazzjoni tad-data użata għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet imsemmija, kif ġie rrilevat fil-punt 48 iktar ’il fuq.

457 F’dan il-każ, mill-eżami mwettaq fil-punti 292 sa 302 iktar ’il fuq jirriżulta li s-SRB kien iġġustifikat meta oppona l-komunikazzjoni lir-rikorrenti tad-data individwali relatata mal-istituzzjonijiet l-oħra.

458 Barra minn hekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-punt 54 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrifjutat l-argument li l-użu ta' software mis-SRB għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* jipprekludi l-eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju sussegwenti.

459 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

### *4. Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt primarju u sekondarju minħabba l-applikazzjoni ta' multiplikatur għall-indikatur tar-riskju tas-SPI għar-rikorrenti*

460 Is-sitt motiv huwa maqsum f'erba' partijiet.

#### *a) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2003 u tal-Artikolu 103(7)(h) tar-Regolament Nru 2014/59*

461 Ir-rikorrenti tfakkar li, fir-rigward tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, id-Deċiżjoni kkontestata applikat fattur ta' aġġustament ta' [*kunfidenzjali*] għaliha. Issa, l-applikazzjoni ta' tali fattur ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013 jew tal-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59. Fil-fatt, is-SPI li r-rikorrenti hija membru tagħha tipproteġi lill-istituzzjonijiet kollha li jagħmlu parti minnha bl-istess mod, b'tali mod li d-differenzjazzjoni bejn dawn l-istituzzjonijiet fir-rigward tal-indikatur tar-riskju tas-SPI hija kuntrarja għall-formulazzjoni u għall-ispirtu ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

462 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

463 Minn naħa, kif jirriżulta mill-punti 132 u 139 iktar 'il fuq, xejn fil-formulazzjoni tal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59 jew l-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013 ma impedixxa lill-Kummissjoni milli tipprevedi, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, li s-SRB, meta japplika l-indikatur tar-riskju tas-SPI, irid iqis il-ponderazzjoni relattiva tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà".

464 Min-naħa l-oħra, mill-premessi 114 sa 116 tad-Deċiżjoni kkontestata u mill-punt 131 tal-Anness III ta' dik id-deċiżjoni jirriżulta li s-SRB ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, li l-illegalità tiegħu, barra minn hekk, ma ġietx stabbilita.

465 Għaldaqstant, l-ewwel parti tas-sitt motiv għandha tiġi miċħuda.

#### *b) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 16 tal-Karta u tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

466 Ir-rikorrenti ssostni li, fir-rigward tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, il-klassifikazzjoni tagħha fi [*kunfidenzjali*] u, għalhekk, l-allokazzjoni lilha tal-fattur ta' aġġustament [*kunfidenzjali*] – li kellu l-effett li [*kunfidenzjali*] – huma sproporzjonati u jiksru l-libertà tagħha ta' intrapriża, sanċit fl-Artikolu 16 tal-Karta, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, sanċit fl-Artikolu 52(1) tagħha.

467 L-allokazzjoni ta' dan il-fattur ta' aġġustament għall-indikatur tar-riskju tas-SPI hija manifestament mhux iġġustifikata u arbitrarja, peress li r-rikorrenti kellha kapitalizzazzjoni tajba u profil tar-riskju pożittiv, u għalhekk il-probabbiltà tar-riżoluzzjoni tagħha kienet baxxa. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-qari tar-riżultati tal-analiżi tar-rikorrenti stess tal-indikaturi tar-riskju kif ukoll mill-istatistika tal-BĊE bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli fl-2019.

468 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

469 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti sempliċement tinvoka ksur tal-libertà ta' intrapriża sanċit fl-Artikolu 16 tal-Karta u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, mingħajr ma tiżviluppa argument iffokat dwar dawn il-prinċipji.

470 Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 217 iktar 'il fuq, l-ilmenti tar-rikorrenti għandhom għalhekk jiġu miċħuda sa fejn jikkonċernaw il-ksur ta' tali prinċipji.

471 Barra minn hekk, jekk l-argument tar-rikorrenti għandu jinftiehem fis-sens li fil-fatt issostni li s-SRB wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta allokalha [*kunfidenzjali*] għall-indikatur tar-riskju tas-SPI, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.

472 Fir-rigward tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, is-SRB u l-Kummissjoni speċifikaw li l-falliment ta' istituzzjoni b'karta bilanċjali kbira u kumplessa, bħar-rikorrenti, jista' jeżawrixxi kompletament il-fondi ta' SPI, b'differenza mill-falliment ta' istituzzjoni b'karta bilanċjali iżgħar u iktar sempliċi. Konsegwentement, ir-riskju li r-rikorrenti jkollha tirrikorri għas-SRF ma huwiex neċessarjament kopert mis-sħubija tagħha f'SPI. Issa, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda evidenza biex tikkontesta din l-allegazzjoni.

473 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tistax tistrieħ fuq l-analiżi tagħha stess tal-indikaturi tar-riskju jew fuq l-istatistika tal-BĊE biex tikkontesta l-evalwazzjoni tas-SRB tal-indikatur tar-riskju tas-SPI.

474 Minn naħa, din l-analiżi u din l-istatistika ma tkoprix l-istituzzjonijiet kollha li d-data tagħhom tqieset għall-kalkolu tal-indikatur tar-riskju tas-SPI tar-rikorrenti. Fil-fatt, fl-analiżi tagħha stess, ir-rikorrenti tqabbel lilha nnifisha ma' sitt istituzzjonijiet Ġermaniżi oħra biss. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB ikkunsidra d-data ta' 1 627 istituzzjoni biex jikkostitwixxi l-bins relatati mal-indikatur tar-riskju tas-SPI fuq il-bażi tal-Unjoni u d-data ta' 776 istituzzjoni biex jikkostitwixxi l-bins relatati mal-indikatur tar-riskju tas-SPI fuq il-bażi nazzjonali.

475 L-istess japplika għall-istatistika tal-BĊE. Din tal-aħħar tikkonċerna biss lil 113-il istituzzjoni, jiġifieri frazzjoni tal-istituzzjonijiet li d-data tagħhom tqieset mis-SRB għat-tfassil tal-bins relatati mal-indikatur tar-riskju tas-SPI.

476 Min-naħa l-oħra, l-analiżi tar-rikorrenti stess u l-istatistika tal-BĊE huma relatati ma' fatturi li ma humiex rilevanti għall-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI.

477 Tabilħaqq, skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, meta s-SRB jippondera l-indikatur tar-riskju tas-SPI, għandu jqis l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" applikabbli għall-istituzzjoni kkonċernata skont it-tifsira tal-Artikolu 6(5)(a) ta' dak ir-regolament delegat.

478 Issa, la l-fatturi differenti fl-analiżi tar-rikorrenti stess tal-indikaturi tar-riskju, jiġifieri l-proporzjon tal-kapital tal-grad 1, il-proporzjon tal-kapital totali, il-proporzjon tal-kapital TIER 1, il-proporzjon tas-self li ma jrendix (non-performing loan quote (NPL)), il-proporzjon tal-kopertura, il-proporzjon ta' konċessjoni (forbearance) u l-proporzjon ta' skoperturi li ma jrendux (non-performing exposures (NPE)), u lanqas il-fatturi fl-istatistika tal-BĊE, jiġifieri l-proporzjon tal-kapital totali, il-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1 u l-proporzjon ta' ingranaġġ, ma huma inklużi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jew fl-Artikolu 6(5)(a) ta' dak ir-regolament delegat.

479 Għaldaqstant, it-tieni parti tas-sitt motiv għandha tiġi miċħuda.

### *c) Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 20 tal-Karta u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament*

480 Ir-rikorrenti ssostni li l-applikazzjoni għaliha tal-fattur ta' aġġustament [*kunfidenzjali*] għall-indikatur tar-riskju tas-SPI tirriżulta fi trattament differenti mhux iġġustifikat meta mqabbla ma' istituzzjonijiet li jirċievu [*kunfidenzjali*] għall-indikatur tar-riskju tas-SPI, b'tali mod li d-Deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 20 tal-Karta u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

481 B'mod partikolari, is-sħubija f'SPI hija ċirkustanza li tagħmel l-istituzzjonijiet kollha kkonċernati komparabbli u ma kien hemm l-ebda kriterju oġġettiv li jiġġustifika differenza fit-trattament bejn l-istituzzjonijiet differenti li jappartjenu għal SPI. L-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" ma huwiex kriterju xieraq, kif ġie stabbilit fil-kuntest ħames motiv.

482 Barra minn hekk, l-allokazzjoni tal-fattur ta' aġġustament [*kunfidenzjali*] lir-rikorrenti tikkostitwixxi differenzjazzjoni manifestament mhux xierqa, fir-rigward tal-probabbiltajiet tal-falliment, ta' riżoluzzjoni u tal-użu tas-SRF min-naħa tagħha.

483 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

484 Minn naħa, kif ġie rrilevat fil-punti 160 sa 163 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma tistax issostni li l-istituzzjonijiet kollha li jappartjenu għal SPI huma f'sitwazzjoni komparabbli.

485 Min-naħa l-oħra, kif ġie kkonstatat fil-punt 165 iktar 'il fuq, l-elementi relatati mal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" użati għall-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI bejn l-istituzzjonijiet differenti li jappartjenu għal SPI jikkostitwixxu kriterji oġġettivi li huma, barra minn hekk, konsistenti ma' wieħed mill-għanijiet tas-SRM, jiġifieri l-inċentivar tal-istituzzjonijiet biex jadottaw modi ta' operat inqas riskjużi.

486 Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 159 iktar 'il fuq, it-tielet parti tas-sitt motiv għandha għalhekk tiġi miċħuda.

### *d) Fuq ir-raba' parti, dwar il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba*

487 Ir-raba' parti hija maqsuma f'żewġ ilmenti.

*1) Fuq l-ewwel ilment, jiġifieri li s-SRB ma mmotivax kif xieraq id-Deċiżjoni kkontestata*

488 Ir-rikorrenti ssostni li, fid-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB ma jispjegax b'mod suffiċjenti fid-dritt, minn naħa, ir-raġunijiet għaliex huwa xieraq li jinħolqu tliet bins għall-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI minflok, pereżempju, żewġ bins jew ħamsa u, min-naħa l-oħra, għaliex il-fattur ta' aġġustament tal-ewwel bin għandu jkun 5/9 u dak tat-tieni bin 7/9 sabiex "jiġu ddiversifikati l-effetti tal-parteċipazzjoni f'[SPI] skont il-fatturi addizzjonali relatati mal-grad ta' riskju tal-istituzzjonijiet".

489 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

490 Għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti tirrepeti, essenzjalment, parti mill-argumenti li invokat fir-rigward tal-Pass 4 insostenn għat-tielet ilment tal-ħames parti tat-tieni motiv.

491 Għaldaqstant, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 407 sa 409 iktar 'il fuq, l-ewwel ilment tar-raba' parti tas-sitt motiv għandu jiġi miċħud.

*2) Fuq it-tieni lment, jiġifieri li s-SRB kiser l-obbligu ta' investigazzjoni tiegħu*

492 Ir-rikorrenti ssostni li, billi assenjaha għall-bin [*kunfidenzjali*] għall-indikatur tar-riskju tas-SPI, is-SRB ma kkunsidrax il-fatti rilevanti kollha b'mod sħiħ, skrupluż u imparzjali. Fil-fatt, ma kienx eżamina kif il-protezzjoni mogħtija mis-SPI li r-rikorrenti hija membru tagħha tibbenefika lill-membri tagħha. Bl-istess mod, ma kienx ivverifika jekk, u sa liema punt, l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 jistax jiġġustifika l-formazzjoni ta' bin u differenzjazzjoni bbażata fuq ir-riskju meta mqabbel mal-membri l-oħra tas-SPI li għaliha tappartjeni r-rikorrenti. L-istess japplika għall-eżami ta' jekk, u sa liema punt, il-profil tar-riskju tar-rikorrenti u ċirkustanzi oħra tal-każ kinux jiġġustifikaw assenjazzjoni iktar favorevoli għaliha.

493 F'dan il-kuntest, is-SRB allegatament wettaq ukoll żbalji ta' evalwazzjoni. Fil-fatt, il-proċess tal-assenjazzjoni għall-bins iwassal għal riżultati żbaljati, speċjalment fil-każ ta' fużjoni ta' żewġ istituzzjonijiet li jappartjenu għal SPI. F'każ bħal dan, l-assenjazzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħrajn għall-bins tiġi mmodifikata, minħabba li jkun hemm inqas istituzzjonijiet x'jitqassmu fil-bins differenti, filwaqt li l-kriterji determinanti għar-rikonoxximent tal-indikatur tar-riskju tas-SPI msemmija fl-Artikolu 6(7) tar-Regolament Delegat 2015/63 jibqgħu l-istess.

494 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

495 Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, kif sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta, jimponi fuq l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni l-obbligu li jeżaminaw bir-reqqa u b'mod imparzjali l-elementi rilevanti kollha tal-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, EU:C:1991:438, punt 14, u tat-23 ta' Settembru 2009, L-Estonja vs Il-Kummissjoni, T-263/07, EU:T:2009:351, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

496 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li s-SRB jista' jqis biss, għall-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, jiġifieri l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" skont it-tifsira tal-Artikolu 6(5)(a) ta' dak ir-regolament delegat.

497 It-tieni, is-SRB huwa meħtieġ jikkalkola l-indikatur tar-riskju tas-SPI abbażi tad-data trażmessa mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat 2015/63.

498 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-SRB ma jistax jiġi kkritikat talli ma kkunsidrax, għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tar-rikorrenti, elementi invokati minn din tal-aħħar, bħal dawk imsemmija fil-punt 492 iktar 'il fuq, li ma huma previsti la fl-Artikolu 7(4) u lanqas fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat 2015/63.

499 It-tielet, għandu jiġi miċħud l-ilment li s-SRB wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta stabbilixxa l-bins għall-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI.

500 Qabelxejn, mill-punti 159 sa 165 iktar 'il fuq jirriżulta li s-SRB għandu l-libertà li jiddistingwi bejn il-membri ta' SPI sabiex jevalwa l-profil tar-riskju tad-diversi istituzzjonijiet għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħhom.

501 Sussegwentement, kif jirriżulta mill-eżami tal-ħames motiv iktar 'il fuq, is-SRB jista' jagħmel dawn id-distinzjonijiet fuq il-bażi tal-kriterju stabbilit fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, li skontu l-indikatur tar-riskju tas-SPI jiġi pponderat fuq il-bażi tal-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà".

502 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda prova konkreta lill-Qorti Ġenerali bil-għan li tikkontesta l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju.

503 Ir-raba', kif spjega s-SRB, essenzjalment, mingħajr ma ġie kontradett mir-rikorrenti, jekk żewġ istituzzjonijiet li jappartjenu għal SPI jingħaqdu f'fużjoni, din iċ-ċirkustanza tirriżulta fi tnaqqis fl-għadd ta' istituzzjonijiet li għandhom jiġu assenjati lill-bins stabbiliti għall-ponderazzjoni tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, u dan l-element jitqies awtomatikament fil-kalkolu finali ta' dan l-aħħar indikatur tar-riskju, sakemm din il-fużjoni tkun saret qabel tmiem is-sena ta' referenza msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat 2015/63.

504 Għaldaqstant, ir-raba' parti tas-sitt motiv għandha tiġi miċħuda.

***e) Konklużjoni fuq is-sitt motiv***

505 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, is-sitt motiv għandu jiġi miċħud.

***5. Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta, minħabba n-natura mhux xierqa tal-multiplikatur tal-aġġustament***

506 Ir-rikorrenti ssostni li l-multiplikaturi ta' aġġustament li ġew applikati għaliha – jiġifieri l-multiplikatur applikat għaliha għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha fuq il-bażi tal-Unjoni u dak applikat għaliha għall-kalkolu ta' din il-kontribuzzjoni fuq il-bażi nazzjonali – ma jaqblux mal-profil tar-riskju tagħha, b'tali mod li d-Deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 16 tal-Karta kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, sanċit fl-Artikolu 52(1) tagħha.

507 Ir-rikorrenti ssostni, b'mod partikolari, li għandha kapitalizzazzjoni tajba u profil tar-riskju pożittiv. Għalhekk, il-probabbiltà tar-riżoluzzjoni tagħha hija baxxa. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-qari tar-riżultati tal-analiżi tagħha stess kif ukoll mill-istatistika tal-BĊE bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli fl-2019.

508 Barra minn hekk, fir-rigward tal-indikatur tar-riskju tas-SPI, is-SRB ma kien ta lir-rikorrenti l-ebda raġuni oġġettiva li tiġġustifika l-assenjazzjoni ta' din tal-aħħar għall-bin [*kunfidenzjali*], minkejja l-protezzjoni totali mogħtija mis-SPI li tappartjeni għaliha. Dan kien wassal għal kontribuzzjoni *ex ante* [*kunfidenzjali*], b'mod li d-Deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 16 tal-Karta, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-Artikolu 20 tal-Karta.

509 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

510 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti sempliċement tinvoka ksur tal-prinċipji sanċiti fl-Artikoli 16 u 20 tal-Karta u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, mingħajr ma tiżviluppa ebda argument iffokat dwar dawn il-prinċipji.

511 Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 217 iktar 'il fuq, l-argument tar-rikorrenti għandu għalhekk jiġu miċħud sa fejn jikkonċerna l-ksur ta' tal-imsemmija prinċipji.

512 Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, jekk dan l-argument għandu jinftiehem fis-sens li fil-fatt ir-rikorrenti ssostni li s-SRB wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkalkola l-muliplikaturi ta' aġġustament tagħha, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.

513 L-ewwel nett, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq il-fatt li s-SRB kien assenja lir-rikorrenti għal bin żbaljat għall-indikatur tar-riskju tas-SPI, dan għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet kif stabbiliti fil-punti 500 sa 502 iktar 'il fuq.

514 It-tieni, ir-rikorrenti ma tistax tistrieħ fuq l-analiżi tagħha stess tal-indikaturi tar-riskju sabiex tikkontesta l-kalkolu tal-multiplikaturi ta' aġġustament tagħha. Minn naħa waħda, mill-premessa 112 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li s-SRB ikkunsidra sittax-il indikatur tar-riskju għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*. Madankollu, l-analiżi tar-rikorrenti tkopri biss wieħed minn dawn is-sittax-il indikatur, jiġifieri l-kapital tal-grad 1. Min-naħa l-oħra, f'din l-analiżi, ir-rikorrenti tqabbel lilha nnifisha ma' sitt istituzzjonijiet Ġermaniżi oħra biss. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-Anness II tad-Deċiżjoni kkontestata, is-SRB ikkunsidra d-data ta' 1 627 istituzzjoni biex jikkalkola l-kontribuzzjoni *ex ante* fuq il-bażi tal-Unjoni u d-data ta' 776 istituzzjoni biex jikkalkola din il-kontribuzzjoni fuq bażi nazzjonali.

515 Bl-istess mod, ir-rikorrenti ma tistax tistrieħ fuq l-istatistika tal-BĊE biex tikkontesta l-kalkolu tal-multiplikaturi ta' aġġustament tagħha. Minn naħa, din l-istatistika tkopri biss tnejn mis-sittax-il indikatur tar-riskju li ġew ikkunsidrati mis-SRB għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, jiġifieri l-"kapital tal-grad 1" u l-proporzjon ta' ingranaġġ. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija statistika tikkonċerna biss lil 113-il istituzzjoni, jiġifieri frazzjoni tal-istituzzjonijiet li d-data tagħhom tqieset mis-SRB għal dan il-kalkolu.

516 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, it-tmien motiv għandu jiġi miċħud.

### *6. Fuq id-disa' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 16, 20, 41 u 52 tal-Karta, minħabba żbalji manifesti ta' evalwazzjoni*

517 Ir-rikorrenti ssostni li s-SRB kiser is-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu u, għalhekk, kiser l-Artikoli 16, 20 u 41 tal-Karta kif ukoll il-prinċipju tal-proporzjonalità sanċit fl-Artikolu 52 tagħha, minħabba li wettaq bosta żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta kkalkola l-kontribuzzjoni *ex ante* tagħha.

518 L-ewwel nett, is-SRB ma kienx ikkunsidra jew iddetermina kif xieraq:

- l-impatt li l-kontribuzzjonijiet proċikliċi jista' jkollhom fuq il-qagħda finanzjarja tal-istituzzjonijiet meta jiġi ddeterminat il-livell fil-mira annwali previst fl-Artikolu 69(2) tar-Regolament Nru 806/2014;
- l-indikatur tar-riskju "[a]ttivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà";
- l-indikatur tar-riskju tas-SPI;
- ir-rigradazzjoni tal-ponderazzjonijiet tal-indikaturi tar-riskju fi ħdan pilastru tar-riskju fil-każ tan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' ċerti indikaturi tar-riskju.

519 It-tieni, l-indikaturi tar-riskju kif ukoll il-ponderazzjonijiet skont ir-Regolament Delegat 2015/63 jippermettu t-tfassil ta' bins u r-raggruppament fil-bins li jwasslu għal oneru fuq ir-rikorrenti li huwa manifestament mhux iġġustifikat fil-mertu, sproporzjonat u diskriminatorju. Kif ġie stabbilit fil-kuntest tas-seba' motiv, l-Anness I ta' dan ir-regolament delegat iwassal għal sitwazzjoni fejn il-firxa tal-valuri massimi u minimi hija wiesgħa b'mod sproporzjonat għall-ewwel u l-aħħar bin, fejn diversi bins huma vojta u fejn bins oħra għandhom għadd manifestament għoli wisq ta' istituzzjonijiet. F'dan ir-rigward, is-SRB allegatament injora s-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu u naqas milli jagħmel l-aġġustamenti għall-kontribuzzjonijiet *ex ante* imposti mill-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità.

520 Is-SRB jikkontesta dan l-argument.

521 Qabelxejn, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti sempliċement tinvoka ksur tal-prinċipji sanċiti fl-Artikoli 16, 20 u 41 tal-Karta kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità sanċit fl-Artikolu 52 tagħha, mingħajr ma tiżviluppa argument awtonomu u ffokat dwar dawn il-prinċipji.

522 Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 217 iktar 'il fuq, l-argument tar-rikorrenti għandu għalhekk jiġu miċħud sa fejn jikkonċerna l-ksur tal-imsemmija prinċipji.

523 Sussegwentement, sa fejn ir-rikorrenti ssostni li s-SRB wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta stabbilixxa l-bins u assenja lill-istituzzjonijiet għal dawn il-bins, dan l-ilment ma huwiex sostnut minn argumenti speċifiċi. B'mod partikolari, ir-rikorrenti ma tispeċifikax kif is-setgħa ta' evalwazzjoni mogħtija lis-SRB hija relatata mal-fatturi indikati fil-punt 518 iktar 'il fuq jew kif eżatt is-SRB kellu jqis dawn il-fatturi.

524 Bl-istess mod, għalkemm ir-rikorrenti tilmenta li s-SRB naqas milli jagħmel l-"aġġustamenti individwali meħtieġa" għar-riżultati tal-applikazzjoni tal-formula matematika fl-Anness I, taħt l-intestatura "Pass 2", fil-punt 2, tar-Regolament Delegat 2015/63 li jwieġbu għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità, din ma tispeċifikax in-natura ta' tali aġġustamenti.

525 Fl-aħħar, ir-rikorrenti ppreżentat argument ambigwu dwar il-metodu ta' tqassim f'bins. Minn naħa, b'riferiment għall-argumenti tagħha ppreżentati fil-kuntest tas-seba' motiv, tikkritika lis-SRB talli ma rrikonoxxiex li l-applikazzjoni tal-Pass 2 wasslet għal firxa sproporzjonalment wiesgħa ta' valuri għall-ewwel u l-aħħar bins, li diversi bins kienu vojta u li l-ewwel bins kellhom għadd manifestament għoli wisq ta' istituzzjonijiet. Permezz tal-ilment tagħha, ir-rikorrenti għalhekk tissuġġerixxi li hija tikkunsidra li l-metodu ta' tqassim f'bins ma jikkonformax mar-regoli ta' liġi ogħla, mingħajr ma tinvoka l-ebda eċċezzjoni ta' illegalità fil-kuntest ta' dan il-motiv. Issa, tali eċċezzjoni trid tiġi invokata b'mod ċar, sabiex l-awtur tal-att ikun jista' jiddefendi l-legalità tiegħu (ara, f'dan is-sens, id-Digriet tal-20 ta' Jannar 2009, Sack vs Il-Kummissjoni, C-38/08 P, EU:C:2009:21, punti 21 u 22). Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti tikkritika lis-SRB li, għall-istess raġunijiet, kiser ir-rekwiżiti tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa impossibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja li tidentifika b'mod preċiż il-portata tal-argumenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward u li tiġġudikahom fuq il-fondatezza tagħhom.

526 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, id-disa' motiv għandu jiġi miċħud.

### *7. Fuq il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-inkompatibbiltà tal-Artikoli 69 sa 70 tar-Regolament Nru 806/2014 ma' regolamenti ta' livell ogħla*

527 Huwa paċifiku li r-rikorrenti invokat il-ħdax-il motiv għall-ewwel darba fir-replika. Minkejja dan, hija tqis li dan il-motiv huwa ammissibbli peress li huwa bbażat fuq punti ta' fatt u ta' liġi li kienu jidhru matul il-proċedura ġudizzjarja. Fil-fatt, l-element meħtieġ biex jiġi mifhum jekk il-livell fil-mira annwali jaqbiżx il-limitu ta' 12.5 % tal-livell fil-mira finali, li huwa previst fl-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014, kien inġieb għall-attenzjoni tagħha permezz tad-Deċiżjoni SRB SRB/ES/2022/18 tas-SRB tal-11 ta' April 2022 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-2022 għas-SRF.

528 Is-SRB jitlob, minn naħa, li dan il-motiv jitqies inammissibbli minħabba li tqajjem fi stadju daqstant tard u, min-naħa l-oħra, li jiġi miċħud fuq il-merti.

529 Skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat matul l-istanza, sakemm dan il-motiv ma jkunx ibbażat fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura jew jikkostitwixxu l-amplifikazzjoni ta' motiv imsemmi preċedentement, direttament jew impliċitament, fir-rikors promotur u li jkollu rabta mill-qrib miegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2020, HeidelbergCement u Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni, T-380/17, EU:T:2020:471, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

530 Issa, minn naħa, huwa paċifiku li s-SRB indika fl-iskeda informattiva msemmija fil-punt 326 iktar 'il fuq l-ammont tal-livell fil-mira finali previst minnu, fil-forma ta' medda ta' bejn EUR 70 u EUR 75 biljun, sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021. Min-naħa l-oħra, mir-rikors jirriżulta li r-rikorrenti setgħet saret taf b'din l-iskeda qabel ma ppreżentat ir-rikors tagħha, peress li għamlet riferiment għaliha fil-kuntest tal-argumenti tagħha invokati insostenn tat-tieni motiv tagħha.

531 F' dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma tistax tgħid li l-punti ta' fatt invokati minnha insostenn tal-ħdax-il motiv, li jiġġustifikaw il-preżentazzjoni ta' dan il-motiv fl-istadju tar-replika, ma kinux diġà magħrufa minnha fiż-żmien li ppreżentat ir-rikors.

532 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma sostnietx li dan il-motiv kien jikkostitwixxi amplifikazzjoni ta' motiv imsemmi preċedentement.

533 F'dawn iċ-ċirksutanzi, il-ħdax-il motiv għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

534 Barra minn hekk, kieku kellu jiġi preżunt li l-ħdax-il motiv huwa ammissibbli, il-Qorti Ġenerali ma tkunx f'pożizzjoni li tevalwa l-fondatezza tiegħu. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 308 sa 340 iktar 'il fuq, id-Deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni dwar id-determinazzjoni tal-livell fil-mira annwali għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021 u għandha tiġi annullata għal din ir-raġuni. Issa, tali nuqqas ta' motivazzjoni jimpedixxi lill-Qorti Ġenerali milli teżamina l-fondatezza tal-ħdax-il motiv.

### C. Konklużjoni

535 Jirriżulta minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq li t-tielet parti tat-tieni motiv hija fondata sew, filwaqt li l-partijiet l-oħrajn ta' dan il-motiv, kif ukoll il-motivi l-oħra kollha invokati, għandhom jiġu miċħuda. Peress li t-tielet parti tat-tieni motiv waħedha hija ta' natura li tiġġustifika l-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata, din tal-aħħar għandha tiġi annullata sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti.

## V. Fuq il-limitazzjoni ratione temporis tal-effetti tas-sentenza

536 Is-SRB jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja żżomm, fil-każ ta' annullament tad-Deċiżjoni kkontestata, l-effetti tagħha sakemm tiġi sostitwita jew, tal-inqas, għal perijodu ta' sitt xhur mid-data li fiha s-sentenza ssir definittiva.

537 Ir-rikorrenti indikat fis-seduta, essenzjalment, li hija ma kinitx topponi din it-talba sa fejn id-Deċiżjoni kkontestata tiġi annullata fuq il-bażi ta' ksur ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali.

538 Għandu jiġi mfakkar li skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, il-qorti tal-Unjoni tista', jekk tqis li dan huwa meħtieġ, tiddikjara liema mill-effetti ta' att annullat għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi.

539 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza li, wara li jitqiesu r-raġunijiet relatati maċ-ċertezza legali, l-effetti ta' tali att jistgħu jinżammu, b'mod partikolari fejn l-effetti immedjati tal-annullament tiegħu jwasslu għal konsegwenzi negattivi serji u l-legalità tal-att ikkontestat tiġi kkontestata mhux minħabba l-iskop jew il-kontenut tiegħu, iżda minħabba ksur ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB, C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 175 u l-ġurisprudenza ċċitata).

540 F'dan il-każ, id-Deċiżjoni kkontestata ttieħdet bi ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali, f'din il-proċedura, ma kkonstatat l-ebda żball li jaffettwa l-legalità sostantiva ta' din id-deċiżjoni.

541 Barra minn hekk, kif iddeċidiet il-Qorti fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Landesbank Baden-Württemberg u SRB (C-584/20 P u C-621/20 P, EU:C:2021:601, punt 177), għandu jiġi kkonstatat li l-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tiġi prevista ż-żamma tal-effetti tagħha sakemm tiġi ssostitwita b'att ġdid jista' jxekkel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/59, tar-Regolament Nru 806/2014 u tar-Regolament Delegat 2015/63, li jikkostitwixxu parti essenzjali tal-Unjoni Bankarja, li tikkontribwixxi għall-istabbiltà taż-żona tal-euro.

542 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-effetti tad-Deċiżjoni kkontestata jinżammu fis-seħħ, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti, u dan sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jistax jaqbeż is-sitt xhur mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, ta' deċiżjoni ġdida tas-SRB li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni *ex ante* għas-SRF tar-rikorrenti għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021.

## VI. Fuq l-ispejjeż

543 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li s-SRB tilef, hemm lok li huwa jiġi kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk tar-rikorrenti, skont it-talbiet ta' din tal-aħħar.

544 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni SRB/ES/2021/22 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) tal-14 ta' April 2021 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-2021 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni hija annullata sa fejn din tikkonċerna lil Landesbank Baden-Württemberg.**

2) **L-effetti tad-Deċiżjoni SRB/ES/2021/22, sa fejn din tikkonċerna lil Landesbank Baden-Württemberg, ser jinżammu sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jistax jaqbeż is-sitt xhur mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, ta' deċiżjoni ġdida tas-SRB li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ta' din l-istituzzjoni għall-perijodu ta' kontribuzzjoni 2021.**

3) **Is-SRB għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti mil-Landesbank Baden-Württemberg.**

4) **Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.**

| | | |
|---|---|---|
| Kornezov | De Baere | Petrlík |
| Kecsmár | | Kingston |

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-20 ta' Diċembru 2023.

Firem

# Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 2

II. Id-Deċiżjoni kkontestata . . . 2

III. It-talbiet tal-partijiet . . . 5

IV. Id-dritt . . . 5

A. Fuq l-eċċezzjonijiet ta’ illegalità tal-Artikoli 4 sa 9 u 20 kif ukoll tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 . . . 7

1. Fuq ir-raba’ motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta’ illegalità tal-Artikoli 4 sa 9 kif ukoll tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, peress li jiksru l-prinċipji ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva u ta’ ċertezza legali . . . 7

a) Fuq l-ewwel parti, dwar allegat ksur tal-prinċipju ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva . . . 7

b) Fuq it-tieni parti, dwar allegat ksur tal-prinċipju ta’ ċertezza legali . . . 11

1) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq li l-Artikoli 4 sa 9 u tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63 ma jippermettux lill-istituzzjonijiet jikkalkolaw minn qabel il-kontribuzzjonijiet ex ante tagħhom . . . 11

2) Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq li l-Kummissjoni setgħet stabbilixxiet metodu alternattiv għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante . . . 17

3) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 12 tar-Regolament 2016/1011 . . . 19

c) Konklużjoni dwar ir-raba’ motiv . . . 19

2. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta’ illegalità tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63, peress li jikser diversi regoli superjuri . . . 19

a) Fuq l-ewwel parti, dwar l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-Artikolu 103(7)(h) tad-Direttiva 2014/59 u mal-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2013 . . . 20

b) Fuq it-tieni parti, dwar l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-“prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju” u l-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament . . . 22

1) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur tal-“prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju” . . . 22

2) Fuq it-tieni lment,, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament . 23

c) Fuq it-tielet parti, dwar l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-prinċipju ta’ ċertezza legali . . . 25

d) Fuq ir-raba' parti, dwar l-inkompatibbiltà tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament Delegat 2015/63 mal-prinċipju ta' kunsiderazzjoni sħiħa tal-fatti . . 26

e) Konklużjoni dwar il-ħames motiv . . . . . 26

3. Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 6, 7 u 9 u tal-Anness I tar-Regolament Delegat 2015/63, peress li jiksru diversi regoli superjuri . . . . . 26

4. Fuq l-għaxar motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Delegat 2015/63, peress li jiksru l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59 u tal-"prinċipju tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju" . . . . . 31

B. Fuq il-motivi dwar l-illegalità tad-Deċiżjoni kkontestata . . . . . 34

1. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 81(1) tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1 . . . . . 34

2. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqasijiet ta' motivazzjoni . . . . . 35

a) Osservazzjonijiet preliminari . . . . . 35

b) Fuq l-ewwel parti, dwar il-lingwa tal-verżjoni awtentika tad-Deċiżjoni kkontestata . 38

c) Fuq it-tieni parti, dwar il-kumplessità tal-motivazzjoni tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni ex ante . . . . . 38

d) Fuq is-sitt parti, dwar iż-żamma ta' data minn istituzzjonijiet oħra . . . . . 39

e) Fuq it-tielet parti, dwar il-motivazzjoni tal-livell fil-mira annwali . . . . . 41

f) Fuq ir-raba' parti, dwar il-motivazzjoni insuffiċjenti tal-kontribuzzjoni annwali bażika . . . . . 46

g) Fuq il-ħames parti, dwar il-motivazzjoni insuffiċjenti tal-aġġustament tal-kontribuzzjoni annwali bażika għar-riskju . . . . . 47

1) Fuq l-ewwel ilment, dwar l-impossibbiltà li jiġi vverifikat li l-istituzzjonijiet kollha kkonċernati huma suġġetti għal kontribuzzjoni aġġustata għall-profil tar-riskju . . . . . 48

2) Fuq it-tieni lment, dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-indikatur tar-riskju "attivitajiet ta' negozjar u skoperturi barra l-karta bilanċjali, derivattivi, kumplessità u riżolvibbiltà" . . . . . 48

3) Fuq it-tielet ilment, dwar il-passi 1 sa 6 tal-aġġustament tal-kontribuzzjoni annwali bażika għall-profil tar-riskju tar-rikorrenti . . . . . 49

i) Pass 1 . . . . . 49

ii) Pass 2 . . . . . 50

iii) Pass 3 . . . . . 52

iv) Pass 4 . . . 52

v) Pass 5 . . . 54

vi) Pass 6 . . . 55

h) Fuq is-seba' parti, dwar l-eżistenza ta' deċiżjonijiet intermedji mhux ippubblikati . . 58

i) Konklużjoni dwar it-tieni motiv . . . 59

3. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva minħabba n-natura mhux verifikabbli tad-Deċiżjoni kkontestata . . . 59

4. Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt primarju u sekondarju minħabba l-applikazzjoni ta' multiplikatur għall-indikatur tar-riskju tas-SPI għar-rikorrenti . . . 60

a) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 113(7) tar-Regolament Nru 575/2003 u tal-Artikolu 103(7)(h) tar-Regolament Nru 2014/59 . . . 60

b) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 16 tal-Karta u tal-prinċipju ta' proporzjonalità . . . 60

c) Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 20 tal-Karta u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament . . . 62

d) Fuq ir-raba' parti, dwar il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba . . . 62

1) Fuq l-ewwel ilment, jiġifieri li s-SRB ma mmotivax kif xieraq id-Deċiżjoni kkontestata . . . 63

2) Fuq it-tieni lment, jiġifieri li s-SRB kiser l-obbligu ta' investigazzjoni tiegħu . . . 63

e) Konklużjoni fuq is-sitt motiv . . . 64

5. Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta, minħabba n-natura mhux xierqa tal-multiplikatur tal-aġġustament . . . 64

6. Fuq id-disa' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 16, 20, 41 u 52 tal-Karta, minħabba żbalji manifesti ta' evalwazzjoni . . . 66

7. Fuq il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-inkompatibbiltà tal-Artikoli 69 sa 70 tar-Regolament Nru 806/2014 ma' regolamenti ta' livell ogħla . . . 67

C. Konklużjoni . . . 68

V. Fuq il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tas-sentenza . . . 68

VI. Fuq l-ispejjeż . . . 69